# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 226

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

16 ta’ Lulju 2014


Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**L-497 sessjoni plenarja tal-KESE tal-25 u s-26 ta’ Marzu 2014**


2014/C 226/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strumenti bbażati fuq is-suq għal ekonomija tal-UE effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 1

2014/C 226/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol u l-futur tal-professjonijiet liberi fis-soċjetà ċivili Ewropea tal-2020” (Opinjoni fuq inizjattiva) . . . . . 10

2014/C 226/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istatut tal-impriża mutwa Ewropea: fehmiet, rwol u kontribut tas-soċjetà ċivili” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 17

2014/C 226/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-impatt tal-investimenti soċjali fuq l-impjiegi u l-fondi pubbliċi” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 21


III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**L-497 sessjoni plenarja tal-KESE tal-25 u s-26 ta’ Marzu 2014**


2014/C 226/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Inwasslu s-suq intern tal-elettriku u niġbdu l-akbar profitt mill-intervent pubbliku’” *C(2013) 7243 final* 28

2014/C 226/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-baħħara li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE” *COM(2013) 798 final – 2013/0390 COD* . . . . . 35


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 226/07 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti" *COM(2013) 814 final – 2013/0400 (CNS)* | 40 |
| 2014/C 226/08 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea" *COM(2013) 794 final – 2013/0403 (COD)* | 43 |
| 2014/C 226/09 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom *COM(2013) 813 final – 2013/0402 (COD)* | 48 |
| 2014/C 226/10 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail" *COM(2013) 922 final – 2013/0445 (NLE)* | 54 |
| 2014/C 226/11 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment" *COM(2014) 66 final – 2014/0034 (COD)* | 61 |
| 2014/C 226/12 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali" *COM(2013) 821 final – 2013/0407 (COD)*, "il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali" *COM(2013) 822 final – 2013/0408 (COD)*, "il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew" *COM(2013) 824 final – 2013/0409 (COD) u* "l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-progress fl-Aġenda tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-Salvagwardji Proċedurali mogħtija lil Persuni Suspettati jew Akkużati – It-Tisħiħ tas-Sisien tal-Ispazju Ewropew għall-Ġustizzja Kriminali" *COM(2013) 820 final* | 63 |
| 2014/C 226/13 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara aċċidenti nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika" Abbozz imressaq skont l-Artikolu 31 tat-Trattat tal-Euratom għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew *COM(2013) 943 final – 2013/0451 NLE* | 68 |
| 2014/C 226/14 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 89/608/KEE, 90/425/KEE u 91/496/KEE dwar ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni żooteknika" *COM(2014) 4 final – 2014/0033 COD* | 69 |
| 2014/C 226/15 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għall-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' annimali għat-tnissil u tal-prodotti ġerminali tagħhom" *COM(2014)5 final – 2014/0032 COD* | 70 |

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-497 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE TAL-25 U S-26 TA' MARZU 2014

### Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Strumenti bbażati fuq is-suq għal ekonomija tal-UE effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" (opinioni fuq inizjattiva proprja)

(2014/C 226/01)

Relatur: **is-Sur Siecker**

Korelatur: **is-Sur Ribbe**

Nhar it-18 ta' Settembru 2013, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*Strumenti bbażati fuq is-suq għal ekonomija tal-UE effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha fit-3 ta' Marzu 2014.

Matul il-297 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'123 vot favur, 2 voti kontra u 6 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-progress fit-tranżizzjoni għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju qed iseħħ bil-mod wisq. Jekk l-UE trid tilħaq l-għanijiet għall-2050, kif inhuma stabbiliti f'diversi dokumenti tal-Kummissjoni, maqbulin mill-Istati Membri u bl-appoġġ ta' diversi Opinjonijiet tal-KESE, b'mod kosteffettiv u soċjalment aċċettabbli, irridu nħaffu l-proċess. Dan jista' jintlaħaq permezz ta' qafas regolatorju ċar u effettiv, flimkien ma' strumenti bbażati fuq is-suq li jirriżultaw minnu u li jkunu prevedibbli. L-għanijiet tat-tnaqqis tal-karbonju kif miftiehma mill-Istati Membri huma mfassla biex inaqqsu r-rata tat-tnaqqis tar-riżorsi u t-tisħin globali sabiex tiġi evitata kriżi ambjentali futura. L-għan għalll-perjodu ta' żmien medju biex dan jintlaħaq se jkollu jinkludu espansjoni kbira tal-enerġiji rinnovabbli, u tnaqqis gradwali u sostanzjali tal-faħam sakemm ma jirriżultax li l-qbid tal-karbonju (carbon capture) ikun vijabbli u soċjalment aċċettabbli.

1.2 L-effett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika ta' bħalissa tefa' l-enfasi fuq l-ipprezzar tal-enerġija minħabba l-impatt tal-prezzijiet għolja tal-enerġija fuq l-ispejjeż tal-enerġija għad-djar fil-kuntest tal-awsterità u l-kompettitività. L-enerġija titqies bħala piż li jxekkel l-irkupru pjuttost milli parti mis-soluzzjoni. Filwaqt li dan it-tħassib għandu jiġi indirizzat, huwa kruċjali li s-settur tal-enerġija b'mod partikolari jkun jista' jopera bi programm fuq perjodu ta' żmien twil għal tranżizzjoni fejn ikun hemm impenn kemm għal direzzjoni ċara kif ukoll għal stabbiltà fid-diversi politiki u l-mekkaniżmi ta' appoġġ relatati. L-importanza tal-istrumenti bbażati fuq is-suq hija li dawn għandhom iressqu 'l quddiem it-tranżizzjoni għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku.

1.3 Ir-riforma fiskali ambjentali għandha l-għan li tuża mekkaniżmi tas-suq biex tindirizza riperkussjonijiet negattivi relatati mal-użu ta' riżorsi naturali: dan isir b'mod li ma jkollux effetti baġitarji billi jitnaqqsu l-piżijiet tat-taxxi fuq ix-xogħol. Fl-istess ħin, ir-riforma fiskali ambjentali timplimenta l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas b'mod aktar sistematiku, permezz tal-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali u permezz tat-trasferiment tat-tassazzjoni minn fuq ix-xogħol għal fuq it-tniġġis. B'riżultat t'hekk, ir-riforma tikkoreġi fallimenti tas-suq, ittejjeb l-effiċjenza ekonomika, tgħin biex jiżviluppaw industriji ġodda li jipprovdu impjiegi sostenibbli u lokali, toħloq ambjent ċar u prevedibbli għal investimenti ekoinnovattivi, u tikkontribwixxi għar-restwar tal-istabbiltà fiskali wara r-reċessjoni billi toħloq dħul addizzjonali.

1.4 Il-prezzijiet tal-enerġija għolew fis-setturi kollha. Dan qed joħloq reazzjoni negattiva mill-familji u mill-industrija f'ħafna Stati Membri. Tinħtieġ riċerka dettaljata biex tistabbilixxi l-oriġini ta' din iż-żieda (produzzjoni, distribuzzjoni, taxxi), u tiddetermina fejn l-enerġiji rinnovabbli kkontribwixxew għal prezzijiet ogħla tal-elettriku u fejn wasslu għal prezzijiet stabbli jew orħos. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jimxu 'l quddiem b'sensittività bir-riforma fiskali ambjentali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi, u jħejju għal riforma aktar fundamentali fis-sistemi fiskali tagħhom meta jasal iż-żmien. Element ewlieni ta' din ir-riforma għandu jkun l-assigurazzjoni ta' prezzijiet tal-karbonju li jkunu adatti fl-UE u, għaldaqstant, anke f'livell globali maqbul. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel ir-riforma fiskali ambjentali parti integrali u permanenti mis-semestru Ewropew, b'enfasi partikolari biex tiġi inkoraġġita l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

1.5 Bħalissa l-użu tal-istrumenti bbażati fuq is-suq mhuwiex konsistenti u koerenti biżżejjed. L-Istati Membri tal-UE ma jisfruttawx bis-sħiħ l-opportunitajiet li toffri t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-innovazzjoni u l-immodernizzar tal-industrija u biex jissaħħaħ l-impjieg. Is-settur awtomobilistiku huwa eżempju tajjeb kif l-għan biex jitnaqqas l-użu tal-fjuwils idrokarburi ntlaħaq b'suċċess bl-użu ta' taħlita tajba ta' strumenti regolatorji u oħrajn ibbażati fuq is-suq. Hemm bżonn li nsaħħu u ntejbu l-istrumenti bbażati fuq is-suq b'mod li jibgħat sinjal qawwi lis-swieq. Il-Kumiktat jitlob lill-Istati Membri biex isegwu u jimplimentaw il-prinċipji tal-aħjar prattika adottati reċentament fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-swieq interni tal-enerġija u l-gwida ta' akkumpanjament ([1]). Ma għandux ikun hemm dubju li l-ikkompletar tas-suq uniku se jneħħi d-differenzi kbar fil-prezzijiet tal-enerġija fost l-Istati Membri. Barra dan, l-ikkompletar tan-netwerks tal-enerġija bejn l-istati għandu jnaqqas l-ispiża tat-tranżizzjoni għall-enerġiji rinnovabbli minħabba li l-impjanti ta' riżerva jsiru disponibbli b'mod aktar mifrux.

1.6 Minbarra l-politiki relatati mal-enerġija, il-Kumitat jinnota li l-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu jintużaw aktar billi jiġu applikati għal strateġiji oħra biex jittejjeb l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju bħalma huma r-riċiklaġġ, il-ġestjoni tal-iskart aktar sostenibbli u l-agrikoltura aktar sostenibbli.

1.7 Ir-riforma tat-taxxi ambjentali tħeġġeġ ċaqliq fil-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol għal fuq l-użu tar-riżorsi, u b'hekk tiffaċilita ż-żamma tal-impjiegi eżistenti u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda ġewwa bosta setturi ekonomiċi. Inkella f'xi setturi partikolari bħal dak tal-enerġija, jistgħu jiġu intaxxati l-emissjonijiet dannużi tas-$CO_2$ prodotti mill-fjuwils fossili u d-dħul jintuża biex jissussidja l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda iktar nodfa bħal dawk rinovabbli u l-effiċjenza fl-enerġjia bil-għan li tintlaħaq taħlita ta' enerġija ħafna iktar sostenibbli waqt li l-prezzijiet u l-kontijiet tal-enerġija jinżammu fl-livell iktar affordabbli. Din tista' tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni fiskali b'impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjieg li jkun iżgħar minn dak ta' taxxi diretti jew indiretti oħrajn. Il-Kummissjoni Ewropea għandha taqdi rwol ta' koordinazzjoni u tixpruna l-promozzjoni tar-riforma tat-taxxi ambjentali.

1.8 Il-Kumitat iqis li mhuwiex aċċettabli li l-attivitajiet li jagħmlu ħsara ambjentali u mhumiex ġustifikati għadhom jiġu ssussidjati fl-UE direttament mill-baġits pubbliċi u indirettament bħala "spejjeż esterni" li mhumiex internalizzati fil-prezzijiet tal-prodotti minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni tal-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas". Dawn is-sussidji joħolqu distorsjoni fis-swieq u jxekklu t-transizzjoni għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-UE ilha impenjata għal diversi snin sabiex tneħħi gradwalment is-sussidji ta' ħsara ambjentali, u biex tinternalizza l-ispejjeż esterni. Minħabba l-għan tal-UE ta' tneħħija ta' dawn is-sussidji sal-2020, il-Kumitat huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' attivitajiet suffiċjenti. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu inventarji u pjanijiet ta' azzjoni għat-tneħħija tas-sussidji ta' ħsara ambjentali kif previst fl-għan. Il-Kummissjoni għandha tkun il-fattur ewlieni li jikkoordina u jmexxi f'dan il-qasam ukoll, ngħidu aħna billi tinkludih fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

([1]) SWD(2013) 439 final.

1.9 L-enerġija mix-xemx u mir-riħ għandha impatt ambjentali ħafna inqas minn dik mill-fjuwils fossili. L-aħjar forom ta' produzzjoni tal-enerġija nadifa jikkunsidraw l-interessi soċjali u ambjentali kif ukoll il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri, iżommu l-produzzjoni f'pajjiżha u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija, kif ukoll joħolqu impjiegi ġodda. Madankollu l-enerġija nadifa ma tistax tikkompeti fis-suq fuq l-istess livell għax kemm l-enerġija mill-fjuwils fossili kif ukoll dik nukleari jirċievu sussidji (diretti u indiretti) fuq livell ogħla milli l-enerġija mis-sorsi rinovabbli. L-enerġija nadifa trid tingħata opportunità ġusta biex tiżviluppa. Dan jitlob li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-produzzjoni tal-enerġija.

1.10 Għalkemm l-għan ġenerali ta' tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju huwa ġeneralment aċċettat, il-ħeffa ta' tranżizzjoni u l-metodi magħżula għadhom jiġu diskussi b'mod intensiv. Hemm tħassib dwar x'jiġri fin-nuqqas ta' rikonoxximent tal-impatt tar-riċessjoni u l-kriżi tad-dejn fuq il-kapaċità li tiflaħ għaliha l-ekonomija tal-Ewropa. Hemm ukoll tħassib li t-tħaffif tal-miżuri ta' tranżizzjoni, fil-perjodu ta' żmien qasir sa medju ser ikun ta' ħsara għall-kapaċità kompetittiva. Fl-aħħar nett, bħalissa hemm nuqqas ta' qbil dwar il-benefiċċji ekonomiċi li l-miżuri tranżitorji se jġibu u hemm sentiment li effetti negattivi qed jiġu injorati. Din l-Opinjoni tirrikonoxxi dan it-tħassib u tagħraf li dan se jkun suġġett ta' diskussjoni kontinwa. Madankollu, il-Kumitat jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex iżidu s-sens ta' urġenza fit-twettiq b'suċċess tal-futur b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 L-Istati Membri Ewropej ma kienux attivi biżżejjed biex jaġġustaw l-ekonomiji tagħhom għat-tibdil tal-klima. Fl-UE kien hemm dibattitu komprensiv u fundamentali dwar jekk huwiex meħtieġ li s-soċjetà tiġi adattata għall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima. Minn dan ħareġ qbil dwar l-azzjoni li trid tittieħed għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż titjib ekoloġiku (greening) tal-ekonomija. Din id-direzzjoni politika hija kkonfermata f'diversi dokumenti: l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli 2001, u riveduta fl-2006, is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-inizjattiva ewlenija 'Ewropa effiċjenti fir-riżorsi' taħt l-Istrateġija Ewropa 2020, il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi, u l-Pjan Direzzjonali għal mixja lejn ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050. Il-Kumitat appoġġa din l-ambizzjoni f'diversi Opinjonijiet.

2.2 Fl-aħħar ħames snin l-Istati Membri kollha ffaċċjaw, sa ċertu punt, l-isfidi li rriżultaw mill-kriżi bankarja u l-kriżi tad-dejn sovran, li lkoll kienu aggravati mit-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija għad-djar u l-industrija fil-kuntest tal-awsterità u fil-kuntest ta' kompetizzjoni globali bi prezz iktar baxx qajmet mistoqsijiet dwar il-mod li bih qed tiġi implimentata l-politika tal-UE dwar l-ambjent u l-enerġija minħabba l-effetti sekondarji negattivi potenzjali tagħha. Is-sitwazzjoni hija kritika u jeħtieġ li tiġi indirizzata. L-istrumenti bbażati fuq is-suq għandhom jiġu applikati b'mod li jagħtu riżultati kemm fuq l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija kif ukoll biex jappoġġaw l-irkupru ekonomiku.

2.3 Għalkemm id-dibattitu nħoloq parzjalment minħabba t-tibdil fil-klima, id-diskussjoni hija wkoll dwar l-ekonomija u l-progress soċjali. L-Ewropa għandha ħafna x'tirbaħ jekk tmexxi t-transizzjoni għal ekonomija inklużiva u ekoloġika. Studju reċenti tal-Kummissjoni kkonferma li l-industrija Ewropea s'issa żammet il-pożizzjoni tagħha fis-suq dinji bis-saħħa tal-intensità relattivament baxxa tal-użu tagħha tal-enerġija u l-użu mifrux tal-enerġiji rinnovabbli ([2]). Il-Kumitat ġibed l-attenzjoni dwar l-opportunità li l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbionju tipprovdi għal mudelli ġodda ta' negozju sostenibbli u għall-bidla industrijali ([3]). Transizzjoni li tirnexxi u rapida mhijiex biss sfida, iżda dan il-mudell ekonomiku u ekoloġiku joffri wkoll lill-Unjoni l-aħjar opportunità biex tibqa' poter ekonomiku dinji. Fl-istess waqt hemm tħassib li fuq perjodu ta' żmien qasir il-prezzijiet tal-enerġija huma wieħed mill-fatturi li jwasslu għad-deindustrijalizzazzjoni u dan dan it-tħassib għandu jiġi indirizzat. B'mod partikolari l-industriji b'intensità enerġetika għolja qed jintlaqtu mill-preżżijiet baxxi tal-gass fl-Istati Uniti u fir-Russja. Madanakollu, għall-maġġoranza kbira tal-industriji l-ispejjeż tal-enerġija jibqgħu fattur inqas sinifikanti fil-kompetittività mill-produttività u l-ispejjeż tax-xogħol inġenerali. Il-Kummissjoni għamlet il-bidla lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħala element kruċjali tal-inizjattiva ewlenija tagħha għall-promozzjoni ta' industrija Ewropea aktar b'saħħitha ([4]) iżda issa ġibdet ukoll l-attenzjoni għall-fatt li t-tranżizzjoni għandha ssir b'mod li tikkunsidra r-realtajiet ekonomiċi u politiċi attwali ([5]).

---

([2]) European Commission,, Energy Economic Developments in Europe, European Economy 1/2014 (mhux disponiobbli bil-Malti).

([3]) Opinjoni tal-KESE dwar "Mudelli tan-negozju għat-tkabbir sostenibbli, ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-bidliet industrijali" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) , ĠU C 133/8, 9.5.2013.

([4]) COM(2012) 582 final, p. 8-12.

([5]) Komunikazzjoni mill-Kummiassjoni dwar "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" [COM (2014)15]

2.4 M’hemmx dubju li t-transizzjoni għal ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju għandha żżid is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa. Illum il-ġurnata l-Ewropa timporta aktar minn kemm jiswew EUR 500 biljun f’gass u żejt, parzjalment minn reġjuni politikament mhux stabbli. Is-sostituzzjoni tal-importazzjonijiet ta’ fjuwil bil-produzzjoni tal-enerġija b’livelli baxxi ta’ emissjonijiet tal-karbonju fl-UE se żżid ir-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea u tgħin biex il-ktajjen ta’ valur jinżammu fl-Ewropa. Jekk din it-transizzjoni ssir f’waqtha, b’ġestjoni intelliġenti tal-pass tal-bidla u bil-bilanċ ġust bejn l-interessi ekonomiċi, ekoloġiċi u soċjali, din tkun tista’ taqdi rwol ewlieni biex tingħeleb il-kriżi ekonomika.

2.5 Din it-transizzjoni ma tistax isseħħ għad-detriment tal-kompetittività tal-Ewropa u r-rekwiżit bażiku huwa livell ogħla ta’ attività ekonomika li tinvolvi aktar negozji f’numru akbar ta’ setturi li jimpjegaw aktar nies. F’dan il-kuntest, huwa impossibbli li ninjoraw l-impatt ta’ enerġija rħisa, prinċipalment mill-gass tax-shale li wassal biex il-manifattura tal-Istati Uniti terġa’ tqum fuq saqajha. L-ekonomija tal-UE tinħtieġ ħafna qawmien industrijali bħal dan biex in-nies jerġgħu jsibu x-xogħol u jiżdied id-dħul mit-taxxi. Parti minn dan it-tip ta’ qawmien se tkun teħtieġ aktar ċertezza u kapaċità akbar tal-politika tal-enerġija tal-UE biex tirreaġixxi għal pressjonijiet globali, filwaqt li tinżamm l-aġenda ġenerali ta’ ekonomija b’livell baxx ta’emissjonijiet tal-karbonju.

2.6 L-għan tal-UE huwa li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ jitnaqqsu bi 80 sa 95 % sal-2050 meta mqabbla mal-1990. Il-Kummissjoni tistma li kull sena 1,5 % addizzjonali tal-PDG Ewropew għandu jiġi investit fit-transizzjoni għal ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju sabiex jinkiseb dak l-għan. Jekk ma jsir xejn, il-Kummissjoni tistma li jkun hemm spiża ta’ EUR 50 biljun fis-sena. Madankollu, għal għaxriet ta’ miljuni ta’ ċittadini tal-UE li jinsabu qiegħda jew qed iġarrbu standards tal-għajxien inferjuri dawn l-“ispejjeż futuri” huma ħafna inqas reali mid-diffikultajiet preżenti. Sakemm ma tiġix riżolta din l-ansjetà li qed tidher, jistgħu jkunu meħtieġa konsiderevolment aktar ħin u flus biex jinkiseb l-għan.

2.7 L-ambizzjoni u r-regolamenti huma prinċipalment kliem; il-politika hija msejsa fuq fatti. Ma ttieħditx biżżejjed azzjoni fir-rigward tal-għanijiet. Hemm bosta raġunijiet għal dan: il-kriżi finanzjarja, nuqqas ta’ azzjoni mill-Istati Membri, bidla tal-politika fid-direzzjoni opposta mill-Istati Membri u oppożizzjoni mill-industrija tal-gass u ż-żejt. Però, barra dan hemm inċertezzi u aġġustamenti ġenwini kkawżati mill-impatt mhux mistenni ta’ żviluppi jew avvenimenti ġodda, pereżempju l-iżvilupp mgħaġġel tal-gass tax-shale fl-Istati Uniti u Fukushima. It-tipi ta’ politiki ta’ ’waqfien u bidu mill-ġdid’ li jirriżultaw minn dan ma jipprovdux il-qafas stabbli u prevedibbli li hemm bżonn. Biex il-proċess tat-tranżizzjoni jitkompla mingħajr dewmien għandna bżonn bilanċ bejn il-flessibiltà fil-politiki bl-impenn meħtieġ għal investiment fuq perjodu ta’ żmien twil u firxa ta’ strumenti bbażati fuq is-suq li jservu ta’ appoġġ. Dan jitlob djalogu intensiv bejn il-partijiet interessati kollha fil-katina tal-enerġija, l-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri, l-industrija u l-pubbliku ġenerali.

2.8 Bħas-swieq kollha, is-suq tal-enerġija jirreaġixxi għas-sinjali tal-prezzijiet fi ħdan il-qafas regolatorju fis-seħħ. Jekk is-suq tal-enerġija mhux qed jipprovdi t-taħlita tal-enerġija prevista fil-pjan ta’ tranżizzjoni allura s-sinjali tal-prezzijiet huma ħżiena. Is-sinjali jistgħu jiġu mibdulin iżda għandu jiġi żgurat li l-partijiet interessati ekonomiċi u soċjali ma jiġux żvataġġati bil-kbir.

2.9 Il-bidla għal ekonomiija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju għandha tikkunsidra l-impatti soċjali, b’mod partikolari fuq l-impjiegi. Il-Kummissjoni ddikjarat li t-tkabbir tal-impjiegi fl-ekonomija ekoloġika kien pożittiv matul ir-reċessjoni u huwa previst li jibqa’ pjuttost b’saħħtu. Is-setturi tal-użu effiċjenti tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli waħidhom jistgħu joħolqu 5 miljun impjieg sal- 2020 ([6]). Transizzjoni ġusta t

eħtieġ politiki ta’ impjieg attivi sabiex tiżgura impjiegi deċenti. Għal dan huwa kruċjali li jkun hemm qawmien tal-ekonomija u tar-rekwiżiti assoċjati magħha f’termini ta’ poltika tal-enerġija, infrastruttura u swieq. L-impatti fuq familji bi dħul baxx u fuq il-prezzijiet tal-enerġija għandhom jiġu kkunsidrati b’attenzjoni. Barra minn hekk, fis-settur tal-enerġija, il-prezzijiet tal-enerġija spiss ma jirriflettux b’mod korrett l-ispejjeż veri ta’ sorsi differenti tal-enerġija. Għall-kuntrarju tal-prezz tal-enerġija rinnovabbli ħafna mill-ispejjeż għall-enerġija konvenzjonali mhumiex irrappurtati separatament fil-prezzijiet tal-enerġija u ma jitħallsux għalihom fil-kontijiet tal-enerġija; minflok, dawn jiġu assorbiti bħala sussidji mill-baġit tal-gvern u jiġu moħbija f’forma ta’ spejjeż esterni għall-effetti ħżiena fuq is-saħħa u l-ambjent.

([6]) COM (2012) 173 final.

2.10 Il-qasam kumpless tal-prezzijiet tal-enerġija u l-impatt tal-ispejjeż kemm fuq il-konsumaturi domestiċi kif ukoll fuq dawk industrijali ġie eżaminat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa ([7]). Waħda mill-konklużjonijiet hija li l-miżuri ffinanzjati "mill-komponent tat-taxxa u l-imposta, relatati mal-politika tal-enerġija, fil-prezzijiet", il-qasam li ra l-akbar żieda f'dawn l-aħħar snin, għandhom jiġu applikati b'mod kemm jista' jkun kosteffettiv.

## 3. **L-istrumenti bbażati fuq is-suq**

### 3.1 *Kummenti ġenerali*

3.1.1 Tfassal ammont mhux ħażin ta' regolamentazzjoni tal-UE biex jintlaħaq tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju. Qafas regolatorju waħdu mhux se joffri s-soluzzjoni; jinħtieġu inċentivi finanzjarji u ekonomiċi bbażati fuq il-prinċipju tal-inċentivi u s-sanzjonijiet sabiex iservu ta' bażi għat-transizzjoni. L-istrumenti bbażati fuq is-suq, bħalma huma t-taxxi ambjentali, l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet u r-riforma tas-sussidji, għandhom rwol importanti f'dak il-proċess ([8]).

3.1.2 Dawn l-istrumenti jistgħu jbiddlu r-riżultat tal-attività tas-suq minħabba li jtejbu s-sistema tas-sinjali tal-prezzijiet billi jinternalizzaw l-ispejjeż esterni u joffru iktar flessibbiltà għan-negozji biex jilħqu l-objettivi u jinkoraġġixxu l-effiċjenza u l-innovazzjoni.

3.1.3 L-UE u l-Istati Membri żviluppaw ċerti għodod, bħalma huma r-riforma tat-taxxi ambjentali, it-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu l-ħsara, in-negozjar tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-akkwist ekoloġiku. Fil-prinċipju, l-istrumenti disponibbli jistgħu jkunu effettivi. Il-problema hija l-implimentazzjoni fil-leġislazzjoni, l-applikazzjoni adatta, il-kontroll u l-infurzar, u li dan isir f'kuntest fejn jiġi żgurat l-appoġġ għaċ-ċittadin. Jekk din il-katina ma tiġix żviluppata biżżejjed hemm riskju reali li l-istrumenti ma jaħdmux tajjeb u jwasslu għal riżultati ta' standard inferjuri filwaqt li jġibu magħhom spejjeż żejda għall-familji u l-industrija. Xhieda ta' din l-inkoerenza huma d-differenzi qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija bejn l-Istati Membri.

3.1.4 Jekk l-UE trid li tilħaq l-għanijiet tagħha għal livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju, hemm bżonn inħaffu l-proċess u nikkonvinċu l-opinjoni pubblika. Neħtieġu nsaħħu l-iffrankar tal-enerġija u nissostitwixxu l-provvista tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili bl-enerġija rinnovabbli – dawn it-tnejn huma fatturi ewlenin fit-transizzjoni għal ekonomija ekoloġika. Fit-tranżizzjoni minn provvista tal-enerġija mill-karbonju għal dik rinnovabbli, għandhom jiġu previsti fjuwils ta' riżerva u stadji intermedji li jużaw ngħidu aħna l-gass jew l-enerġija nukleari. Il-mod kif l-Istati Membri japplikaw l-istrumenti disponibbli ma jipprovdix stimolu b'saħħtu biżżejjed biex is-suq jaħdem aħjar. Strumenti importanti bħat-taxxi ekoloġiċi mhux qed jintużaw kemm suppost.

Fil-biċċa l-kbira dan hu minħabba li t-taħlita tal-enerġija disponibbli għal kull Stat Membru tvarja b'mod konsiderevoli skont il-ġeografija, il-klima, ir-riżorsi naturali u l-istorja, il-pjanijiet ta' azzjoni għat-tnaqqis tas-$CO_2$ tal-Istati Membri u l-użu tagħhom tal-istrumenti bbażati fuq is-suq.

3.1.5 Fil-fehma tal-Kumitat, l-enerġija rinnovabbli għandha tkun parti mit-taħlita u għandha tingħata prijorità b'mod li jassigura li l-politiki tal-enerġija jappoġġjaw kemm l-iżvilupp ekonomiku kif ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Minkejja dan, għalkemm iċ-ċirkostanzi tal-Istat Membru jvarjaw, il-KESE huwa ħerqan li jara grilji tal-enerġija transEwropej lesti malajr kemm jista' jkun. Dawn il-konnessjonijiet jistgħu jżidu riżorsa addizzjonali siewja għal kull strateġija nazzjonali.

3.1.6 Il-politika ambjentali għandha tkun marbuta mill-qrib ma' oqsma oħra ta' politika. Il-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-elettriku f'żoni rurali tista' toħloq ħafna impjiegi addizzjonali. Bil-fondi li jirriżultaw mill-għaqda tal-politika ambjentali mal-politika reġjonali, il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali tkun tista' tittejjeb b'mod sinifikanti.

---

([7]) COM (2014) 21 final.
([8]) COM (2007) 140 final.

3.2 *It-taxxi ambjentali*

3.2.1 L-idea wara taxxi bħal dawn hija dik li jiddaħħal prezz għall-attivitajiet ekonomiċi li jniġġsu l-ambjent biex b'hekk jintwerew l-ispejjeż vera tal-produzzjoni u l-konsum li ma jidhrux fil-prezzijiet tas-suq, u dan skont il-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas". Dan huwa l-każ, pereżempju, fil-Polonja, fejn in-negozji li jniġġsu għandhom jagħtu ħlas għall-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma li minnu jingħataw inċentivi ta' ħlas għal programmi ta' sostenibbiltà. Id-dritt li jiġu imposti taxxi diretti u indiretti fl-UE huwa f'idejn l-Istati Membri. Hemm biss għadd limitat ta' Stati Membri li għandhom taxxi ambjentali speċifiċi; jeżistu xi eżempji tajbin (jiġifieri l-Finlandja, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Pajjizi l-Baxxi, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, is-Slovenja u l-Estonja). Il-livell ta' bidla fit-taxxa jvarja fost l-Istati Membri; l-ammont totali ta' flus involuti huwa stmat li jlaħħaq aktar minn EUR 25 biljun fis-sena ([9]).

3.2.2 Minkejja s-suċċess tat-taxxi ambjentali f'xi Stati Membri, ir-riforma tat-taxxi ambjentali ma tilħaqx il-potenzjal sħiħ tagħha, li ġġib bidla estensiva fil-politika fiskali. Għandu jiġi enfasizzat li r-riforma tat-taxxi ambjentali toffri opportunitajiet kbar ħafna, b'mod partikolari bħala parti mill-miżuri għall-irkupru tal-impjiegi. Jekk jitwettaq fil-prattika l-motto tal-Kummissarju Hedegaard, "intaxxa dak li tuża, u mhux il-qligħ", u l-piżijiet tat-taxxa jgħaddu mix-xogħol għall-użu tar-riżorsi, allura jonqsu l-ispejjeż tax-xogħol għal min iħaddem u jitħaffef il-ħolqien ta' impjiegi ġodda, mhux biss fin-"niċeċ ekolġiċi" iżda f'bosta setturi ekonomiċi. Ir-riforma tat-taxxi ambjentali għandha tkun bażi għar-ristrutturar ġenerali meħtieġ fil-finanzi tal-gvern bil-għan ta' konsolidazzjoni fiskali. Naturalment riforma ta' din ix-xorta ma għandhiex iżżid il-piż globali tat-taxxa, u għandha tkun kosteffettiva u ekoeffiċjenti. Għandhom jiġu eviatati ż-żidiet fil-prezz tal-enerġija li jmorru lil hinn mill-ambitu ta' ffrankar tal-ispejjeż permezz tal-effiċjenza.

3.2.3 Ir-riforma tat-taxxi ambjentali tista' tgħin ukoll fl-irkupru minn defiċits fiskali. It-taxxi ambjentali jistgħu jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni fiskali filwaqt li jkollhom inqas impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjieg minn taxxi diretti jew indiretti oħra bħalma huma t-taxxa fuq id-dħul jew il-VAT ([10]). Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-approċċ tagħha biex tikkunsidra l-benefiċċji tar-riformi tat-taxxi ambjentali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u fis-semestru Ewropew.

3.3 *It-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara*

3.3.1 L-UE għandha l-għan li, sal-2020, tneħħi gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali ([11]). Il-Kummissjoni wegħdet dan fl-2006 u, fl-2009. Fl-2009 ukoll, is-Summit tal-G-20 qabel li jagħti bidu għat-tneħħija gradwali ta' "sussidji ineffiċjenti tal-fjuwils fossili li jħeġġu l-konsum ħali". Dan l-impenn kien inkluż ukoll fil-qafas tal-Kooperazzjoni Ekonomika Asja-Paċifiku u fir-rilżutati tal-konferenza Rio+20. Minkejja dawn il-wegħdiet kollha, s'issa għadu ma sarx biżżejjed.

3.3.2 F'livell globali, l-OECD rrappurtat dwar is-sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali fil-pajjiżi membri: l-appoġġ dirett mill-baġit kif ukoll il-konċessjonijiet tat-taxxa għall-fjuwils fossili jammontaw għal USD 55 sa 90 biljun fis-sena ([12]). L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija tikkalkula li s-sussidji tal-fjuwils fossili fid-dinja kollha jammontaw għal USD 523 biljun u tirreferi għal dawn is-sussidji bħala l-akbar għadu għall-pubbliku ([13]). Il-Bank Dinji jistma li s-sussidji tal-fjuwils fossili jlaħħqu USD 775 biljun fis-sena. Jekk il-politiki ma jinbidlux, is-sussidji għall-fjuwils fossili se jiżdiedu b'rata għolja ħafna fi ftit snin u se joħolqu ħafna problemi żejda. L-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji sal-2020 se tnaqqas sostanzjalment id-domanda għall-enerġija u se tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'1,7 gigatunnellati, filwaqt li żżid id-dħul addizzjonali għall-gvernijiet.

([9]) Institute for European Environmental Policy (IEEP), Reforming environmental taxes and harmful subsidies: challenges and opportunities, p. 6.

([10]) Vivid Economics, Carbon taxation and fiscal consolidation: the potential of carbon pricing to reduce Europe's fiscal deficits, rapport imħejji għal European Climate Foundation u Green Budget Europe, Mejju 2012.

([11]) Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020

([12]) OECD, Fossil fuel subsidies: billions up in smoke?, 2013

([13]) European Wind Energy Association, stqarrija għall-istampa, 4.2.2013

3.3.3 Sal-lum għad m'hemmx data komprensivi dwar is-sussidji għall-fjuwils fossili fl-UE; iċ-ċifri minn diversi sorsi jvarjaw. L-istampa ġenerali hija li huma ssussidjati sew. Fil-livell tal-UE il-fjuwils fossili huma ssussidjati sa EUR 68,8 biljun fis-sena, inkluż EUR 26 biljun f'sussidji diretti u sa EUR 42,8 biljun li l-Istati Membri u ċ-ċittadini jkollhom iħallsu bħala kumpens għall-impatti negattivi soċjali u għas-saħħa ([14]). Is-sussidji ta' ħsara ambjentali ma ddaħħlux biex jagħmlu ħsara diretta lis-saħħa u lill-ambjent, u kellhom għanijiet pożittivi oħra fosthom il-provvista ta' enerġija rħisa minn sorsi lokali u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqisu jekk xorta għadhomx iridu jappoġġjaw dawk l-għanijiet u jekk iva, kif jistgħu jagħmlu dan f'mod li ma jagħmilx ħsara ambjentali. Dan jista' jibda jsir billi jitwaqqaf inventarju tal-UE li jagħti stampa ġenerali ta' dawn is-sussidji.

3.3.4 Minbarra s-sussidji diretti mill-baġits pubbliċi u l-ispejjeż esterni tas-saħħa, iridu jiġu kkunsidrati l-ispejjeż l-oħra tal-effetti negattivi ambjentali li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' fjuwils fossili, bħal spejjeż ta' segwitu għall-ħsarat ambjentali u maltempati u għargħar qawwija kkawżati mit-tisħin tal-klima. Dawn "l-spejjeż esterni" huma l-konsegwenza ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas". L-Aġenzija Federali għall-Ambjent fil-Ġermanja tistma li l-ispejjeż ambjentali esterni tal-ġenerazzjoni ta' karbonju huma ta' EUR 80 għal kull tunnellata ta' $CO_2$ ([15]) li jfissru piż addizzjonali ta' EUR 290 biljun. Abbażi tal-fatt li 3,652 biljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ huma kkawżati minn attivitajiet ta' kombustjoni ta' fjuwil ([16]). L-impjanti tal-enerġija nukleari jirċievu sussidi totali ta' EUR 35 biljun fl-UE, li ma tinkludix l-ispejjeż li jkopru r-riskji ta' aċċidenti u r-rimi tal-iskart. L-enerġija rinnovabbli tirċievi EUR 30 biljun f'sussidji diretti kull sena.

3.3.5 Minkejja dawn l-inugwaljanzi, it-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli qed tiżviluppa malajr; il-prezz tal-enerġija rinnovabbli naqas b'mod mgħaġġel f'dawn l-aħħar snin (il-prezz tal-pannelli solari naqas b'85 %) u s-settur ħoloq ħafna impjiegi filwaqt li l-prezz tal-enerġija fossili dejjem jibqa' għoli. F'Ottubru 2013, gruppi b'interess fis-settur tal-enerġija talbu biex ma jibqgħux jingħataw sussidji għall-enerġija rinnovabbli, u żieda fis-sussidji għall-enerġija nukleari. Jekk dan iseħħ, l-enerġija rinnovabbli mhix se tkun tista' tikkompeti ma' sistemi oħra ta' provvista tal-enerġija minħabba nuqqas ta' kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd.

3.3.6 Mhux is-sussidji kollha huma dannużi. F'sitwazzjonijiet fejn teknoloġija ġodda kellhom bżonn jiġu żviluppati biex jappoġġjaw l-ekonomija iktar sostenibbli tal-futur, jista' jkun utli li jingħataw sussidji biex jappoġġjaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-infrastuttura inizjali sakemm it-teknoloġiji l-ġodda jkunu jistgħu jikkompetu fis-suq. Appoġġ bħal dan kien kruċjali fl-ewwel stadji tal-iżvilupp tal-enerġija rinovabbli u hemm bżonn li jibqa' jingħata sakemm l-enerġija rinovabbli tkun stabbilita sew bħala sors ta' enerġija kompetittiva għall-futur.

3.3.7 Skont il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi, l-Istati Membri jkunu identifikaw is-sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali li huma l-iktar sinifikanti permezz ta' metodi stabbiliti, jkunu ħejjew pjanijiet u skedi taż-żmien biex itemmu gradwalment dawn is-sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali, u rrapurtaw dwar dan bħala parti mill-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom. Dawn il-passi ma ġewx implimentati biżżejjed. Studju mid-DĠ ENV fl-2012 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-għotjiet u tipi oħra ta' sussidji ([17]) li ngħataw u li jagħmlu ħsara ambjentali fl-UE u jipproponi pjan direzzjonali għar-reviżjoni ta' dawn l-għotjiet. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra din l-għodda fis-semestru Ewropew attali.

3.4 *L-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet*

3.4.1 L-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS) hija l-istrument ekonomiku ewlieni tal-Ewropa, u hija bbażata fuq il-prinċipju tal-limiti massimi u n-negozjar, u mmirata biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Is-sistema hija maħsuba biex tagħti inċentiv qawwi biex il-kumpaniji jinvestu fil-prevenzjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra, filwaqt li tagħtihom il-flessibbiltà li jagħmlu dan bl-aktar mod effiċjenti.

---

([14]) Iċ-ċifri dwar sussidji diretti ttieħdu minn *OECD (2013), Inventory of Estimated Budgetary Support and Tax Expenditures for Fossil Fuels 2013, OECD* u minn *IVM Institute for Environmental Studies (2013), 'Budgetary support and tax expenditures for fossil fuels: an inventory for six non-OECD EU countries'*; iċ-ċifri dwar l-impatti fuq is-saħħa ttieħdu minn rapport ta' *HEAL (Health and Environment Alliance), The unpaid health bill – how coal power plants make us sick*, rapport ippubblikat fl-2013; ara wkoll l-artiklu f'*Süddeutsche Zeitung* tal-14 ta' Ottubru 2013 http://www.sueddeutsche.de/wirtschaft/foerderung-der-energiebranche-oettinger-schoent-subventionsbericht-1.1793957

([15]) Federal Environmental Agency, Schätzung der Umweltkosten in den Bereichen Energie und Verkehr, 2012

([16]) Sors: EU energy in figures – statistical pocketbook 2013.

([17]) Institute for European Environmental Policy, Study supporting the phasing-out of environmental harmful subsidies, October 2012.

3.4.2 L-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet attwalment qed tħabbat wiċċha ma' żbilanċ bejn il-provvista u d-domanda li jwassal biex l-inċentiv tal-prezz ma jinkoraġġix biżżejjed l-investiment meħtieġ f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-provvista żejda ta' kwoti tal-emissjonijiet tirriżulta prinċipalment mill-kriżi ekonomika qawwija li ma kinitx mistennija u minħabba użu mifrux ta' krediti internazzjonali. Tinħtieġ b'mod urġenti riforma strutturali tal-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet sabiex l-iskema sservi ta' inċentiv qawwi għall-investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-eċċess ta' kwoti jinħtieġ jitneħħa mis-suq u d-drittijiet li jifdal għandhom ikunu marbuta ma' miri futuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ li se jkunu neċessarji biex jintlaħaq l-għan tal-UE ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050. Riforma bħal din għandha tqis ukoll l-fattibbiltà teknoloġika u l-vijabbiltà ekonomika tal-industriji u tikkunsidra b'attenzjoni l-potenzjal ta' konsegwenzi mhux intenzjonati fil-futur.

3.5 *L-aġġustament tal-karbonju fuq il-fruntieri*

3.5.1 Għandhom jittieħdu aktar passi biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju; bħalma hu l-aġġustament tal-karbonju fuq il-fruntieri, li hija sistema mmirata biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet indaqs. Taħt din is-sistema, il-prezz tal-oġġetti importati jiżdied fuq il-fruntieri fuq il-bażi ta' kalkolu tal-massa tal-emissjonijiet għal dawk l-oġġetti. Mudelli fi studju reċenti ([18]) juru li l-aġġustament tal-karbonju fuq il-fruntieri jista' jnaqqas sostanzjalment ir-rilokazzjoni tal-karbonju f'setturi rilevanti.

3.5.2 Madankollu, xi msieħba kummerċjali ewlenin tal-Ewropa ma jaqblux mal-aġġustamenti tal-karbonju fuq il-fruntieri fil-forma li qed tiġi diskussa bħalissa. Din il-kwistjoni għandha tiġi negozjata fid-WTO. It-trattat jippermetti li jitiqesu temi "mhux kummerċjali". Ma għandhiex tiġi sottovalutat d-diffikultà li dan isir fin-nuqqas ta' ftehim dinji dwar l-ipprezzar tal-karbonju. It-tħassib jista' jiġi indirizzat permezz ta' tfassil aħjar tal-aġġustamenti tal-karbonju fuq il-fruntieri. Il-punt kruċjali huwa li aġġustament tat-taxxi fuq il-karbonju fuq il-fruntieri mhuwiex għodda anti-dumping iżda jikkontribwixxi għal politika dinjija għal klima sostenibbli, sakemm dan jitfassal sew.

3.6 *Il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli*

3.6.1 Il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli hija waħda mill-fatturi essenzjali għat-transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu jaqdu rwol importanti hawnhekk. L-introduzzjoni ta' dawn l-istrumenti hija f'idejn l-Istati Membri; għadd minnhom għażlu strumenti differenti biex jissussidjaw l-enerġija rinnovabbli: appoġġ għall-investiment u appoġġ operattiv inkluż sistema ta' pprezzar għat-tqegħid fuq il-grilja. L-esperjenzi f'diversi Stati Membri juru li din is-sistema tal-aħħar wasslet għall-ogħla żieda fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, ta' spiss billi offriet rati garantiti u vantaġġjużi ta' redditu fuq l-investiment.

3.6.2 Madanakollu, huwa importanti li t-tariffi "feed-in" biex jinkoraġixxu l-installazzjoni ta' tipi ta' enerġija rinovabbli ma jkunux finanzjati biss minn żieda fil-prezzijiet tal-enerġija b'mod ġenerali għax dan jista' joħloq reazzjoni pubblika negattiva għat-tariffa u l-enerġija rinovabbli. Madankollu, b'xorti ħażina, dan ġara f'ħafna postijiet u r-reazzjoni negattiva hija tassew reali. Tinħtieġ azzjoni korrettiva urġenti biex issaħħaħ l-appoġġ taċ-ċittadini favur ir-revoluzzjoni ekoloġika.

3.6.3 Il-fatt li l-Istati Membri għandhom skemi ta' appoġġ differenti jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija. Il-Kumitat jirrakkomanda l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq li jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' skemi nazzjonali fis-suq Ewropew tal-enerġija. L-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, kif definiti fid-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli tal-2009, huwa wkoll ta' importanza kbira biex jiġu sfruttati aktar is-sinerġiji fi ħdan is-suq tal-elettriku ([19]).

3.7 *L-istrumenti bbażati fuq is-suq fis-settur awtomobilistiku*

3.7.1 B'mod ġenerali, is-settur awtomobilistiku kien eżempju tajjeb ta' applikazzjoni ta' strumenti bbażati fuq is-suq li rnexxiet. L-għan tat-tranżizzjoni huwa li jitnaqqas u finalment jiġi eliminat l-użu ta' fjuwils tal-idrokarburi fis-settur. L-istrateġija hija magħmula minn erba' elementi: regolamentazzjoni, teknoloġija, infrastruttura u strumenti bbażati fuq is-suq. Ir- regolamentazzjoni tintuża biex ittejjeb l-effiċjenza tal-fjuwil u jitnaqqsu l-emissjonijiet minn vetturi ġodda b'magna ta' kombustjoni interna (ICVs). It-teknoloġija tagħmilha possibbli li jkun hemm konformità mar-regolamenti dwar l-idrokarburi u biex jiġu żviluppati vetturi elettriċi (EV). Ladarba l-użu tal-vetturi elettriċi jinfirex se tkun meħtieġa infrastruttura li tinvolvi punti għall-iċċarġjar imkejjel bil-miter, skambju ta' batteriji, eċċ., sabiex tissostitwixxi u, finalment, tieħu post l-infrastruttura tal-provvista ta' idrokarburi. L-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu jaqdu rwol deċiżiv fit-tranżizzjoni aktar ma jsir żvilupp fir-regolamentazzjoni, it-teknoloġija u l-infrastruttura.

---

([18]) Vivid Economics, Carbon taxation and fiscal consolidation: the potential of carbon pricing to reduce Europe's fiscal deficits, rapport mħejji mill-European Climate Foundation u l-Green Budget Europe, Mejju 2012

([19]) SWD(2012) 164 final

3.7.2 L-aktar applikazzjoni ovvja tal-istrumenti bbażati fuq is-suq kienet iż-żieda fit-taxxi fuq il-fjuwils idrokarburi. Bħala effett din ġiegħlet lis-sidien tal-vetturi b'magna ta' kombustjoni interna biex jużaw vetturi iżgħar li jagħmlu użu aktar effiċjenti tal-fjuwil, it-trasport pubbliku u r-roti. Sar ukoll adattament tat-tassazzjoni tal-vetturi b'magna ta' kombustjoni interna biex jitħeġġeġ ix-xiri u l-użu ta' vetturi effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, kemm permezz ta' taxxi fuq il-prezzijiet tax-xiri kif ukoll permezz ta' taxxi annwali fuq l-użu tal-vettura. L-istess sistema ta' tassazzjoni differenzjata tal-vetturi qed tintuża biex tiffavorixxi l-vetturi elettriċi, għalkemm għad hemm ħafna ostakli oħra biex l-użu tal-vetturi elettriċi jkun jista' jinfirex.

3.8 *L-akkwist ekoloġiku*

3.8.1 L-akkwist pubbliku huwa attur tas-suq kbir u jirrappreżenta 16 % tal-PDG tal-UE. Għalhekk, l-akkwist pubbliku ekoloġiku huwa strument importanti għall-promozzjoni ta' prodotti u servizzi ekoloġiċi. F'dawn l-aħħar snin, permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u l-Komunikazzjoni dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku, il-Kummissjoni ħadmet fuq sistema komprensiva ta' gwida u appoġġ. Abbażi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni mill-Istati Membri, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-għan indikattiv li sal-2010 50 % tal-infiq kollu għandu jkun ekoloġiku. Dan l-għan għadu 'l bogħod milli jintlaħaq u għandu jingħata prijorità akbar fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri.

3.9 *Investimenti mis-settur privat*

3.9.1 It-trasformazzjoni lejn tendenza aktar sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fis-settur tal-enerġija u oħrajn timplika ristrutturar fundamentali tal-ekonomija. Il-gvernijiet u l-politiki tal-gvern waħidhom ma jistgħux jiksbu dan. Jinħtieġ l-involviment tas-soċjetà kollha dwar il-kwistjonijiet, u djalogu kollaborattiv estensiv mal-partijiet interessati kollha involuti sabiex jintlaħaq kunsens u jingħata impenn għat-tibdiliet meħtieġa. Skont il-Pjan direzzjonali għal ekonomija b'użu baxx ta' karbonju, is-setturi privati u dawk pubbliċi għandhom jinvestu EUR 270 biljun fis-sena għall-erba' deċennji li jmiss. Terz ta' dawn l-investimenti jista' jiġi ffinanzjat minn fondi pubbliċi; il-bqija għandhom jiġu ffinanzjati mis-settur privat. Dawn huma investimenti fuq perjodu ta' żmien twil; il-Kummissjoni tqis li dan l-investiment huwa sfida ċentrali sabiex tressaq lill-UE lura fid-direzzjoni ta' ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, pereżempju permezz ta' fondi ta' investiment Ewropew fuq terminu twil (ELTIFs) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

3.9.2 Kif irrakkomandat mill-OECD f'Dokument ta' Ħidma dwar l-Ambjent mill-2012, il-gvernijiet għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' infrastruttura strateġiċi u komprensivi, marbutin b'mod sħiħ mal-miri nazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, biex b'hekk jippermettu li jsir investiment f'infrastruttura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għall-klima, u investiment fit-tkabbir ekoloġiku. Il-Kummissjoni għandha tfittex ukoll opportunitajiet sabiex tinħoloq klima ta' investiment tal-ELTIFs b'rabta ma' futur sostenibbli. F'dan ir-rigward, il-prijoritajiet ta' investiment tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u tal-Fondi Ewropej tal-Investiment fuq terminu twil għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet tal-Pjanijiet Direzzjonali 2050 tal-UE għal ekonomija b'użu baxx ta' karbonju u dwar l-enerġija, l-Istrateġija ta' adattament, u l-Pakkett tal-UE 2030 dwar il-klima u l-enerġija li qed jiġi diskuss bħalissa.

3.9.3 Dawn il-fondi jistgħu jagħmlu dan it-tip ta' investiment aktar faċli. Minħabba li l-maturità fuq perjodu ta' żmien twil tal-assi li jridu jiġu ffinanzjati huwa allinjat mar-responsabbiltà tal-investituri istituzzjonali, dawn it-tipi ta' fondi jistgħu jattiraw wkoll riżorsi mis-suq tal-kapital. Il-kundizzjoni hija naturalment li dawn l-investimenti jkunu attraenti għax ir-riskji – b'mod partikolari r-riskji regolatorji – jkunu limitati, minħabba li hemm possibbiltà ta' qligħ biżżejjed, u minħabba li l-proġetti li fihom isir l-investiment ikunu finazjarjament u teknikament tajba.

3.9.4 Il-fondi u l-istrumenti finanzjarji innovattivi maħsubin biex jattiraw ir-riżorsi tas-suq tal-kapital huma milqugħa. Madankollu, is-settur bankarju se jkompli jiffinanzja parti kbira tal-ekonomija Ewropea bi strumenti ta' dejn tradizzjonali. L-istandards ta' prattiki bankarji ekoloġiċi huma għalhekk rekwiżit essenzjali biex issir bidla fil-finanzjament privat, minn investimenti konvenzjonali għal investimenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-klima u tal-enerġija jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji innovattivi jikkatalizzaw finanzjament privat għal investimenti li mhumiex possibbli mod ieħor.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol u l-futur tal-professjonijiet liberi fis-soċjetà ċivili Ewropea tal-2020" (Opinjoni fuq inizjattiva)**

(2014/C 226/02)

Relatur: **is-Sur METZLER**

Nhar l-14 ta' Frar 2013, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, li jħejji Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*Ir-rwol u l-futur tal-professjonijiet liberi fis-soċjetà ċivili Ewropea tal-2020*

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-10 ta' Frar 2014 ([1]).

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu 2014), il-Kumitat adotta din l-Opinjoni b'210 voti favur, 8 voti kontra u 11-il astensjoni.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Fil-ġejjieni, is-sistema tal-professjonijiet liberi, sakemm isiru l-adattamenti soċjali meħtieġa, ser tkun adattata biex tagħti kontribut sinifikanti għall-forniment ta' servizzi ta' kwalità relatati mal-"benesseri soċjali", bħas-saħħa u għat-twettiq tad-doveri fil-qasam tal-provvista statali, kif ukoll il-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini u għall-prosperità ekonomika. Il-professjonijiet liberi huma element ta' kwalunkwe soċjetà demokratika u jirrappreżentaw potenzjal ta' tkabbir sosntanzjali fir-rati tal-impjieg u l-PDG.

1.2. Il-kunċett ta' "professjoni libera" mhuwiex qiegħed jiġi użat f'ċerti Stati Membri tal-UE. Is-sistema tal-professjonijiet liberi kif ukoll il-problemi u s-soluzzjonijiet soċjali assoċjati magħha jeżistu madwar l-UE kollha. F'dan ir-rigward, kemm-il darba jsiru lmenti dwar id-difetti fl-implimentazzjoni tas-superviżjoni u tal-assigurazzjoni tal-kwalità, li ħafna drabi jkunu kkawżati minn nuqqasijiet fl-implimentazzjoni u mhux minn żbalji fis-sistema.

1.3. Kemm ir-*"rules-based regulation"* kif ukoll il-*"principles-based regulation"* huma adattati biex tintlaħaq regolamentazzjoni ottimali tal-professjonijiet liberi.

1.4. Il-forniment ta' servizzi professjonali liberi huwa kkaratterizzat minn informazzjoni asimmetrika bejn il-fornitur u r-riċevitur tas-servizz. Is-servizzi huma marbutin ma' kwistjonijiet eżistenzjali tal-ħajja, is-saħħa, il-liġi jew ma' kwistjonijiet ekonomiċi sinifikanti. Il-fornitur għalhekk ikollu jissodisfa rekwiżiti professjonali u etiċi partikolarment għoljin.

1.5. Għal professjonijiet partikolari f'diversi pajjiżi teżisti regolamentazzjoni tal-prezzijiet. Din tista' sservi għall-ħarsien tal-konsumatur. Ir-regolamentazzjonijiet tal-prezzijiet għandhom bżonn ġustifikazzjoni speċifika u jitfasslu b'tali mod li jservu l-ġid ġenerali u mhux lil xi grupp ta' interess speċifiku.

1.6. Fl-Istati Membri kollha l-assoċjazzjonijiet professjonali jew il-korpi professjonali jirrappreżentaw l-interessi tal-professjoni tagħhom, jaġixxu b'mod konsultattiv, u f'xi każijiet b'mod formattiv, fir-rigward tar-regolamentazzjoni statali u jiggarantixxu wkoll, permezz ta' kollaborazzjoni kontinwa u attiva mal-istituzzjonijiet, il-ħarsien tal-interessi ġenerali taċ-ċittadini u tal-Istat. Is-semplifikazzjoni amministrattiva hija waħda mill-prijoritajiet tal-professjonijiet liberi li jagħmlu investimenti kbar fir-riżorsi finanzjarji u umani, mingħajr ma jieħdu lura xi tip ta' kumpens finanzjarju mill-Istat.

1.7. L-Istati Membri tal-UE jfasslu u jissorveljaw l-awtoamministrazzjoni fl-Istati rispettivi. Waqt dan iridu jeskludu kunflitti bejn l-awtorità regolatorja u r-rappreżentanza tal-interessi u jiżguraw il-konformità mal-aspettattivi tal-konsumatur fir-rigward tal-għarfien, l-etika u l-karattri tal-fornituri.

1.8. Il-kontribut tal-professjonijiet liberi għall-prestazzjoni tajba tal-amministrazzjoni, il-politika u l-ekonomija ta' Stat Membru huwa rikonoxxut fil-livell nazzjonali u Ewropew għaliex dawn jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u s- servizzi għaċ-ċittadini u l-konsumaturi.

---

([1]) Huwa u jfassal din l-Opinjoni, il-KESE wettaq studju għall-Europäischen Zentrum für Freie Berufe der Universität zu Köln (L-Istat tal-Professjonijiet Liberi fir-Rigward tal-Funzjonijiet u r-Rilevanza tagħhom għas-Soċjetà Ċivili Ewropea EESC/COMM/05/2013), li bħalissa qed tiġi finalizzata l-pubblikazzjoni tiegħu.

1.9. Il-professjonijiet liberi huma kruċjali għall-opportunitajiet ta' xogħol disponibbli għaż- żgħażagħ li jagħżlu futur fil-qasam ta' intrapriża ħielsa u l-investiment fl-għarfien tagħhom. Il-professjonisti indipendenti għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u/jew ftehimiet kollettivi fir-rigward tal-impjegati tagħhom u ż-żgħażagħ li mingħandhom jirċievu taħriġ, traineeships, apprendistati u korsijiet ta' kontinwazzjoni tal-edukazzjoni.

## 2. **Mill-"*artes liberales*" għall-fornitur ibbażat fuq l-għarfien**

2.1. It-terminu tal-"professjoni libera" jagħmel użu mit-terminu tal-"*artes liberales*", li permezz tiegħu fi żminijiet antiki kienu deskritti attivitajiet bħal dawk tal-għalliem, tal-avukat, tal-bennej, tal-arkitett jew tal-inġinier kif ukoll tat-tabib. Hawnhekk l-eżerċitar tal-"*artes liberales*" kien privileġġ taċ-ċittadini ħielsa u n-nobbli.

2.2. Mis-seklu 19 'l hawn il-"professjoni libera" ma baqgħatx tiġi definita permezz tat-"twelid liberu", iżda permezz tal-attività eżerċitata.

2.3. Sal-bidu tas-seklu 19, ċerti professjonijiet liberi kienu żviluppaw rabta mill-qrib mal-Istat. Dan kien ixekkilhom milli jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod indipendenti, u konsegwentement fis-soċjetà nħoloq ċertu disprezz fir-rigward tagħhom. Dan kien jolqot b'mod partikolari lill-avukati, li sa ċertu punt kienu jiġu maħtura u ttrasferiti mill-qrati. Is-superviżjoni u d-dixxiplina ta' din il-professjoni wkoll kienu f'xi każijiet f'idejn il-qrati.

2.4. L-influwenza tal-liberaliżmu wasslet biex fis-seklu 19 il-professjonijiet liberi f'diversi pajjiżi tal-UE jsiru konxji tal-istatus tagħhom u ħolqu l-organizzazzjonijiet professjonali tagħhom b'mod indipendenti mill-Istat. Hekk l-avukatura nħallet mill-influwenzi tal-Istat. Il-komunità akkademika medika wkoll irnexxielha tilħaq libertà ristretta mir-regolamentazzjoni u l-kontroll statali tal-professjoni tagħha.

2.5. Il-kompiti tal-awtorizzazzjoni professjonali, l-ordni tal-professjoni u s-superviżjoni professjonali ħafna drabi ħadu ħsiebhom l-organizzazzjonijiet professjonali. Aktar tard ir-regolamentazzjoni ġiet iddelegata lill-organizzazzjonijiet/korpi professjonali tal-awtoamministrazzjoni.

2.6. It-terminu attwali ta' "professjoni libera" huwa deskrizzjoni soċjoloġika.

2.7. Il-karatteristiċi ta' professjoni libera huma l-provvista ta' servizz immaterjali ta' kwalità għolja u ta' natura intellettwali għolja ħafna abbażi ta' taħriġ (akkademiku) ta' kwalità għolja, ir-rabta tas-servizz mal-ġid komuni, it-twettiq professjonalment u ekonomikament indipendenti tal-attività, il-provvista tas-servizz, f'kapaċità personali, responsabbli u professjonalment indipendenti, l-eżistenza ta' relazzjoni speċjali ta' fiduċja bejn il-klijent u min jipprovdi s-servizz, il-preċedenza tal-interess li l-klijent jingħata l-aħjar servizz possibbli fuq l-interess li jsir profitt massimu; kif ukoll ir-rispett ta' regoli professjonali u etiċi stretti u preċiżi.

2.8. Attività tista' tiġi kklassifikata wkoll bħala professjoni libera jekk xi karatteristiċi partikolari ma jkunux preżenti, iżda jkollha l-karatteristiċi ewlenin. Għalhekk f'ħafna Stati l-klassifikazzjoni bħala attività professjonali libera ma teskludix il-fatt li dawn qegħdin jiġu pprovduti b'kuntratt ta' impjieg, ladarba madankollu tinżamm l-indipendenza professjonali. Il-KESE jinnota li kien hemm diversifikazzjoni tal-professjonijiet liberi kif ukoll tal-korpi jew l-organizzazzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tagħhom fis-sistema tal-professjonijiet liberi fl-Ewropa. Għaldaqstant jeħtieġ li l-professjonijiet liberi ġodda, bħal dawk ta' psikologu, assistent soċjali, konsulent fiskali, konsulent dwar diffikultajiet finanzjarji, ġeometra jew medjatur, li mhumiex meqjusa bħala professjonijiet liberi fil-pajjiżi kollha jagħmlu parti mid-definizzjoni kunċettwali.

2.9. Fl-Istati Membri t-terminu tal-professjoni libera huwa mifhum b'mod differenti ferm, u f'xi wħud ma jeżistix. Xi Stati jikkunsidraw biss għadd żgħir ta' professjonijiet bħala professjonijiet liberi: professjonijiet tas-saħħa, professjonijiet ta' konsulenza bħal avukati, konsulenti fiskali u awdituri, konsulenti tax-xogħol, inġiniera u arkitetti. Minbarra dawn, Stati Membri oħrajn jikkunsidraw ukoll l-attivitajiet artistiċi bħala professjonijiet liberi.

2.10. L-Istati Membri kollha għandhom jipprevjenu li tkun sfruttata l-karatteristika prinċipali tal-professjonijiet liberi, jiġifieri l-informazzjoni asimmetrika bejn min jipprovdi u min jirċievi s-servizz. Is-servizzi pprovduti mill-professjonisti huma kumplessi u jeħtieġu livell għoli ta' kompetenza esperta. Għalhekk ir-riċevitur tas-servizz m'għandux informazzjoni, kompetenza u esperjenza suffiċjenti, sabiex fl-għażla tal-fornitur u wara li jkun irċieva s-servizz ikun jista' jevalwa l-kwalità tas-servizzi pprovduti.

2.11. Il-professjonijiet liberi, għalhekk, huma bbażati fuq il-fiduċja. Minħabba l-informazzjoni asimmetrika r-riċevitur tas-servizz irid ikollu fiduċja li l-fornitur ma jisfruttax dan in-nuqqas ta' informazzjoni favur tiegħu, iżda jipprovdih bl-aħjar servizz possibbli, adattat għall-ħtiġijiet tiegħu. B'hekk ir-riċevitur tas-servizz ikollu fiduċja sħiħa meta jqabbad lill-professjonist. Standards professjonali minimi u l-konformità mal-kodiċi tal-etika professjonali huma l-istrumenti adattati sabiex il-fiduċja tar-riċevitur tas-servizz tkun protetta.

## 3. Ir-regolamentazzjoni u l-għanijiet tagħha

3.1. L-Istati Membri jirregolaw il-professjonijiet liberi essenzjalment permezz ta' żewġ approċċi differenti: approċċ ibbażat fuq il-prinċipji (*"principles-based regulation"*) u approċċ aktar proskrittiv u preskrittiv ibbażat fuq ir-regoli (*"rules-based regulation"*).

3.2. Ir-regolamentazzjoni tal-professjonijiet liberi tiġbor fiha l-kundizzjonijiet morali għall-eżerċitar ta' professjoni kif ukoll l-istandards etiċi professjonali. Huma jesprimu r-responsabbiltà soċjali tal-professjonijiet liberi. Il-ġabra tal-istandards etiċi professjonali kollha hija msejħa deontoloġija.

3.3. Il-*"principles-based regulation"* hija kkaratterizzata permezz tal-formulazzjoni ta' prinċipji bażiċi astratti tal-liġi professjonali, li jridu jiġu kkonkretizzati fil-każijiet individwali (*"outcomes-based regulation"*). Min-naħa l-oħra, il-mod kif min ikun soġġett għal dawn l-istandards jilħaq il-miri stabbiliti f'każ individwali, jitħalla fid-diskrezzjoni tiegħu. B'kuntrast għal dan, ir-*"rules-based regulation"* hija mfassla b'mod każistiku.

3.4. Iż-żewġ approċċi ta' regolamentazzjoni għandhom vantaġġi u żvantaġġi. Madankollu, huma jissodisfaw il-prinċipju bażiku tas-soċjetà billi jipprovdu parir indipendenti u appoġġ. Maż-żmien il-problemi u s-soluzzjonijiet jistgħu jinbidlu, u dan jeħtieġ l-adattament tar-regoli jew il-ħolqien ta' oħrajn ġodda.

3.5. L-evalwazzjoni regolari tar-regoli min-naħa tal-UE hawnhekk tista' tkun ta' għajnuna u għandha tkun stabbilita wkoll fuq livell nazzjonali. B'hekk, il-professjonijiet liberi antiki jkunu jistgħu "jinħelsu" (pereżempju fil-bini) u, skont il-bżonn, jiġu introdotti regoli li jqisu professjonijiet liberi ġodda (pereżempju fil-qasam tal-ġbir ta' intelligence jew l-industrija bankarja).

## 4. L-aspetti ekonomiċi

4.1. Il-professjonijiet liberi jagħtu kontribut sinifikanti għall-ħolqien u l-preservazzjoni ta' infrastruttura soċjali importanti. Madwar wieħed minn kull sitt persuni li jaħdmu għal rashom huwa attiv f'industrija relatata mal-professjonijiet liberi; u t-tendenza qiegħda togħla. L-istess japplika għal wieħed minn kull 6 impjegati.

4.2. L-ammont u r-rata tan-nisa li jaħdmu għal rashom f'industriji relatati mal-professjonijiet liberi żdiedu waqt il-perjodu ta' osservazzjoni 2008 – 2012. Ir-rata ta' madwar 45 % hi sostanzjalment ogħla mir-rata ta' nisa li jaħdmu għal rashom fl-ekonomija inġenerali (31,1 %).

4.3. L-industriji relatati mal-professjonijiet liberi jikkontribwixxu iktar minn wieħed minn kull għaxar euro tal-Valur Miżjud Gross. It-tnaqqis fil-valur miżjud tal-professjonijiet liberi fis-sena tal-kriżi 2009 kien iktar moderat mill-ekonomija inġenerali. Ċifri tal-UE: "konsulenzi maniġerjali" u "uffiċċji tal-inġinerija" 600 000 impriża f'kull qasam; 550 000 impriża fil-"konsulenza legali" u l-"awditjar"; 315 000 impriża fl-"uffiċċji tal-arkitettura"; u 270 000 impriża fir-"reklamar u riċerka tas-suq".

4.4. Fid-dawl tal-potenzjal għat-tkabbir u s-sehem li jirrappreżentaw l-impjiegi fis-settur – li fil- biċċa l-kbira tagħhom jitolbu l-kwalifiki u huma stabbli – l-attività tal-professjonijiet liberi għandha tiġi rikonoxxuta u appoġġjata fid-dimensjoni intraprenditorjali tagħha kollha. Il- KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-professjonijiet liberi bħala intraprendituri mija fil-mija u juri r-rieda tiegħu li jappoġġja s-settur tagħhom billi jinkludihom, fost l-oħrajn, fil-programmi maħsuba biex jiffavorixxu l-iżvilupp u l- kompetittività tal-SMEs. Dan l-approċċ jitlob li jiġu analizzati u żviluppati l-kundizzjonijiet tal-istrutturi għall-eżerċitar tal-professjonijiet liberi kif, wara kollox, tesiġi d-direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern. Il-professjonijiet liberi ma jistgħux jiżviluppaw ruħhom biss bis-saħħa ta' kumpaniji b'soċju wieħed jew fuq bażi individwali u għandhom joħolqu d-distanza meħtieġa bejnhom u l-problema tal-impjieg indipendenti fittizju.

## 5. Etika u skop ta' qligħ

5.1. Fl-Istati Membri kollha l-professjonijiet liberi huma marbutin b'mod intrinsiku mal-ġid komuni. Il-professjonijiet tas-saħħa u l-professjonijiet relatati mal-kura psikoloġika u soċjali jħaddmu l-infrastruttura li tipproteġi s-saħħa taċ-ċittadini kollha. Il-professjonijiet ta' konsulenza legali u fiskali huma parti mil-libertajiet ta' Stat kostituzzjonali demokratiku. Barra minn dan, flimkien mal-awdituri huma jiżguraw it-twettiq mingħajr tfixkil tal-proċessi ekonomiċi. Dan ifisser li dawn il-professjonijiet huma relatati b'mod dirett mad-drittijiet fundamentali.

5.2. Fl-istess ħin ir-rabta tal-professjonijiet liberi mal-ġid komuni ġġib magħha wkoll responsabbiltà etika speċjali. Il-professjonijiet ta' konsulenza legali u fiskali kif ukoll l-awdituri huma għas-servizz tal-istat tad-dritt u barra minn hekk jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-klijenti tagħhom.Il-professjonisti fil-qasam soċjali u l-psikologi jikkontribwixxu biex joħolqu ambjent inklużiv u aktar stabbli mil-lat tar-relazzjonijiet, dak psikologu u soċjali għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. Il-professjonijiet tal-arkitettura u l-inġinerija jipproteġu lis-soċjetà minn perikoli relatati mal-bini u l-impjanti tekniċi u jippromwovu l-innovazzjoni tas-soċjetà kif ukoll il-kwalità tal-ħajja tan-nies permezz tal-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-infrastruttura teknika u żviluppi tekniċi ġodda. Il-professjonijiet artistiċi jservu biex irawmu u jsawru l-kultura. Dan kif ukoll l-informazzjoni asimmetrika msemmija hawn fuq jeħtieġu taħriġ ta' livell għoli kif ukoll rekwiżiti etiċi partikolarment għoljin.

5.3. Ir-relevanza partikolari għall-ġid komuni tas-servizzi ta' professjoni libera u r-rekwiżiti obbligatorji għall-provvista tas-servizzi li din iġġib magħha jeħtieġu salvagwardjar permezz ta' regolamentazzjonijiet professjonali obbligatorji u katalgu aċċettat b'mod ġenerali ta' standards dwar l-imġiba etika relevanti għall-professjoni rispettiva. Għalhekk wieħed isib livell minimu ta' regolamentazzjoni fl-Istati Membri kollha. Il-KESE jirrakkomanda li l-korpi, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet kollha tal-professjonijiet liberi jistabbilixxu kodiċijiet ta' mġiba u standards etiċi kif ukoll kummissjonijiet tal-etika fi ħdan il-professjonijiet differenti.

5.4. Il-korpi li jirrappreżentaw professjoni għandhom ifasslu, f'każ li ma jeżistix, kodiċi tal-etika bħala linji gwida professjonali mhux vinkolanti għall-Istat Membru tagħhom. Barra minn hekk, il-korpi u l-assoċjazzjonijiet professjonali għandhom ifasslu kodiċijiet tal-etika Ewropej għall-professjoni rispettiva tagħhom, sabiex ir-rekwiżiti stretti rigward is-servizzi pprovduti mill-professjonijiet liberi jiġu enfasizzati u rispettati madwar l-Ewropa kollha. L-Artikolu 37 tad-Direttiva dwar is-Servizzi [2] jinkoraġġixxi li jinħolqu kodiċijiet tal-kondotta. Minħabba l-importanza tas-servizzi pprovduti mill-professjonijiet liberi għall-klijenti u l-fiduċja partikolari li dawn irid ikollhom f'min jipprovdilhom s-servizz, huwa indispensabbli li dawn is-servizzi jiġu pprovduti f'kapaċità personali.

5.5. Minħabba r-relazzjoni ta' fiduċja personali bejn min jirċievi u min jipprovdi s-servizz kif ukoll in-natura personali ħafna tal-interessi legali involuti, huwa indispensabbli li l-liġi tipproteġi s-sigriet professjonali ta' min jipprovdi s-servizz u l-kollegi tiegħu u d-dritt tagħhom li jirrifjutaw li jixhdu, kif ukoll li dawn ikunu pprojbiti milli jagħtu xhieda. Dawn huma karatteristiċi ta' Stat kostituzzjonali liberu.

5.6. Servizzi ta' professjoni libera li huma marbutin mal-oqsma prinċipali tal-interess pubbliku, pereżempju l-kura medika, is-servizzi soċjali jew psikoloġiċi, spiżeriji u pariri legali, għandhom ikunu pprovduti kullimkien, anke f'reġjuni rurali.

5.7. Dawn l-esiġenzi jimplikaw li l-professjonijiet liberi għandhom dejjem jagħtu preċedenza lill-kwalità tas-servizz u mhux li jsir l-ogħla profitt possibbli, b'konformità mal-prinċipji etiċi li huma obbligati jirrispettaw.

5.8. Għalhekk, l-iżvilupp tal-liġi tax-xogħol dwar il-professjonijiet liberi m'għandux ikun iffokat biss fuq il-konsiderazzjonijiet ekonomiċi. L-għan ta' kull regolamentazzjoni għandu jkun li s-servizzi jiġu pprovduti kullimkien minn persuni kkwalifikati ħafna u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità mill-aktar stretti. Għandu dejjem jiġi ċċekkjat jekk ir-regolamentazzjonijiet eżistenti humiex adattati biex jinkisbu l-għanijiet imsemmija jew jekk fil-verità jaqdux interessi oħrajn.

## 6. **Ir-rekwiżiti attwali u futuri tal-professjonijiet liberi u l-profil tagħhom**

6.1. Għandha tinħoloq definizzjoni komuni fl-Ewropa kollha tal-professjoni libera. Id-definizzjoni għandha tinkludi biss il-karatteristiċi ġenerali tal-professjoni libera kif ukoll issemmi l-kategoriji tal-professjonijiet liberi. L-iżvilupp ta' professjonijiet liberi ġodda ma jistax jiġi mfixkel minħabba xi definizzjoni. L-abbozz tal-Karta tal-Professjonijiet Liberi, li tfassal minn organizzazzjonijiet professjonali Ewropej differenti taħt it-tmexxija tal-Kunsill tad-Dentisti Ewropej (CED, Council of European Dentists), jista' jintuża bħala mudell f'dan il-kuntest.

(2) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

6.2. Apparti l-organizzazzjonijiet nazzjonali interprofessjonali u r-rappreżentanza Ewropea interprofessjonali, f'kull Stat Membru għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni professjonali għall-professjonijiet liberi rispettivi li tiġbor, tippubblika u tiżviluppa prinċipji bażiċi dwar l-etika professjonali – sakemm dan ma jsirx diġà mill-korp professjonali. Din l-organizzazzjoni għandha tkun responsabbli wkoll għall-konformità mill-professjoni mal-prinċipji bażiċi dwar l-etika professjonali.

6.3. Ir-rekwiżiti etiċi stretti fis-servizzi pprovduti mill-professjonijiet liberi għandhom jiġu ggarantiti wkoll fil-futur permezz ta' linji gwida konkreti u prinċipji etiċi definiti b'mod ċar. Hawnhekk jistgħu jintużaw sew regolamenti standardizzati tal-professjoni li jinkludu sanzjonijiet u sew kodiċijiet tal-kondotta etika fil-professjoni. L-Istati Membri kollha għandhom livell minimu ta' regolamenti tal-professjoni vinkolanti. Dan isaħħah il-fiduċja tal-konsumaturi.

6.4. Minbarra li jiġu żgurati r-rekwiżiti professjonali u etiċi fis-servizzi pprovduti mill-professjonijiet liberi, jeħtieġ li jinżammu u jissaħħu wkoll il-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-professjonijiet liberi. L-isfida attwali tagħhom hija li jkunu kapaċi jlaħħqu ma' regoli nazzjonali diverġenti u jkunu jistgħu jikkompetu ma' kollegi minn Stati Membri oħra tal-UE fil-kuntest ta' suq intern dejjem aktar integrat.

6.5. Ir-regolamenti tal-professjoni għandhom ikunu kompatibbli mal-libertajiet fundamentali Ewropej, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' moviment. Għaldaqstant m'għandhomx ikunu diskriminatorji, iridu bilfors ikunu bbażati fuq il-ġid komuni u jridu jkunu proporzjonati. Għandhom ikunu kompatibbli wkoll mal-liġi nazzjonali. Din għandha torbot kompiti partikolari ma' kwalifiki speċifiċi.

6.6. Is-servizzi pprovduti mill-professjonijiet liberi sikwit jinvolvu riskji partikolari għall-interessi legali ta' natura personali ħafna li jkollu min jirċievi s-servizz. Minħabba dan ir-riskju potenzjali, jeħtieġ li l-aċċess għall-professjoni jiġi regolamentat u li l-awtorizzazzjoni biex titwettaq il-professjoni tkun marbuta ma' rekwiżiti stretti. Minbarra t-taħriġ, dan jinvolvi wkoll karatteristiċi personali bħal reputazzjoni tajba, spezzjonijiet tas-saħħa u l-fatt li wieħed ma jwettaqx attività simultanja oħra li ma tkunx kompatibbli. Fil-livell tal-UE, dan ir-rekwiżit huwa meqjus b'mod adegwat fid-Direttiva dwar il-kwalifiki professjonali ([3]) u f'atti regolatorji speċifiċi bħal Direttivi għat-tobba u d-dentisti kif ukoll id-Direttiva dwar il-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati ([4]) jew id-Direttiva dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet ([5]).

6.7. Fl-Istati Membri kważi kollha, dawk li jwettqu professjoni libera huma obbligati jibqgħu jieħdu taħriġ b'mod regolari (żvilupp professjonali kontinwu). Jeżistu xi differenzi fl-eżaminazzjoni tal-miżuri ta' taħriġ kontinwu u fil-konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ kontinwu. Fil-kuntest ta' ambjent dejjem aktar kumpless, tal-iżvilupp kontinwu tal-proċeduri tekniċi fil-mediċina u t-teknoloġija kif ukoll taż-żieda kontinwa ta' standards legali nazzjonali u internazzjonali, il-professjonijiet liberi għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li dawk li jwettqu l-professjoni jsegwu b'mod effetiv taħriġ kontinwu.

6.8. F'ħafna mill-Istati Membri, dawk li jwettqu professjoni libera jistgħu jikkooperaw, kważi mingħajr limiti, ma' membri ta' professjonijiet oħrajn. F'xi Stati Membri, però, il-grupp tal-imsieħba jew l-azzjonisti hu limitat għal ċerti professjonijiet liberi, jiġu imposti ċerti rekwiżiti ta' maġġoranza rigward l-imsieħba jew l-azzjonisti, id-drittijiet tal-vot jew il-maniġers, u l-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-kapital mhix permessa. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu mezz kif jiġi żgurat li t-twettiq ta' professjoni libera ma jkunx iggwidat biss minn għanijiet ekonomiċi.

6.9. Il-kooperazzjoni professjonali ma' professjonisti li jwettqu professjoni oħra tista' toħloq ċerti kunflitti fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigriet profesjonali u d-dritt li wieħed jirrifjuta li jixhed. Hawnhekk għandu jkun żgurat li l-protezzjoni tal-klijent jew tal-pazjent ma tonqosx minħabba l-istabbiliment tal-kooperazzjoni ta' professjoni libera. Dan it-tip ta' tweġhir jista' jiġi evitat b'mod effettiv billi jiġi ristrett il-grupp tal-imsieħba jew l-azzjonisti.

([3]) Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, p. 22).

([4]) Direttiva 77/249/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, p. 17), u Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, p. 36).

([5]) Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, p. 87).

## 7. Il-ħarsien tal-konsumatur u l-awtoamministrazzjoni

7.1. L-Istati Membri kollha għandhom amministrazzjoni tal-professjonijiet liberi permezz tal-Istat, korpi jew l-assoċjazzjonijiet professjonali. F'bosta Stati Membri, il-kunċett tal-awtoamministrazzjoni huwa marbut b'mod inseparabbli mal-kunċett tal-professjoni libera.

7.2. Fl-Istati Membri jeżistu żewġ approċċi għall-awtoamministrazzjoni. F'wieħed mill-approċċi, l-assoċjazzjonijiet u l-korpi professjonali jirrappreżentaw l-interessi tal-professjoni tagħhom bħala għaqda volontarja. Huma jagħtu pariri fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-professjoni (mill-Istat). Barra minn hekk, huma jippreżentaw kodiċijiet tal-etika bil-fehmiet tal-membri tagħhom dwar l-istandards ta' kif għandha titwettaq b'mod professjonali l-professjoni tagħhom. Fl-approċċ l-ieħor, il-korpi professjonali jwettqu wkoll kompiti pubbliċi bħala parti mill-amministrazzjoni pubblika indiretta, bħall-awtorizzazzjoni biex titwettaq il-professjoni u s-superviżjoni tal-professjoni. L-amministrazzjoni lokali ma tmurx kontra l-amministrazzjoni statali – huma jaqdu l-istess funzjonijiet.

7.3. L-awtoamministrazzjoni tal-professjonijiet liberi hija kompromess bejn id-dritt ta' dawk li jwettqu l-attività li jkunu ħielsa mill-indħil tal-Istat fl-attività tagħhom u d-dritt tal-Istat li jadotta regoli. L-awtoregolamentazzjoni mill-membri tal-professjoni timplimenta d-dritt tagħhom li jkunu ħielsa mill-indħil tal-Istat, iżda fl-istess ħin tiżgura l-ġid komuni u b'hekk hi ta' benefiċċju għal min jirċievi s-servizz u l-konsumaturi.

7.4. L-awtoamministrazzjoni tal-professjonijiet liberi hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jgħid li biċċa xogħol għandha dejjem issir mill-aktar livell qrib tal-affari. Il-membri tal-professjonijiet liberi għandhom għarfien tekniku partikolari fil-qasam tagħhom u għalhekk huma l-aktar livell adatt għall-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-professjoni tagħhom. Hija tuża l-prinċipju tal-kontroll fuq il-kompetituri.

7.5. L-awtoamministrazzjoni u l-awtoregolazzjoni tal-professjonijiet liberi, però, jillimitaw l-attivitajiet professjonali li jwettqu l-membri. Dawn huma forom ta' amministrazzjoni indiretta tal-Istat u jirrikjedu t-trasferiment tal-kompetenzi tal-Istat. L-awtoamministrazzjoni u l-awtoregolazzjoni tal-professjonijiet liberi huma marbutin bil-libertajiet fundamentali, il-liġi nazzjonali kif ukoll il-liġi Ewropea u nazzjonali dwar il-kartelli.

7.6. Sabiex l-awtoamministrazzjoni taħdem, is-sħubija mal-assoċjazzjoni professjonali għandha tkun obbligatorja f'dawk il-pajjiżi fejn din hija possibbli taħt il-leġislazzjoni attwali. Din l-interferenza fil-libertà li titwettaq attività professjonali hi ġġustifikata mill-predominanza tal-ġid komuni.

7.7. Id-dispożizzjonijiet dwar l-obbligu li l-professjonisti jissieħbu fl-assoċjazzjonijiet professjonali rilevanti għandhom jitfasslu b'mod li ma jikkompromettux il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. Dan jista' jsir b'mod adegwat billi tiġi rikonoxxuta r-reġistrazzjoni fi Stat Membru ieħor (jew ir-reġistrazzjoni tkun mingħajr ħlas) f'każ li l-persuna tkun imsieħba f'assoċjazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

7.8. Huwa mistenni li anke fl-2020 ikun hemm tensjoni bejn l-interessi statali u dawk tal-individwi u jkun hemm bżonn pariri indipendenti u appoġġ. Jidher ukoll li l-professjonijiet liberi ser jibqgħu jiffunzjonaw tajjeb, jekk ikun hemm aġġornament f'waqtu li permezz tiegħu ma jiġux limitati l-essenza, l-avvanz fl-għarfien, l-indipendenza/it-trasparenza u l-fiduċja li hija bbażata fuq dawn.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

*APPENDIĊI*

**għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 39(2) tar-Regoli ta' Proċedura):

a) **Punt 1.1**

Ibdel it-test kif ġej:

1.1 *Fil-ġejjieni, is-sistema tal-professjonijiet liberi, sakemm isiru l-adattamenti soċjali meħtieġa, ser tkun adattata biex tagħti kontribut sinifikanti għall-forniment ta' servizzi ta' kwalità relatati mal-"benesseri soċjali", bħas-saħħa u s-servizzi psikoloġiċi u għat-twettiq tad-doveri fil-qasam tal-provvista statali, kif ukoll il-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini u għall-prosperità ekonomika. Il-professjonijiet liberi huma element ta' kwalunkwe soċjetà demokratika u jirrappreżentaw potenzjal ta' tkabbir sostanzjali fir-rati tal-impjieg u l-PDG, kif ukoll kapaċità ta' adattament kontinwu għall-bżonnijiet taċ-ċittadini Ewropej.*

**Raġuni**

Ser tingħata bil-fomm.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 56 |
| Kontra: | 128 |
| Astensjonijiet: | 30 |

b) **Punt 6.9**

Ibdel it-test kif ġej:

6.9 *Il-kooperazzjoni professjonali ma' professjonisti li jwettqu professjoni oħra tista' toħloq ċerti kunflitti fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigriet profesjonali u d-dritt li wieħed jirrifjuta li jixhed. Hawnhekk għandu jkun żgurat li l-protezzjoni tal-klijent jew tal-pazjent ma tonqosx minħabba l-istabbiliment tal-kooperazzjoni ta' professjoni libera. Il-kunfidenzjalità, bħala valur etiku, għandha tingħata prijorità fl-eżerċitar tal-professjonijiet liberi kollha. Ir-rispett tal-valuri etiċi jagħmilha possibbli li Ddan it-tip ta' tweġħir jista' jiġi evitat b'mod effettiv billi jiġi ristrett il-grupp tal-imsieħba jew l-azzjonisti.*

**Raġuni**

Ser tingħata bil-fomm.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 80 |
| Kontra: | 116 |
| Astensjonijiet: | 27 |

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-istatut tal-impriża mutwa Ewropea: fehmiet, rwol u kontribut tas-soċjetà ċivili" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2014/C 226/03)

Relatur uniku: **is-Sur CAMPLI**

Nhar it-22 ta' Jannar 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*l-Istatut tal-impriża mutwa Ewropea: fehmiet, rwol u kontribut tas-soċjetà ċivili*

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja). Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu 2014), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'140 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 5 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

### 1.1 *Konklużjonijiet*

1.1.1 L-impriżi mutwi jagħmlu parti mill-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew bħall-kooperattivi, il-fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet. Id-diversità tal-forom ta' intrapriżi, inklużi dawk tal-ekonomija soċjali, indipendentement mid-definizzjoni legali tal-intrapriża skont il-liġijiet nazzjonali differenti, hija element essenzjali tas-suq uniku tal-Unjoni Ewropea anke mil-lat ta' promozzjoni, ta' investiment u ta' żvilupp tal-pluraliżmu intraprenditorjali Ewropew.

1.1.2 L-impriżi mutwi għandhom id-dritt għal statut Ewropew biex jindirizzaw il-ħtieġa li jkopru r-riskji, b'mod partikolari l-protezzjoni soċjali u tas-saħħa tal-ħaddiema, l-intrapriżi u ċ-ċittadini.

1.1.3 L-impriżi mutwi ma jaċċettawx it-tnaqqis tal-mutwalizzazzjoni u l-KESE jixtieq jippromovi d-diversità tat-tipi ta' intrapriżi, inklużi l-atturi tal-ekonomija soċjali biex jippreserva l-ġid ekonomiku u soċjali Ewropew. Madankollu, kampanja ta' informazzjoni, anke jekk tkun waħda utli, ma tistax tissostitwixxi l-qafas legali meħtieġ.

1.1.4 Hemm diversità kbira ta' impriżi mutwi fl-Ewropa (ġew kalkolati mal-40 tip) iżda lil hinn mid-diversità tagħhom, 95 % minnhom għandhom l-istess prinċipji ta' governanza.

### 1.2 *Rakkomandazzjonijiet*

1.2.1 Il-KESE, b'konformità mal-impenji li ttieħdu matul l-avveniment ta' Strasburgu dwar l-intraprenditorija soċjali, jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta malajr il-proposta leġislattiva dwar l-abbozz ta' regolament dwar l-istatut tal-impriża mutwa Ewropea.

1.2.2 Il-KESE jixtieq li l-mudell tal-impriżi mutwi jiġi rikonoxxut permezz ta' skema legali koerenti fil-livell Ewropew li tirrifletti s-saħħa ekonomika tiegħu u r-rwol soċjali tiegħu.

1.2.3 Il-KESE jirrakkomanda li l-istatut ikun statut ta' governanza u mhux ta' attivitajiet sabiex tiġi preservata d-diversità tal-impriżi mutwi.

1.2.4 Il-KESE jirrakkomanda li l-għan tal-istatut ma jkunx li jarmonizza l-leġislazzjonijiet nazzjonali u li jkun fakultattiv.

1.2.5 Il-KESE jitlob li tiġi ppubblikata skeda eżatta tal-proċedura ta' preżentazzjoni u adozzjoni tal-abbozz ta' statut tal-impriża mutwa Ewropea.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 L-għan ta' din l-opinjoni hu li jitħaffef kemm jista' jkun il-proċess għal proposta għal regolament tal-Kummissjoni dwar l-"Istatut tal-impriża mutwa Ewropea".

2.2 Il-perċezzjoni tas-soċjetà ċivili Ewropea u l-partijiet interessati hi li mingħajr bażi legali adatta, l-attivitajiet tal-impriżi mutwi – fil-livell Ewropew – fil-fatt ser ikunu skoraġġuti. Dan ikollu konsegwenzi gravi fil-livell soċjali f'kuntest tat-tnaqqis tal-intervent mill-gvern; mil-lat tas-saħħa (tnaqqis tal-ugwaljanza fl-aċċess għall-kura taċ-ċittadini Ewropej); mil-lat tal-impjieg (telf ta' opportunitajiet tal-impjieg, inkluż tat-tip speċjalizzat), kif ukoll mil-lat tat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali Ewropea u tal-proċċess ta' integrazzjoni Ewropea.

2.3 *Għadda ħafna żmien minn meta ġie diskuss l-istatut Ewropew, fejn ipprokrastinajna u baqgħet ma ttiħditx deċiżjoni.*

2.3.1 L-abbozz ta' statut tal-impriża mutwa Ewropea għandu storja twila ħafna li bdiet fl-1993 bid-direttivi Ewropej dwar l-assigurazzjoni. F'dan il-qafas, l-impriżi mutwi talbu li t-tip ta' governanza ta' impriżi ta' persuni jiġi rikonoxxut fi statut Ewropew.

2.3.2 L-ewwel abbozz ta' regolament ġie rtirat fl-2006: fil-fatt, minkejja komunikazzjoni fl-2003 dwar il-liġi tal-impriżi, intiża biex tintroduċi tipi legali ġodda, b'mod partikolari għall-impriżi mutwi, impenn imtenni fil-pjan ta' azzjoni tal-2006 dwar il-modernizzazzjoni tal-liġi tal-impriżi u l-governanza tal-intrapriżi, fl-2006, il-Kummissjoni, għall-kuntrarju, irtirat l-abbozz ta' statut għall-impriża Ewropea mill-aġenda.

2.3.3 Fl-2007, l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi mutwi Ewropej taw bidu għal inizjattiva ġdida ta' rilanċ tal-abbozz.

2.3.4 F'Marzu 2010, il-Parlament Ewropew adotta dikjarazzjoni bil-miktub, favur l-istatut tal-impriża mutwa Ewropea u f'Ġunju 2011 ħareġ rapport dwar ir-rwol tal-impriżi mutwi Ewropej li kkonkluda li kien hemm bżonn ta' abbozz ta' statut.

2.3.5 F'Marzu 2013, il-Parlament Ewropew adotta b'unanimità r-rapport tas-Sur Berlinguer dwar il-fattibbiltà ta' statut tal-impriża mutwa Ewropea.

2.3.6 B'mod parallel, il-Kummissjoni, fil-qafas tal-Att dwar is-Suq Uniku, iddeċidiet li tiffinanzja studju dwar is-sitwazzjoni u d-diffikultajiet tal-impriżi mutwi fis-suq intern (magħruf bħala l-istudju Panteia). Dan l-istudju importanti, ippubblikat fit-12 ta' Ottubru 2012, u mmexxi mill-Kummissjoni, wassal biex għall-ewwel darba tintuża viżjoni komprensiva tal-ambjent legali, ekonomiku u soċjali tal-impriżi mutwi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ([1]).

2.3.7 Bħala segwitu, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika dwar il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju (ir-riżultati ġew pubblikati f'Ottubru 2013) ([2]), u s-suċċess ta' din il-konsultazzjoni (iktar minn 300 tweġiba li minnhom żewġ terzi kienu pożittivi) wassal lill-Kummissjoni biex torganizza studju ta' impatt dwar il-fattibbiltà ta' abbozz ta' statut tal-impriża mutwa Ewropea.

2.4 Il-KESE, fl-Opinjoni tiegħu ta' Ottubru 2009 dwar "Forom differenti ta' intrapriża" ([3]) enfasizza li "*Il-pluraliżmu u d-diversità tal-forom ta' intrapriża huma rrikonoxxuti fit-Trattat u ppruvati mill-fatti, permezz tal-istatuti legali differenti li ġew approvati jew qegħdin jiġu kkunsidrati attwalment.*" Il-Kumitat inkluda lill-impriżi mutwi fil-forom ta' intrapriża tal-ekonomija soċjali.

2.5 L-anness għad-dikjarazzjoni li saret fi Strasburgu, matul l-avveniment dwar l-intraprenditorija soċjali, organizzat b'mod konġunt bejn il-Kummissjoni u l-KESE fis-16 u s-17 ta' Jannar, jispeċifika li ħafna partijiet interessati jqisu li l-politiki favur l-intraprenditorija soċjali għandhom ikopru l-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali (il-kooperattivi, l-impriżi mutwi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet, eċċ.). L-UE għandha tipproponi statut Ewropew għall-impriżi mutwi li permezz tiegħu jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet transkonfinali, li jingħaqdu u li jiffaċċjaw l-isfidi tad-direttiva Solvenza II, kif ukoll statut Ewropew għall-assoċjazzjonijiet. Matul dan l-avveniment, il-Kummissarju Antonio Tajani, inkarigat mill-intrapriżi ħabbar it-tnedija ta' inizjattiva leġislattiva tal-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' statut.

## 3. **Deskrizzjoni tal-impriżi mutwi**

3.1 Hemm diversità kbira fil-forom legali tal-impriżi mutwi fid-diversi pajjiżi tal-UE. Dawn il-forom differenti ta' impriżi mutwi u r-rwoli jaqdu jiddependu mill-kultura u l-istorja tal-impriżi mutwi f'kull pajjiż. Storikament, l-impriżi mutwi fl-Ewropa ħolqu l-ewwel forom ta' sigurtà soċjali. Illum, fi ħdan l-UE, l-impriżi mutwi għandhom l-għan prinċipali li jkunu għas-servizz tal-membri tagħhom f'kuntest ta' interess ġenerali, sabiex tiġi garantita l-kopertura tar-riskji tal-membri tagħhom billi joffrulhom servizzi ta' assigurazzjoni, servizzi soċjali, tas-saħħa u ta' akkumpanjament tal-persuni.

([1]) *Study on the current situation and prospects of mutuals in Europe* http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/files/mutuals/prospects_mutuals_fin_en.pdf

([2]) http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/promoting-entrepreneurship/social-economy/mutuals/index_en.htm

([3]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.

3.2 B'kollox ġew identifikati **kważi 40 tip ta' organizzazzjoni mutwa** fl-UE. Kważi 95 % mill-impriżi mutwi għandhom 5 prinċipji ta' governanza komuni:

1. **l-organizzazzjoni trid tkun regolata mil-liġi privata**, jiġifieri indipendentement mill-gvern u mhux sussidjata minn fondi pubbliċi,

2. l-organizzazzjoni għandha tkun magħmula minn **raggruppament ta' persuni** u mhux ta' kapital,

3. is-sistema ta' governanza għandha tkun demokratika skont il-prinċipju ta' **persuna waħda = vot wieħed**.

4. **il-prinċipju tas-solidarjetà** applikat bejn il-membri: is-sħubija tal-membri għandha tkun waħda libera, mingħajr kriterji ta' selezzjoni.

5. il-qligħ li jsir għandu jintuża għall-**benefiċċju tal-membri**.

3.3 Il-parti tas-suq tal-organizzazzjonijiet mutwi hija ta' **15,8 % tal-medja** Ewropea (12,8 % assigurazzjon tal-ħajja, 20,5 % mhux tal-ħajja). Barra minn hekk, huwa stmat li l-organizzazzjonijiet mutwi jipprovdu servizzi tas-saħħa u **servizzi soċjali lil kważi 230 miljun** ċittadin Ewropew, li minnhom madwar 100 miljun huma koperti għall-ġestjoni tal-assigurazzjoni tal-mard obbligatorja. Huma jimpjegaw mat- 350 000 persuna fl-Ewropa. Huwa ġeneralment magħruf li l-ekonomija tibbenefika mid-**diversità tal-istrutturi** ta' dan is-settur peress li din id-diversità ttejjeb il-**kapaċità ta' reazzjoni** fil-konfront tat-tibdil fis-suq. Barra minn hekk, f'perjodu ta' kriżi **l-viżjoni fit-tul** tal-organizzazzjonijiet mutwi tagħtihom vantaġġ fil-konfront tal-impriżi kapitali.

## 4. Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar l-abbozz ta' statut tal-impriża mutwa (SIME): *Għalfejn hemm bżonn statut tal-impriża mutwa Ewropea?*

4.1 Fl-Unjoni Ewropea, huma biss il-kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u l-kooperattivi li għandhom statut Ewropew; għall-fondazzjonijiet, il-proposta għal statut Ewropew qed tiġi diskussa. L-impriżi mutwi, min-naħa tagħhom, m'għandhomx statut Ewropew ([4]).

4.2 Il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea wassal għal mobbiltà qawwija ta' ħaddiema, intrapriżi u ċittadini. Il-kopertura tar-riskji tas-saħħa, dawk soċjali u riskji oħra ta' assigurazzjoni għandha tiġi żgurata fit-territorju sħiħ tal-Unjoni, filwaqt li jiġi evitat il-ksur tad-drittijiet, il-benefiċċji u l-forom ta' protezzjoni.

4.3 Il-Kummissjoni u l-Kunsill bħalissa qed jaħdmu fuq is-servizzi finanzjarji u s-servizzi tal-assigurazzjoni (Basel III, Solvenza II); is-sekondar u l-mobbiltà tal-ħaddiema; direttiva ġdida dwar il-kura transkonfinali ilha applikabbli fl-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2014. Madankollu, l-impriżi mutwi tal-Istati Membri m'għandomx il-possibbiltà ġuridika li jieħdu sehem f'dan il-proċess ta' integrazzjoni u fl-iżvilupp tas-suq intern ħlief billi jinbidlu biex jadottaw statut ta' kooperattiva Ewropea jew statut tal-impriża anonima Ewropea. L-impriżi mutwi ma jaċċettawx din is-sitwazzjoni u l-KESE, min-naħa tiegħu, jixtieq jippromovi d-diversità tat-tipi ta' intrapriża, inklużi dawk tal-atturi tal-ekonomija soċjali sabiex jiġi preservat il-ġid ekonomiku u soċjali Ewropew.

4.4 Barra minn hekk, il-qafas prudenzjali għall-assiguraturi, "Solvenza II", huwa element komplementari favur l-istatut tal-impriża mutwa Ewropea: dan jippermetti lill-impriżi mutwi jaċċessaw il-benefiċċju tal-hekk imsejħa "diversifikazzjoni", biex jipproċedu għall-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni u l-ġestjoni tal-assi sabiex inaqqsu l-ispejjeż tagħhom għall-benefiċċju tal-membri tagħhom.

4.5 L-impriżi mutwi m'għandhomx aċċess għas-swieq kapitali, u għalhekk għandhom bżonn strumenti ta' kollaborazzjoni komuni, inkluż fil-livell Ewropew biex jevitaw li jisparixxu f'suq ferm kompetittiv.

4.6 L-impriżi mutwi li jwettqu attivitajiet fil-livell Ewropew mhumiex motivati biss mill-kompetizzjoni jew it-tfittxija għal swieq ġodda, imma prinċipalment mir-rieda li jtejbu s-servizzi li jagħtu lill-membri tagħhom.

4.7 B'mod ġenerali, l-impriżi mutwi għandhom bżonn jiġu rikonoxxuti b'mod uffiċjali mill-UE, ħaġa li tagħtihom bażi legali u leġittimità bħala parti interessata tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

([4]) Opinjonijiet tal-KESE dwar:
— L-istatut għal fondazzjoni Ewropea, ĠU C 351, 15.11.2012, p. 57.
— Is-soċjetajiet kooperattivi, ĠU C 234, 22.9.2005, p. 1. (mhux disponibbli bil-Malti).
— L-istatut għal impriża Ewropea, ĠU C 129, 27.4.1998, p. 57. (mhux disponibbli bil-Malti).

4.8 Statut għal impriża mutwa Ewropea jfisser li tiġi rikonoxxuta r-realtà tal-impriżi mutwi, l-importanza ekonomika u soċjali tagħhom, ir-rwol speċifiku tagħhom fil-ġestjoni tar-riskji tal-persuni, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u s-saħħa.

4.9 Fi ftit kliem, il-KESE jixtieq li l-mudell tal-impriżi mutwi jiġi rikonoxxut permezz ta' skema legali koerenti fil-livell Ewropew li tirrifletti s-saħħa ekonomika tiegħu u r-rwol soċjali tiegħu. Barra minn hekk, dan jippermetti li jiġu evitati l-piżijiet amministrattivi inutli, li jiġu applikati l-ekonomiji ta' skala u li l-kunċett tal-mutwaliżmu jiġi żviluppat fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni (inkluż fl-erba' Stati Membri li m'għandhomx tip ta' impriża mutwa) billi jkunu bbażati b'mod sħiħ fuq dan l-istatut il-ġdid, fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-għoti ħieles tas-servizzi.

## 5. **Kunsiderazzjonijiet speċifiċi dwar l-abbozz ta' statut tal-impriża mutwa (SIME):** ***L-istatut tal-impriża mutwa Ewropea kif għandu jkun?***

5.1 Hemm diversità kbira ta' impriżi mutwi fl-Ewropa (ġew kalkolati mal-40 tip) iżda lil hinn mid-diversità tagħhom, 95 % minnhom għandhom l-istess prinċipji ta' governanza. Għal dan il-għan, il-KESE jirrakkomanda li l-istatut ikun statut ta' governanza mhux ta' attivitajiet.

5.2 Barra minn hekk, l-SIME fil-forma ta' grupp jippermetti li tiġi preservata d-diversità tal-fibra tal-atturi mutwi Ewropew fl-oriġinalità tagħhom: huwa jippermetti li jinżammu l-istrutturi fl-identità sħiħa tagħhom filwaqt li jitwettqu l-ekonomiji ta' skala b'dan l-istrument komuni (xiri komuni, prodotti komuni). Il-KESE jissuġġerixxi li, sabiex tkun tista' tinżamm id-diversità tal-istrutturi nazzjonali, li hija karatteristika tal-forma legali tal-impriżi mutwi fl-Ewropa, għandha tiġi stabbilita, bħala element prinċipali, il-libertà tal-assoċjazzjoni u tal-azzjoni tal-Istati Membri.

5.3 L-istatut ser ikun opzjonali – fakultattiv – sabiex ma jkunx hemm impatt fuq il-leġislazzjonijiet nazzjonali.

5.4 Huwa importanti li tiġi prevista l-possibbiltà li l-impriżi mutwi jirraggruppaw bejniethom u anke li jippromovu l-operazzjonijiet transkonfinali bil-għan li tiġi żviluppata d-dimensjoni Ewropea tal-mutwaliżmu.

5.5 L-abbozz ta' regolament għandu jippermetti l-ħolqien ta':

— impriża mutwa Ewropea minn persuni fiżiċi residenti fl-Istati Membri differenti jew persuni morali skont il-liġi tal-Istati Membri differenti;

— impriża mutwa Ewropea permezz ta' fużjoni transkonfinali ta' ħafna impriżi mutwi eżistenti;

— impriża mutwa Ewropea trasformata minn impriża mutwa nazzjonali, mingħajr xoljiment, sakemm din l-impriża mutwa jkolla s-sede statutorja u l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fi Stat Membru u stabbiliment jew affiljat fi Stat Membru ieħor;

— grupp mutwu Ewropew.

5.6 L-impriża mutwa Ewropea, bħall-impriżi mutwi nazzjonali, għandha tkun soġġetta għar-regoli ġenerali tal-Istati Membri: ir-regoli dwar l-involviment tal-ħaddiema fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-liġi tax-xogħol, il-leġislazzjoni soċjali, il-liġi fiskali, il-liġi tal-kompetizzjoni, il-liġi tal-proprjetà industrijali jew intellettwali, il-proċeduri ta' insolvenza u tat-twaqqif ta' pagamenti. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi dwar l-attività tal-impriżi mutwi u l-monitoraġġ mill-awtoritajiet ta' superviżjoni għandhom japplikaw mingħajr l-ebda restrizzjoni fuq l-impriża mutwa Ewropea. Id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-Istati Membri u tal-liġi tal-Komunità għalhekk huma applikabbli fl-oqsma msemmija hawn fuq u f'oqsma oħrajn li mhumiex imsemmija f'dan ir-Regolament.

5.7 Ir-regoli dwar l-involviment tal-ħaddiema fl-impriża mutwa Ewropea huma stabbiliti fid-direttivi dwar id-drittijiet tal-ħaddiema li huma komplementari b'mod li ma jistgħux jinfirdu minn dan ir-Regolament u għandhom jiġu applikati b'mod konkomitanti.

5.8 Fl-istatut tal-impriża mutwa Ewropea għandu jkun possibbli li jiġi previst li l-assemblea ġenrali tkun magħmula minn imsieħba u delegati tal-imsieħba. Fir-rigward tad-drittijiet tal-vot, apparti l-garanzija ta' drittijiet ugwali tal-vot għal kull membru ("one man one vote"), il-voti għandhom jitqiesu wkoll skont kriterji oġġettivi.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-impatt tal-investimenti soċjali fuq l-impjiegi u l-fondi pubbliċi" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2014/C 226/04)

Relatur: **is-Sur Greif**

Nhar id-19 ta' Settembru 2013, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*L-impatt tal-investimenti soċjali fuq l-impjiegi u l-fondi pubbliċi*

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-12 ta' Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tas-26 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'205 voti favur, 6 voti kontra u 3 astensjonijiet.

1. **Sommarju**

1.1 Il-KESE jilqa' l-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-bidla fundamentali ddikjarata li l-investimenti soċjali m'għandhomx jitqiesu biss bħala fattur ta' spiża iżda bħala investimenti fil-futur.

1.2 Abbażi ta' dan l-aspett, il-KESE jenfasizza d-diversi effetti pożittivi tal-investimenti soċjali, b'mod partikolari għas-suq tax-xogħol u l-fondi pubbliċi fl-oqsma li ġejjin:

— is-servizzi soċjali u l-kura tat-tfal;

— l-edukazzjoni u l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

— il-promozzjoni tax-xogħol;

— il-promozzjoni tas-saħħa u t-tixjiħ attiv;

— l-akkomodazzjoni soċjali u soċjetà mingħajr barrieri;

— l-intraprenditorija soċjali.

1.3 L-Opinjoni tippreżenta katina ta' effetti pożittivi u turi li:

— l-estensjoni tas-servizzi soċjali fl-Ewropa għandha effetti kbar fuq l-impjiegi;

— investimenti soċjali pjanati tajjeb, effettivi u effiċjenti jtaffu l-piż fuq il-fondi pubbliċi b'mod permanenti u għalhekk mhumiex f'kompetizzjoni mal-konsolidazzjoni fiskali;

— anke l-"inattività" fil-qasam soċjali ġġorr magħha "prezz" u li l-ispejjeż tan-nuqqas ta' investimenti soċjali ħafna drabi huma bil-wisq iktar għoljin;

— l-investimenti fl-istat assistenzjali (welfare state) ma jġibux magħhom biss żvilupp soċjali, iżda għandhom ukoll vantaġġi ekonomiċi u fiskali.

1.4 Il-benefiċċju soċjali, ekonomiku u fiskali jiġifieri d-"dividend multiplu" tal-investimenti soċjali ser ikun ogħla iktar ma dawn jiġu inkorporati aħjar f'kuntest makroekonomiku u istituzzjonali kredibbli.

1.5 Fil-fehma tal-KESE, l-implimentazzjoni konsistenti u li tirnexxi tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali fuq bażi wiesgħa hi marbuta mar-rekwiżiti ċentrali li ġejjin:

— Sabiex issir bidla kredibbli fil-politika tal-investimenti soċjali (preventivi) jeħtieġ li tiġi abbandunata politika ta' awsterità unilaterali u sretta. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu għar-realizzazzjoni ta' programm ekonomiku u ta' investiment Ewropew ta' 2 % tal-PDG.

— Mingħajr is-sigurtà finanzjarja u l-kundizzjonijiet qafas adattati, il-potenzjal tal-investimenti soċjali ma jistax jiġi sfruttat. Fil-kuntest attwali ta' konsolidazzjonijiet fiskali, apparti minn żieda fl-effiċjenza u fl-effettività tan-nefqiet pubbliċi, huwa essenzjali wkoll l-istabbiliment ta' sorsi ta' dħul ġodda.

— L-investimenti soċjali għandhom isiru elementi fissi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tas-Semestru Ewropew. Għandhom jiġu kkunsidrati b'mod espliċitu fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri.

— Il-KESE jappoġġja d-dibattitu li għaddej fil-Kummissjoni, li b'konformità mar-regola tad-deheb fil-finanzjament, fil-kuntest tal-qafas tar-regoli fiskali tal-UEM, l-investimenti soċjali jiġu esklużi mill-kalkolu tad-deficits pubbliċi netti.

— Jeħtieġ li jsiru avvanzi u żviluppi metodiċi ta' strumenti adattati għat-tkejjil tal-effetti (pożittivi) taż-żieda tal-investimenti soċjali u tal-irfinar tal-indikaturi soċjali fil-qafas istituzzjonali tal-UEM.

— Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li mill-inqas sal-2020 tippreżenta pjan direzzjonali politiku għall-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-KESE huwa tal-fehma li b'mod partikolari fi żmien ta' kriżi hemm hemm bżonn kbir ta' investiment soċjali li jiġġieled il-perikolu li qed jiżdied tal-faqar u li miegħu jġib ukoll potenzjal għoli ta' impjiegi madwar l-Ewropa kollha, li jrid jiġi mobilizzat permezz ta' investimenti privati u pubbliċi ([1]).

2.2 Il-KESE jilqa' għalhekk il-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-Kummissjoni ([2]) li jitlob lill-Istati Membri jagħtu ħafna iktar attenzjoni lill-investimenti soċjali, u b'mod partikolari lill-bidla meħtieġa fil-perċezzjoni sabiex l-investimenti soċjali ma jitqiesux biss bħala spiża, iżda bħala investimenti fil-futur ([3]).

2.3 Il-KESE jemmen ukoll li investimenti soċjali orjentati lejn l-effett u r-riżultat u li jiġu implimentati b'mod konsistenti, fit-tul iżidu l-opportunitajiet tal-impjieg u jagħtu kontribut sinifikanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 relatati mal-politika tal-impjiegi.

2.4 Għalhekk il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan konkret ta' implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali.

2.5 Il-KESE jinnota li element dgħajjef tal-inizjattiva tal-Kummissjoni huma l-kwistjonijiet ta' finanzjament li tħalli pendenti u jinnota wkoll li jekk ma tinbidilx il-politika prevalenti ta' tnaqqis unilaterali fl-infiq, l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proposti għal iżjed investimenti soċjali mhijiex realistika.

2.6 Abbażi ta' dan, din l-Opinjoni tiffoka fuq id-diversi effetti pożittivi tal-investimenti soċjali, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol u l-fondi pubbliċi, u tippreżenta rekwiżiti konkreti ta' azzjoni u rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali.

## 3. **Kummenti ġenerali dwar id-"dividend multiplu" tal-investimenti soċjali – il-benefiċċju soċjali, ekonomiku u fiskali**

3.1 Il-Kummissjoni tagħti tliet funzjonijiet ċentrali ([4]) lill-politika soċjali: għajnuna għall-persuni f'sitwazzjonijiet differenti ta' riskju, stabbilizzazzjoni tal-ekonomija u investimenti soċjali. Din id-distinzjoni m'għandhiex tkun meqjusa bħala delimitazzjoni reċiproka; għall-kuntrarju, hi tippreżenta l-possibbiltajiet ta' tfassil attiv tal-politika li jeżistu. F'dan ir-rigward jeħtieġ li tiġi żgurata l-komplementarjetà tal-oqsma ta' politika kif ukoll tal-kundizzjonijiet qafas (istituzzjonali) li eventwalment jippermettu l-koeżjoni soċjali.

([1]) ĠU C 11, 15.1.2013, p. 8.
([2]) COM(2013) 83 final.
([3]) ĠU C 271, 19.9.2013.
([4]) COM(2013) 83, p. 3 final.

3.2 Iktar ma jgħaddi żmien iktar qed tiżdied l-idea, u dan mhux biss fil-KESE imma anki fl-oqsma tar-riċerka ([5]) u l-politika tal-UE, li l-investimenti fl-istat assistenzjali ma jġibux magħhom biss żvilupp soċjali, iżda għandhom ukoll vantaġġi ekonomiċi u fiskali ([6]). Fl-istess waqt hemm in-nuqqas ta' standards kumparabbli li jgħinu biex jiġu identifikati u evalwati l-effetti pożittivi esterni kollha tal-investimenti soċjali.

3.3 Madankollu m'hemmx dubju li skont id-disinn u l-firxa tal-miżuri stabbiliti b'mod speċifiku f'kull pajjiż l-investimenti soċjali pjanati tajjeb, effettivi u effiċjenti, jġibu magħhom effetti pożittivi multipli: jiġu koperti n-neċessitajiet soċjali eżistenti, jinħolqu l-possibbiltajiet ta' impjiegi u opportunitajiet ugwali anki għall-irġiel u n-nisa, fl-istess waqt iż-żieda fl-impjiegi u t-tnaqqis fil-qgħad jikkumpensaw b'mod sinifikanti l-ispejjeż imġarrba. L-investimenti soċjali għandhom il-karatteristiċi ta' investiment għaliex waqt li ħafna drabi ma jkunux mistennija introjti immedjati, maż-żmien ikun hemm effetti pożittivi (pereżempju investimenti fl-edukazzjoni, il-kura tat-tfal, il-promozzjoni tas-saħħa, il-kundizzjonijiet tax-xogħol adattati għall-età).

3.4 Id-"dividend multiplu" tal-investimenti soċjali ser ikun ogħla iktar ma dawn ikunu inkorporati f'kuntest istituzzjonali u politiku globali kumplementari. Hemm bżonn ta' ppjanar strateġiku u monitoraġġ strutturat fis-sens tal-għanijiet Ewropa 2020.

3.5 B'ħarsa lejn is-sitwazzjoni drammatika preżenti tal-qgħad li fil-futur qrib bilkemm mistenni jonqos, l-azzjoni permezz tal-investimenti soċjali tista' tagħti kontribut importanti għal aktar tkabbir u impjiegi. L-isfruttar tal-potenzjal preżenti ta' impjiegi jeħtieġ l-insegwiment konsistenti ta' politika li toħloq opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà. L-investimenti soċjali futuri orjentati lejn l-effett u r-riżultat, partikolarment l-iżvilupp tas-servizzi soċjali, li b'mod ġenerali jitqiesu li għandhom effetti akbar fuq l-impjiegi minn kwalunkwe forma oħra ta' nefqa pubblika, hawnhekk għandhom importanza ċentrali.

3.6 Minbarra l-effetti pożittivi fis-suq tax-xogħol, l-investimenti soċjali jistgħu jtaffu l-piż minn fuq il-fondi pubbliċi, filwaqt li ma jinsabux f'kompetizzjoni mal-konsolidazzjoni fiskali. Il-KESE diġà osserva li t-tentattiv biex fi żmien ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku l-konsolidazzjoni fiskali ssir biss permezz tat-tnaqqis tal-ispejjeż b'mod ġenerali huwa meqjus li falla ([7]). Il-bilanċ fi żmien medju u fit-tul bejn id-dħul u n-nefqiet pjuttost jista' jintlaħaq jekk il-problemi strutturali jiġu indirizzati permezz tal-investimenti u b'hekk fit-tul l-ispazju għall-immanuvrar baġitarju tas-settur pubbliku jerġa' jikber. L-analiżi kurrenti juru li l-promozzjoni ta' tkabbir inklużiv u ż-żieda fir-rati tal-impjieg f'konformità mal-għanijiet tal-Ewropa 2020 iġibu magħhom spazju addizzjonali sa EUR 1,000 biljun għall-immanuvrar tal-baġits nazzjonali madwar l-Ewropa kollha ([8]).

3.7 Barra minn hekk irid jitqies li l-"inattività" b'mod partikolari fil-qasam soċjali wkoll iġġor magħha "prezz" u l-ispejjeż minħabba n-nuqqas ta' investimenti soċjali spiss huma iktar għoljin. Dan il-ħsieb li t-tiswija tiswa iktar mill-prevenzjoni jinsab ukoll f'diversi komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ([9]). Fil-perjodu qasir l-investimenti soċjali joħolqu l-ispejjeż, iżda fil-perjodu medju u fit-tul huma assoċjati ma' benefiċċji mil-lat ta' benessri għas-soċjetà u ma' żieda fid-dħul għall-baġits nazzjonali, li jwasslu wkoll għal tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż tal-ġejjieni ([10]).

3.8 Mhux kull nefqa soċjali tista' titqies bħala investiment soċjali. Ċerti benefiċċji soċjali, fil-prinċipju għandhom effett fuq il-konsum (pereżempju pensjonijiet, benefiċċji tal-qgħad). Il-KESE madankollu dejjem enfasizza s-sinifikat tal-investimenti f'sistemi tas-sigurtà soċjali b'saħħithom (b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi) bħala għajnuna għall-konsum u l-ekonomija, billi bħala stabbilizzaturi awtomatiċi jappoġġjaw id-dħul u d-domanda u b'hekk jgħinu biex jingħelbu l-kriżijiet fl-Ewropa ([11]).

---

([5]) Social and employment policies for a fair and competitive Europe – dokument ta' informazzjoni, Forum tal-Fondazzjoni 2013, Eurofound, Dublin, p. 16 (mhux disponibbli bil-Malti).
([6]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.
([7]) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.
([8]) EPC Issue Paper No. 72, Nov. 2012 (mhux disponibbli bil-Malti).
([9]) MEMO/03/58, 19.06.2012 COM (2013) – IP/13/125.
([10]) u COM(2013) 83, p. 2 final.
([11]) ĠU C 133, 9.5.2013, p. 44, Punt 4.4.2.

4. **Eżempji tal-effett tal-investimenti soċjali**

4.1 **Investimenti fis-servizzi soċjali:** l-investimenti msaħħa fil-provvista u l-promozzjoni tal-infrastruttura soċjali (fost l-oħrajn il-kura, kura tal-anzjani, is-saħħa, servizzi għal persuni b'diżabilità, l-għajxien assistit, servizzi ta' konsultazzjoni, eċċ.) joħolqu l-postijiet tax-xogħol, fl-istess ħin jagħtu kontribut importanti għall-parteċipazzjoni ogħla fis-suq tax-xogħol ([12]) u fil-perjodu medju u fit-tul jikkontribwixxu biex itaffu l-piż minn fuq il-fondi pubbliċi ([13]) kif ukoll għall-qawmien tal-ekonomija reġjonali. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, jekk ikun hemm rata ta' tkabbir annwali tal-impjieg ta' 0.5 % fil-qasam tas-saħħa huwa mistenni tkabbir settorjali tal-impjieg ta' mhux inqas minn miljun post tax-xogħol sal-2020 ([14]). Il-KESE kemm-il darba ġibed l-attenzjoni li kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu b'kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja u b'salarji ġusti ([15]).

4.2 **Investimenti fil-kura tat-tfal:** diversi studji jieħdu l-eżempju tal-kura tat-tfal biex juru li permezz ta' investimenti mmirati, l-iżvilupp soċjali jista' jkun marbut ma' żieda fil-kompetittività ([16]). Kalkoli ġodda juru li l-investimenti pubbliċi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' Barċellona fil-qasam tal-kura tat-tfal, minbarra effetti sinifikanti fuq l-impjieg iġibu magħhom ukoll dħul addizzjonali sostanzjali għall-awtoritajiet pubbliċi. Studju ([17]) għall-Awstrija pereżempju juri li l-ispejjeż għall-investiment, anke b'kunsiderazzjoni ta' perspettivi ekonomiċi ħżiena, wara erba' snin jirriżultaw bħala iktar baxxi mid-dħul miksub. Il-fondi pubbliċi hawnhekk jipprofittaw minn effetti kumplementari: impulsi għall-politika ekonomika u reġjonali, aktar impjiegi diretti, spejjeż imnaqqsa għall-benefiċċji tal-qgħad u ħafna oħrajn. Il-KESE jilqa' attività msaħħa fir-riċerka u skambju iktar intensiv tal-aħjar prattiki anke f'dan il-qasam.

4.3 **Investimenti fit-tfal:** il-Kummissjoni tappella li jittieħdu miżuri preventivi permezz ta' investimenti bikrija, sabiex jittejbu l-possibbiltajiet ta' żvilupp u l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni għat-tfal (mhux dawk biss bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat) ([18]). Fir-rakkomandazzjoni tagħha "Investiment fit-tfal", il-Kummissjoni turi li l-investimenti preventivi kontra l-faqar tat-tfal jistgħu jsiru permezz ta' firxa ta' miżuri. Hawnhekk huma enfasizzati l-effetti pożittivi tal-iżvilupp ta' faċilitajiet għall-kura ta' kwalità għolja: promozzjoni tat-talenti, riskju mnaqqas għall-waqfien bikri mill-iskola, ċansijiet imtejba ta' impjieg b'mod partikolari għan-nisa, kif ukoll impulsi għat-tkabbir fuq livell reġjonali ([19]).

4.4 **Investimenti fl-edukazzjoni u l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ:** Ewropa sostenibbli tista' tirnexxi biss permezz ta' livell edukattiv ogħla u t-tnaqqis tad-defiċits fil-qasam tal-edukazzjoni ġenerali u professjonali. L-investimenti fl-edukazzjoni li huma xierqa għall-ħtiġijiet tan-nies u l-ekonomija jwasslu għal produttività ogħla u dħul ogħla mit-taxxi u s-sigurtà soċjali. Kalkoli tal-OECD rigward il-vijabbiltà tal-ispejjeż pubbliċi għall-edukazzjoni jindikaw redditu medju ta' 7,8 % ([20]). Il-promozzjoni tal-impjiegi fost iż-żgħażagħ għandha tkun parti ċentrali tal-istrateġiji nazzjonali għall-investimenti soċjali. Bir-raġun l-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw miżuri b'saħħithom għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari għal dawk li ma jinsabux f'xi forma ta' impjieg jew taħriġ (NEETs). It-telf ekonomiku minħabba s-separazzjoni taż-żgħażagħ mis-suq tax-xogħol jew mis-sistema edukattiva huwa kkalkolat mill-Eurofound għal EUR 150 biljun kull sena jew 1,2 % tal-PDG Ewropew ([21]).

---

([12]) Drivers of Female Labour Force Participation in the OECD, Dokumenti ta' ħidma Nru 145 tal-OECD dwar l-affarijiet soċjali, l-impjiegi u l-migrazzjoni, pubblikazzjoni tal-OECD, Thévenon Olivier (2013) (mhux disponibbli bil-Malti).

([13]) "Ergebnis der Studie: jeder 2010 in die Mobilen Dienste investierte Euro schafft einen Gegenwert von 3,70 EUR", p.9, Studju dwar il-benefiċċju soċjali u ekonomiku tas-servizzi tal-kura u l-assistenza mobbli fi Vjenna permezz ta' analiżi tar-redditu soċjali fuq l-investiment, C. et al, Vjenna (2012) (mhux disponibbli bil-Malti).

([14]) SWD(2012) 95 final.

([15]) ĠU C 11, 15.1.2013, punt 4.7.5

([16]) Zur ökonomischen Notwendigkeit eines investiven Sozialstaates (Il-bżonn ekonomiku ta' investiment fis-sistema soċjali), WIFO, Famira-Mühlberger, U (2014), Vjenna (mhux disponibbli bil-Malti).

([17]) Investiver Sozialstaat Wachstum, Beschäftigung und finanzielle Nachhaltigkeit Volkswirtschaftliche und fiskalische Effekte des Ausbaus der Kinderbetreuung in Österreich (Investiment fis-sistema soċjali: tkabbir, impjieg u sostenibbiltà finanzjarja u l-effetti fiskali tal-espansjoni tal-kura tat-tfal fl-Awstrija), Brussell, Eurofound (Ref.: EF1344)) (mhux disponibbli bil-Malti).

([18]) Ara The rate of return to the HighScope Perry Preschool Program, Journal of Public Economics, , Heckman, J.J., et al. (2010), Vol. 94 (1-2), p. 114-128 (mhux disponibbli bil-Malti).

([19]) COM(2013) 778 final.

([20]) Ara n-nota 18 f'qiegħ il-paġna.

([21]) Junge Menschen und NEETs in Europa: Erste Ergebnisse, Eurofound (EF1172EN) (Iż-żgħażagħ u n-NEETs fl-Ewropa: l-ewwel riżultati) (mhux disponibbli bil-Malti).

4.5 **Investimenti fil-promozzjoni tal-impjiegi:** Ir-rati għoljin tal-qgħad – b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul – ma jirrappreżentawx biss piż kbir għall-persuni kkonċernati u l-qraba tagħhom. Anke għall-fondi pubbliċi, is-solidifikazzjoni tal-qgħad hija sfida kbira li għandha tkun ikkumbattuta permezz ta' miżuri tal-kwalifikazzjoni u l-promozzjoni tal-impjieg ([22]). Iktar ma jdum il-qgħad, iktar issir diffiċli li tintlaħaq rikonċiljazzjoni bejn il-provvista u d-domanda tax-xogħol. B'mod partikolari f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien u t-teknoloġija, defiċits fil-kwalifikazzjoni u n-nuqqas ta' prattika tax-xogħol huma ostakolu ewlieni milli wieħed jirnexxi għat-tul fis-suq tax-xogħol.

4.6 **Investimenti fil-ġlieda kontra t-tibdil demografiku u fit-tijib tal-opportunitajiet tal-impjiegi għall-anzjani:** il-KESE diversi drabi osserva li s-suq tax-xogħol huwa ċ-ċavetta ċentrali biex jingħeleb it-tibdil demografiku. Jekk il-potenzjal ta' impjieg disponibbli jkun użat aħjar, ir-relazzjoni bejn min jikkontribwixxi u r-riċevituri tal-benefiċċji, minkejja ż-żieda fin-numru ta' anzjani tista' tinżamm fil-biċċa l-kbira stabbli ([23]). Minkejja ċ-ċaqliq prevedibbli fl-istruttura tal-età, sa issa f'ħafna pajjiżi tal-UE ma ġiex investit biżżejjed fit-titjib ta' dinja tax-xogħol adattata għall-età (il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adattati għall-età) u t-titjib fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

4.7 **Investimenti fil-prevenzjoni u r-riabilitazzjoni tas-saħħa:** l-effetti pożittivi jistgħu jiġu wkoll mill-promozzjoni tas-saħħa fil-post tax-xogħol u fl-intrapriżi, peress li l-impjegabilità u r-riskju li wieħed jispiċċa qiegħed huma relatati mill-qrib mas-saħħa fiżika u mentali. Jekk is-sitwazzjonijiet ta' perikolu ma jiġux identifikati fil-ħin u ma tittieħedx azzjoni dwarhom, ma tinħoloqx biss it-tbatija personali iżda wkoll spejjeż soċjali għoljin. Għall-assigurazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-fondi pubbliċi jrid jiġi investit b'mod iktar qawwi fil-prevenzjoni.

4.8 **Investimenti fil-bini ta' akkomodazzjonijiet soċjali:** bħall-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, anke l-KESE iqis li l-bini ta' akkomodazzjonijiet soċjali huwa muftieħ għall-koeżjoni soċjali u jappella għal qafas Ewropew f'dan ir-rigward ([24]). Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jkompli jiġi żgurat sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jiddefinixxu l-kriterji tal-akkomodazzjoni soċjali. Permezz ta' tali investimenti tiġi indirizzata ħtieġa soċjali urġenti (b'mod partikolari fil-qasam tal-ġlieda kontra l-faqar u l-integrazzjoni soċjali), u fl-istess waqt jinħolqu postijiet tax-xogħol fir-reġjuni li permezz tagħhom tiġi stabbilizzata l-ekonomija u pereżempju permezz ta' investimenti fir-rinnovazzjoni termali jsir kontribut għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-faqar enerġetiku ([25]).

4.9 **Investimenti f'soċjetà mingħajr barrieri:** il-KESE kemm-il darba enfasizza l-ħtieġa tal-promozzjoni ta' soċjetà mingħajr barrieri ([26]). F'dan is-sens, l-investimenti soċjali għandhom jiffokaw, fost l-oħrajn, fuq l-investimenti fil-ħolqien ta' spazji u residenzi pubbliċi adattati għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, infrastrutturi xierqa għall-promozzjoni tal-mobilità kif ukoll il-ħolqien ta' servizzi soċjali aċċessibbli faċilment, affordabbli u bi kwalità għolja għall-gruppi żvantaġġati fis-soċjetà.

4.10 **Investimenti fl-intraprenditorija soċjali:** il-KESE jilqa' li l-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-ekonomija soċjali fl-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali. Ħafna drabi tkun involuta direttament fl-implimentazzjoni. Sabiex dawn il-kompiti jkunu appoġġjati, il-fondi pubbliċi u l-kapital privat għandhom ikunu aċċessibbli iktar faċilment, u adatti għall-mudelli ta' negozju tal-intrapriża soċjali. Il-possibbiltajiet innovattivi ta' finanzjament, eżempju permezz tal-parteċipazzjoni tas-settur privat, għandhom jintużaw iktar mill-Istati Membri; dan jista' jwassal ukoll għall-iffrankar baġitarju ([27]). Madankollu l-KESE jenfasizza mill-ġdid li dan ma jista' bl-ebda mod iwassal għall-kummerċjalizzazzjoni tal-politika soċjali jew għal approċċ frammentat għaliha. L-Istat ma jistax jaħrab mir-responsabbiltà tiegħu relatata mal-politika soċjali ([28]).

## 5. **Rakkomandazzjonijiet ta' politika**

5.1 *Il-bidla fid-direzzjoni għal investimenti soċjali ta' prevenzjoni teħtieġ li tiġi abbandunata l-politika ta' awsterità unilaterali u stretta.*

5.1.1 Mill-perspettiva tal-KESE, l-estensjoni tas-servizzi soċjali tikkontribwixxi iktar għall-impjiegi minn kwalunkwe forma oħra ta' nefqa pubblika. Għalhekk iħeġġeġ bis-sħiħ biex l-istat assistenzjali fl-Ewropa jkun żviluppat b'mod progressiv u sostenibbli, sabiex ikun jista' jiġi żviluppat il-potenzjal tiegħu bħala qawwa produttiva addizzjonali fl-ekonomija Ewropea.

---

([22]) Why invest in employment? A study on the cost of unemployment, Brussell, Idea Consult (2012) (mhux disponibbli bil-Malti).
([23]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74.
([24]) Riżoluzzjoni tal-PE, 11.6.2013 (2012/2293(INI)), ĠU. C 9, 22.12.2011, p. 4.
([25]) Riżoluzzjoni tal-PE dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Investimenti Soċjali (PE508.296v01-00).
([26]) Ara wkoll TEN/515 "L-aċċessibbiltà bħala dritt tal-bniedem" (għadu ma ġiex ippubblikat) u ĠU. C 44, 15.02.2013, p. 28.
([27]) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.
([28]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 91.

5.1.2 L-implimentazzjoni u t-twettiq b'suċċess tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali mfassal fuq firxa wiesgħa jeħtieġu kuntest makroekonomiku u istituzzjonali kredibbli. Jekk ma tinbidilx il-politika tat-tnaqqis unilaterali tan-nefqiet, ma tistax tintlaħaq integrazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol ta' partijiet kemm jista' jkun wesgħin tas-soċjetà u lanqas il-parteċipazzjoni soċjali u ekonomika ġusta tagħhom.

5.1.3 Fid-dawl tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali u l-isfidi marbutin miegħu, il-KESE għalhekk jenfasizza t-talba tiegħu għar-realizzazzjoni ta' programm ekonomiku u ta' investiment Ewropew ta' 2 % tal-PDG ([29]).

5.2 *Mingħajr is-sigurtà finanzjarja, il-potenzjal soċjali u ekonomiku tal-investimenti soċjali ma jistax jiġi sfruttat.*

5.2.1 Il-bidla fundamentali kredibbli fid-direzzjoni ta' strateġiji ta' investiment u prevenzjoni fir-rigward ta' oqsma ċentrali tal-azzjoni (fost l-oħrajn il-politika edukattiva, soċjali, tas-suq tax-xogħol, tas-saħħa) tista' ssir biss meta jkun żgurat il-finanzjament – kemm fil-baġit tal-UE kif ukoll fil-baġits tal-Istati Membri individwali.

5.2.2 Il-KESE jtenni l-konvinzjoni tiegħu li fil-kuntest ta' konsolidazzjonijiet fiskali li ġejjin m'għandhiex tingħata attenzjoni biss lin-naħa tan-nefqiet, iżda f'rabta maż-żieda fl-effiċjenza u fl-effettività tan-nefqiet pubbliċi huwa wkoll essenzjali l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' dħul ([30]). B'rabta ma' dan il-KESE huwa tal-fehma li t-tisħiħ tal-bażi għat-taxxa tal-Istati Membri tirrikjedi fost elementi oħra l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, l-eliminazzjoni tar-rifuġji fiskali, it-tneħħija tal-kompetizzjoni fiskali u miżuri kontra l-evażjoni tat-taxxa. Barra minn hekk, hemm bżonn li ssir reviżjoni ġenerali tas-sistemi fiskali, b'attenzjoni mistħoqqa għall-kwistjoni tal-kontributi tat-tipi differenti ta' dħul u assi ([31]).

5.2.3 Minn naħa waħda l-KESE jappoġġja l-fehmiet tal-Kummissjoni li l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jservi bħala l-istrument primarju għall-promozzjoni tal-investimenti soċjali u li 20 % tal-FSE f'kull Stat Membri għandhom ikunu riżervati għall-integrazzjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar. Madankollu l-Kumitat jemmen li għandu wkoll isir użu ta' fondi tal-UE oħrajn. Għalhekk, kemm mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif ukoll mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għandhom jiġu użati fondi sostanzjali għal servizzi soċjali bħall-kura tat-tfal, il-kura fuq perjodu twil jew il-mobilità f'żoni rurali u għandhom ikunu stabbiliti fil-ftehimiet nazzjonali.

5.2.4 B'mod kritiku ħafna l-KESE josserva l-kondizzjonalitajiet fi ħdan il-governanza ekonomika, li jipprevedu t-tnaqqis fil-fondi ta' koeżjoni bħala multi f'każ ta' nonkonformità mar-rekwiżiti tal-UE fil-qasam makroekonomiku. Dan mhux biss għandu effetti proċikliċi u ristrettivi fuq l-iżvilupp ekonomiku, iżda jkompli jxekkel ukoll l-investimenti meħtieġa b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-programm. B'kuntrast għal dan għandhom jiġu stabbiliti impulsi tat-tkabbir u tiġi pprovduta l-għajnuna biex is-sehem tal-kofinanzjament Ewropew, b'mod partikolari f'dawk il-pajjiżi li huma partikolarment milquta mill-kriżi ekonomika, ikompli jiżdied.

5.3 *L-investimenti soċjali għandhom isiru punti fissi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tas-Semestru Ewropew.*

5.3.1 Il-KESE jappella biex ikun hemm fokus iktar b'saħħtu fuq investimenti soċjali fil-proċess ta' koordinazzjoni tas-Semestru Ewropew. Din l-enfasi ġdida għandha tkun ikkunsidrata b'mod espliċitu fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri. Waqt li jsir dan għandu jkun iċċarat li investimenti soċjali iktar b'saħħithom huma konformi ma' konsolidazzjoni fiskali favorevoli għat-tkabbir.

5.3.2 Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-KESE jappoġġja d-diskussjoni li għaddejja fil-Kummissjoni tal-UE dwar l-użu tal-hekk imsejħa 'regola tad-deheb' fil-finanzjament, biex fil-kuntest tal-qafas tar-regoli fiskali tal-UEM, l-investimenti soċjali jiġu esklużi mill-kalkolu tad-defiċits pubbliċi netti. B'hekk jiġi evitat li l-investimenti b'benefiċċji netti fit-tul jibqgħu minn taħt. Il-KESE jissuġġerrixxi li titmexxa diskussjoni dwar jekk ir-regola finanzjarja tad-deheb tistax tiġi applikata wkoll għall-investimenti soċjali appoġġjati mill-fondi strutturali tal-UE.

5.3.3 Il-promozzjoni tal-investimenti soċjali għandha wkoll tkun element ċentrali fir-reviżjoni tal-Linji Gwida Integrati għat-tkabbir u l-impjiegi matul il-proċess ta' reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 fl-2014.

([29]) Ara ĠU C 133, 9.5.2013, p.77, punt 3.2.4.
([30]) Ara ĠU C 143, 22.5.2012, p. 94, punt 4.3.
([31]) Ara ĠU C 143, 22.5.2012, p. 23, punt 6.1.3.1.

5.3.4 Għall-KESE huwa essenzjali li l-atturi kollha inkarigati mill-implimentazzjoni tal-investimenti soċjali jiġu kkonsultati u informati aktar u jiġu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ.

5.4 *Metodoloġija aħjar u strumenti iktar effiċjenti biex jitkejjel is-suċċess tal-istrateġija ta' investimenti soċjali miżjuda.*

5.4.1 Il-prinċipji bażiċi tad-deċiżjoni dwar l-orjentazzjoni futura tal-politika għandhom ikunu ta' kwalità ogħla u iktar olistiċi. B'mod ġenerali, fil-kuntest tal-investimenti soċjali għandu jkun immirat approċċ dinamiku fiż-żmien, orjentat lejn iċ-ċiklu tal-ħajja u preventiv, li jirrifletti aktar ir-realtà tal-ispejjeż minn sempliċi analiżijiet statiċi tal-kostijiet u l-benefiċċji ([32]).

5.4.2 Fid-dawl tar-rabtiet kumplessi bejn l-oqsma ta' politika differenti huma meħtieġa metodoloġija mtejba għall-kejl tas-suċċess u trasparenza ogħla, pereżempju fil-forma ta' relazzjonijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji b'definizzjoni tal-benefiċċju globali għas-soċjetà jew deskrizzjonijiet tax-xenarju ta' miżuri politiċi differenti mal-mogħdija taż-żmien b'kunsiderazzjoni ta' perspettivi fil-perjodu medju u fit-tul.

5.4.3 L-ewwel pass possibbli jista' jkun żvilupp metodoloġiku tal-projezzjonijiet standardizzati fit-tul diġà eżistenti f'oqsma individwali marbuta, fost oħrajn, mad-demografija (pereżempju edukazzjoni, kura, saħħa, pensjonijiet). Ir-Rapport tal-2015 dwar it-tixjiħ jista' jkun okkażjoni xierqa biex jiġi ppreżentat ir-redditu mill-investimenti soċjali meħtieġa u baġitati skont il-kundizzjonijiet nazzjonali. Dan sa issa ma ngħatax l-attenzjoni mistħoqqa u dejjem wassal għal rappreżentazzjonijiet mgħawġa u eżaġerati tal-kostijiet.

5.4.4 Pendenti huwa wkoll x'importanza għandhom jingħataw l-indikaturi soċjali fil-qafas istituzzjonali eżistenti tal-UEM. Sabiex l-indikaturi jingħataw importanza reali fl-orjentazzjoni politika, huma jridu jiġu rfinati.

5.4.5 Il-KESE iqis interessanti wkoll it-talba tal-Parlament Ewropew ([33]) lill-Kummissjoni biex tiżviluppa tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi komuni għall-investimenti soċjali li tinkludi mekkaniżmu ta' twissija għas-sorveljanza tal-avvanzi fl-Istati Membri kif ukoll l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jeżminaw il-possibbiltà li jiffirmaw "Patt dwar l-Investimenti Soċjali" li jistabbilixxi l-għanijiet tal-investimenti u joħloq mekkamiżmu ta' kontroll.

5.5 *Reviżjoni u konkretizzazzjoni tal-pjan direzzjonali ta' politika għall-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali.*

5.5.1 Il-KESE jqis li l-pjan direzzjonali ta' politika għall-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-Kummissjoni huwa wisq difensiv u jitlobha għalhekk tippreżenta pjan direzzjonali iktar konkret u fuq perjodu itwal (mill-inqas sal-2020).

Brussell, 26 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

---

([32]) Ara Kummissjoni Ewropea, Aġenda Soċjali, Mejju 2013, p. 15.
([33]) Ara n-nota 27 f'qiegħ il-paġna.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-497 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE TAL-25 U S-26 TA’ MARZU 2014

### Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Inwasslu s-suq intern tal-elettriku u niġbdu l-akbar profitt mill-intervent pubbliku’”

*C(2013) 7243 final*

(2014/C 226/05)

Relatur: **is-Sur Coulon**

Korelatur: **is-Sur Ioniță**

Nhar il-5 ta’ Awwissu 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Inwasslu s-suq intern tal-elettriku u niġbdu l-akbar profitt mill-intervent pubbliku”*

C(2013) 7243 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-10 ta’ Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta’ Marzu 2014 (seduta tal-25 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’135 vot favur, vot wieħed (1) kontra u astensjoni waħda (1).

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa’ l-Komunikazzjoni l-ġdida li għandha l-għan li tipprovdi lill-Istati Membri gwida dwar kif jista’ jsir l-aħjar użu mill-intervent pubbliku. Huwa jqis din bħala opportunità biex il-politiki jiġu kkalibrati mill-ġdid fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri u biex tingħata spinta ġdida lill-proċess tal-integrazzjoni tas-suq tal-elettriku tal-UE, billi jkun hemm aktar attenzjoni fuq il-benefiċċji għaċ-ċittadini (b’mod partikolari l-aktar nies vulnerabbli) u l-qerda tal-faqar enerġetiku fi ħdan l-Unjoni.

1.2 Il-KESE jirrakkomanda li jiġu kkjarifikati t-termini “intervent pubbliku” u “għajnuna mill-Istat”. Li jsir l-aħjar użu mill-intervent pubbliku ma jfissirx li b’mod sistematiku l-intervent jew l-għajnuna għandhom jitnaqqsu jew jiżdiedu iżda pjuttost għandhom jiġu ottimizzati.

1.3 Il-KESE jappella għal aktar konsistenza Ewropea fl-intervent pubbliku nazzjonali u lokali sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta’ impatt kontroproduttiv.

1.4 Huwa jirrakkomanda biex il-Kummissjoni toqgħod attenta li l-għanijiet tal-Komunikazzjoni tagħha ma jfixklux il-ksib tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

1.5 Suq tal-elettriku integrat aħjar, aktar profond u fluwidu għandu jkun ta’ benefiċċju għall-produtturi u l-konsumaturi (inklużi l-SMEs, l-artiġġjani u produtturi oħra fuq skala żgħira). Madankollu l-fruntieri nazzjonali jkomplu jiffurmaw ostakoli b’saħħithom f’termini ta’ regolamenti, kapaċità ta’ trażmissjoni, struttura tal-prezzijiet, eċċ.

1.6 Il-KESE jfakkar li huwa urġenti li jiġu żviluppati l-infrastrutturi tat-trasport u jissaħħu l-interkonnessjonijiet tal-elettriku.

1.7 Huwa jappoġġja l-idea li l-iskemi tal-għajnuna għall-enerġija rinnovabbli jiġu Ewropizzati u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiffaċilita aktar il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex tiġi promossa l-għajnuna transkonfinali.

1.8 Il-KESE jaqbel li l-appoġġ għat-teknoloġiji ġodda għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid hekk kif dawn jimmaturaw. Huwa jaħseb li l-Kummissjoni għandha tipprovdi definizzjoni ċara ta' x'inhi enerġija matura – definizzjoni li tista' tiġi żviluppata maż-żmien.

1.9 Il-KESE jaqbel li s-suq intern tal-elettriku mhuwiex għan fih innifsu. Dan għandu jitfassal għall-benefiċċju tal-konsumaturi kollha, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli. Il-KESE jenfasizza l-idea li jiġu żviluppati miżuri fil-livell Ewropew biex l-utenti jingħataw is-setgħa bħala protagonisti prinċipali fis-suq Ewropew tal-elettriku, sabiex isiru "konsumaturi-atturi". Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-azzjoni tagħha f'dan ir-rigward u tressaq miżuri u inizjattivi bil-għan li jsir l-aħjar użu possibbli tal-intervent pubbliku bħala mod kif jinqered il-faqar enerġetiku.

1.10 Il-KESE jenfasizza li l-elettriku huwa kommodità komuni essenzjali u jrid jiġi ġestit bħala tali. Fl-interess ekonomiku ġenerali, Stat Membru jista' jorbot miegħu ċerti obbligi ta' servizz pubbliku. L-aċċess universali għall-enerġija għandu jkun fil-qalba tal-politika Ewropea tal-enerġija u mnaqqax fit-Trattat. Fl-interessi tal-kompetizzjoni, il-fatt li jsir l-aħjar użu mill-intervent pubbliku fis-settur tal-enerġija m'għandux iwassal għal obbligi mnaqqsa jew limitati ta' servizz pubbliku li l-Istati Membri għażlu li jimplimentaw. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun ferm viġilanti dwar dan il-punt u jitlobha tieħu miżuri sabiex jiġu pprovduti salvagwardji aħjar għall-obbligi ta' servizz pubbliku u sabiex tjkompli ssaħħaħhom aktar, irrispettivament mil-limiti attwali ta' awsterità.

## 2. **Daħla**

2.1 Fl-2008, l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet għanijiet ambizzjużi ta' klima u enerġija (3x20). Il-qafas Ewropew il-ġdid dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 tat-22 ta' Jannar 2014 ser ikun is-suġġett ta' opinjoni fil-futur tal-KESE. L-Istati Membri għamlu progress lejn il-ksib tal-għanijiet tal-enerġija rinnovabbli, fil-biċċa l-kbira bħala riżultat ta' intervent pubbliku.

2.2 Barra minn hekk, fi Frar 2011 il-kapijiet ta' stat u ta' gvern tal-UE ddikjaraw li l-għan kien li s-suq intern tal-enerġija jiġi kkompletat sal-2014. Minn dak iż-żmien lil hawn il-Kummissjoni ppubblikat għadd ta' dokumenti għal dan il-għan. Nhar il-15 ta' Novembru 2012 hija ppubblikat Komunikazzjoni bit-titolu "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti", li tinkludi valutazzjoni inizjali tas-suq intern tal-enerġija u pjan ta' azzjoni biex dan jiġi kkompletat. Il-Komunikazzjoni ġiet segwita minn seduta pubblika dwar is-suq intern tal-enerġija, l-adegwatezza tal-kapaċita ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u l-mekkaniżmi ta' kapaċità.

2.3 Nhar il-5 ta' Novembru 2013 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni oħra, "Inwasslu s-suq intern tal-elettriku u niġbdu l-akbar profitt mill-intervent pubbliku", flimkien ma' ħames dokumenti li tħejjew minn dipartimenti tal-Kummissjoni li jinkludu gwida dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità, il-mekkaniżmi ta' appoġġ għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-Isati Membri fil-qasam tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet ta' rispons għad-domanda.

2.4 Il-Kummissjoni tinnota li l-ħolqien tas-suq intern u li jiġu segwiti għanijiet ta' klima/enerġija taw bidu għal sfidi ġodda li jitolbu forom ġodda ta' intervent pubbliku, l-aktar fil-livell nazzjonali: għalhekk l-ispinta sabiex jiġu żviluppati u appoġġjati sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-iżgurar ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni adegwati, eċċ.

2.5 L-għan ta' din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni huwa li tipprovdi lill-Istati Membri gwida dwar kif jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-intervent pubbliku, jaġġustaw il-miżuri ta' intervent eżistenti u jfasslu oħrajn ġodda. Jekk l-intervent pubbliku ma jkunx imfassal tajjeb, dan jista' jxekkel is-suq b'mod serju u jgħolli l-prezzijiet tal-enerġija kemm għad-djar kif ukoll għan-negozji. Għaldaqstant il-Kummissjoni ġabret lista ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe intervent pubbliku: l-identifikazzjoni ta' problema speċifika u l-kawża tagħha waqt li jintwera li s-suq mhuwiex kapaċi jsolviha; il-valutazzjoni tal-interazzjoni ma' għanijiet oħra tal-politika tal-enerġija u l-koordinazzjoni tad-diversi strumenti ta' politika pubblika; il-valutazzjoni tal-alternattivi; il-minimizzazzjoni tal-impatt fuq is-sistemi tal-elettriku; l-ispejjeż tal-intervent li jinżammu baxxi; il-kunsiderazzjoni tal-ispejjeż għall-manifatturi u l-individwi privati; il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-tneħħija progressiva ta' dawn il-miżuri ladarba jintlaħaq l-għan.

2.6 Skont il-Kummissjoni, l-għan huwa li gradwalment jinbena suq Ewropew tal-enerġija fejn il-provvista u d-domanda jiffunzjonaw sew, is-sinjali tal-prezzijiet ikunu konformi mal-għanijiet tal-politiki, l-atturi jgawdu minn kundizzjonijiet indaqs u l-ġenerazzjoni tal-enerġija tkun effiċjenti. Hekk kif it-teknoloġiji jimmaturaw, dawn gradwalment għandhom ikunu soġġetti għall-prezzijiet tas-suq, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ eventwalment għandhom jintemmu. Fil-prattika dan ifisser it-tneħħija progressiva tat-tariffi supplimentari u l-bidla lejn primjums supplimentari u strumenti oħra ta' appoġġ li jinkoraġġixxu lill-produtturi jirrispondu għat-tendenzi tas-suq. Il-Kummissjoni qed tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jikkoordinaw aħjar l-istrateġiji tal-enerġija rinnovabbli tagħhom sabiex inaqqsu l-ispejjeż għall-konsumaturi f'termini ta' prezzijiet u taxxi tal-enerġija. L-iskemi ta' appoġġ għandhom jiġu allinjati aktar mill-qrib ma' xulxin.

2.7 Il-Komunikazzjoni, għalkemm mhijiex legalment vinkolanti, tiddefinixxi l-prinċipji bażiċi li l-Kummissjoni ser tapplika meta tivvaluta l-intervent pubbliku relatat mal-iskemi ta' appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-mekkaniżmi li jaffettwaw il-kapaċità u l-miżuri għall-aġġustament tad-domanda tal-konsumaturi. Dawn il-prinċipji għaldaqstant ser ikollhom impatt fuq kif jiġu applikati r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat u fuq kif tiġi implimentata l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-enerġija. Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tipproponi strumenti legali li jiżguraw li dawn il-prinċipji jiġu implimentati bis-sħiħ.

## 3. **Il-kummenti tal-KESE**

3.1 B'mod kostanti l-KESE qal li huwa jara s-suq intern tal-enerġija bħala opportunità u li jrid jittieħed kull pass biex jiġi żgurat li dan jaħdem għall-benefiċċju tal-konsumaturi industrijali u domestiċi, u jinvolvi mill-qrib lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-faqar enerġetiku ([1]).

*Lejn suq uniku: neliminaw il-fruntieri*

3.2 Il-KESE dejjem approva l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom l-għan li jiġi kkompletat is-suq intern tal-enerġija. Il-KESE jinnota wkoll li għal dan il-għan huwa jappoġġja l-prinċipju li tiġi stabbilita komunità Ewropea tal-enerġija. Din il-komunità Ewropea tal-enerġija tagħmilha possibbli li tissaħħaħ il-governanza komuni tal-kwistjonijiet tal-enerġija bl-aqwa mod possibbli billi jiġu promossi s-solidarjetà, il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni fir-rigward b'mod partikolari tal-kwistjonijiet tas-suq u tal-infrastruttura.

3.3 Is-suq intern ma jistax jeżisti sakemm ikun għad hemm "fruntieri nazzjonali" għan-negozjar tal-enerġija, u l-kapaċità transkonfinali għandha tiġi ttrattata bħal kwalunkwe linja jew pajp li ma jaqsamx il-fruntieri. Il-Komunikazzjoni għandha tenfasizza li mhumiex biss id-differenzi fir-regolamenti nazzjonali, iżda wkoll l-aċċess għall-kapaċità transkonfinali, li jibqgħu ostakolu importanti għall-eliminazzjoni de facto tal-fruntieri fis-suq intern tal-enerġija. Pereżempju, il-ġeneralizzazzjoni ta' metodoloġija tal-ipprezzar "dħul-ħruġ" u tal-allokazzjoni tal-kapaċità għat-trażmissjoni fl-Istati Membri kollha tista' tagħti spinta lill-kummerċ transkonfinali, u din tkun ippreferuta minn mudell "punt għal punt" peress li toħloq inċentivi għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs) biex dawn jinvestu fl-eliminazzjoni tat-tfixkil tal-kapaċità bħalma hemm fil-fruntieri taż-żoni tagħhom ta' servizz. Dan għandu jkun ta' benefiċċju għall-protagonisti kollha tas-suq, inklużi dawk fis-suq tal-enerġija rinnovabbli intermittenti. Apparti n-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSOs), il-Kummissjoni u l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) iridu jerġgħu jeżaminaw il-mekkaniżmi ta' allokazzjoni u jimponu obbligi fuq it-TSOs fir-rigward tal-iskambji tal-enerġija. Hemm bżonn ta' analiżi mill-ġdid biex jiġi żgurat li ma jeżisti l-ebda "tfixkil artifiċjali" potenzjali fil-fruntieri nazzjonali li jista' jirrestrinġi l-flussi tal-enerġija bejn l-Istati Membri. Dan it-"tfixkil artifiċjali" jista' jinħoloq minn politiki nazzjonali ta' protezzjoni li għandhom l-għan li jintroduċu tariffi nazzjonali uniformi jew minn abbużi kummerċjali potenzjali tat-TSOs nazzjonali li jmexxu t-tfixkil tal-enerġija domestika lejn il-fruntieri taż-żoni tagħhom ta' servizz. Regoli bħal dawn jinkoraġġixxu lit-TSOs sabiex imexxu l-investimenti tagħhom lejn interkonnessjonijiet transkonfinali aħjar tal-grilji tat-trażmissjoni.

3.4 Il-KESE jappella sabiex jissaħħu l-interkonnessjonijiet tal-elettriku bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern tal-enerġija. Huwa jappoġġja l-inizjattivi kollha sabiex l-użu u l-effiċjenza tan-netwerks tal-elettriku jsiru aktar fluwidi bil-għan li tiġi żviluppata l-enerġija rinnovabbli. Għalhekk huwa japprova l-kooperazzjoni bħal Coreso, il-bidu ta' sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku Ewropea.

*Sorsi ta' enerġija rinnovabbli u adegwatezza tal-ġenerazzjoni*

3.5 Barra minn hekk, il-KESE ppromova b'mod konsistenti l-għan li jiżdied l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli ([2]). Il-KESE jappoġġja l-għanijiet tal-pjan direzzjonali 2050.

---

([1]) ĠU C 133, 9.5.2013, pp. 27-29; ĠU C 68, 6.3.2012, pp. 15-20; ĠU C 341, 21.11.2013, pp. 21-26.
([2]) ĠU C 77, 31.3.2009, pp. 43-48; ĠU C 44, 15.2.2013, pp. 133-139; ĠU C 229, 31.7.2012, pp. 126-132.

3.6 L-arranġamenti ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli ddaħħlu fis-seħħ meta s-sehem rinnovabbli tal-enerġija kien baxx u t-teknoloġija kienet għadha fi stadju bikri. Illum il-ġurnata s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika kiber b'mod konsiderevoli u ser ikompli jikber fuq terminu twil. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-intervent pubbliku jrid jiġi evalwat, b'rispett kif xieraq għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, fid-dawl tal-livell ta' maturità tas-sorsi tal-enerġija u t-teknoloġiji. Il-KESE jikkunsidra, madankollu li l-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi definizzjoni ċara ta' x'inhi enerġija matura u għandha terġa' tirrevediha fid-dawl tal-progress teknoloġiku futur. Il-KESE jindika wkoll li l-evalwazzjoni u l-aġġustament tal-arranġamenti ta' appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandhom isiru b'tali mod li jiġi żgurat li l-konsumaturi, u b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq Ewropew tal-elettriku. Il-KESE jirrakkomanda li tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li dan l-aġġustament tal-appoġġ ma jagħmilhiex aktar diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet tal-Ewropa 2020. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni lil dan l-aspett meta tabbozza l-Linji Gwida tal-Unjoni l-ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ambjent u l-enerġija.

3.7 Bl-istess mod, l-appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandu jitneħħa progressivament għat-teknoloġiji li qed jimmaturaw, iżda wkoll għandu jiġi kkoordinat sew mal-iżvilupp ta' suq tal-emissjonijiet li jiffunzjona. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandu jkun flessibbli, proporzjonat, rigressiv u kompetittiv, waqt li jippermetti li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jirrispondu aktar għas-sinjali tas-suq u jikkompetu ma' unitajiet konvenzjonali. L-appoġġ dirett għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandu jiġi ssostitwit gradwalment minn suq tal-ETS (skema għan-negozjar ta' emissjonijiet) li jiffunzjona, u b'hekk jitneħħa progressivament.

3.8 Il-KESE jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li l-appoġġ tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jsir aktar Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita aktar il-mekkaniżmi għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi promoss appoġġ transkonfinali, li ftit jintuża fil-preżent. L-"Ewropizzazzjoni" tal-appoġġ x'aktarx ma ssirx realtà sakemm l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw politiki individwali, ma jagħtux sehemhom ("free riding") jew jimponu limiti negattivi fuq pajjiżi ġirien (eż. l-appoġġ għal żvilupp malajr ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-Ġermanja jiġġenera trasferimenti f'ċirku fil-Polonja u r-Repubblika Ċeka, li jfisser spejjeż tal-elettriku addizzjonali f'dawn il-pajjiżi għall-bilanċ u s-sigurtà tal-provvista). Huwa aktar faċli li tali problemi jiġu indirizzati issa, meta s-sistema għadha relattivament fil-bidu tagħha, pjuttost milli aktar tard, meta l-effetti tad-dipendenza storika jsiru aktar b'saħħithom.

3.9 Tħassib partikolari għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huwa l-fatt li l-produzzjoni tagħhom hija intermittenti u teħtieġ kapaċitajiet ta' bbilanċjar, supplimentari jew riżerva. Il-Komunikazzjoni tenfasizza r-riskju li l-appoġġ tal-Istati Membri għall-kapaċitajiet supplimentari jista' fil-fatt jappoġġja impjanti ineffiċjenti jew jissussidja karburanti fossili. Il-problema għandha l-ewwel tiġi mmitigata billi jiġu żviluppati swieq ta' servizzi fl-istess jum, ta' bbilanċjar u anċillari li jkunu effettivi. Jekk dawn ikunu tassew effettivi, transkonfinali u jagħtu sinjali ta' prezzijiet korretti, dawn jistgħu, fl-aħħar mill-aħħar, jirregolaw is-suq b'mod tajjeb biżżejjed biex jeliminaw il-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' kapaċità addizzjonali. Il-mekkaniżmi kollha ta' remunerazzjoni ta' riżerva jew ta' kapaċità jridu jkunu bbażati fuq is-suq, teknoloġikament newtrali, mhux diskriminatorji u miftuħa għal parteċipazzjoni transkonfinali ([3]).

3.10 L-istandards u l-mekkaniżmi li jiżguraw ġenerazzjoni adegwata bħalissa jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, peress li l-problemi bil-bilanċ tal-provvista u d-domanda huma differenti minn Stat Membru għal ieħor. L-intervent pubbliku huwa neċessarju biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u biex jinbnew riżervi li jkunu ta' natura nazzjonali. Madankollu, peress li s-swieq qed ikunu dejjem aktar interkonnessi u interdipendenti, u sabiex jiġi evitat li l-eżistenza konġunta ta' sistemi differenti frammentati, għandhom jitħeġġu l-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi b'mod partikolari fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Enerġija, u l-Kummissjoni għandha tħares lejn il-fattibbiltà ta' suq għall-kapaċità Ewropea ta' ġenerazzjoni abbażi tal-esperjenza pożittiva sa issa.

*Intervent pubbliku*

3.11 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-intervent pubbliku għandu rwol importanti sabiex jinkisbu l-għanijiet Ewropej tal-politika tal-enerġija u l-klima. Huwa jemmen li l-aħjar użu tal-intervent pubbliku m'għandux sistematikament ifisser li dan jitnaqqas jew jiżdied, iżda pjuttost li jiġu ottimizzati l-isforzi pubbliċi. Huwa jikkunsidra li l-intervent ta' dan it-tip għandu jaqdi rwol aktar importanti fl-isforzi sabiex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku. Huwa jħoss li għandu jsir użu aħjar mill-intervent pubbliku f'dan il-qasam u jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi proposti u inizjattivi dwar dawn l-aspetti.

3.12 Madankollu, huwa jenfasizza kemm huwa importanti li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-intervent pubbliku fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali jkun konsistenti mal-Ewropa kollha; taħt ċerti ċirkustanzi intervent bħal dan jista' jkun kontroproduttiv fil-livell Ewropew.

([3]) Eurelectric, 17 ta' Jannar 2014.

3.13 Fl-istess ħin, il-KESE jinnota li t-taħlita enerġetika hija parti mis-sovranità nazzjonali sakemm din ma tfixkilx il-kompetizzjoni b'mod sinifikanti u tikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Peress li dan it-tip ta' intervent iħalli impatt fuq pajjiżi Ewropej oħra, il-KESE jemmen li għandha tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Enerġija bil-għan li tinkiseb konsistenza akbar fil-livell Ewropew.

3.14 Il-KESE jinnota f'dan ir-rigward li jkun xieraq li l-Kummissjoni tagħmel distinzjoni ċara bejn intervent pubbliku u għajnuna mill-Istat.

3.15 L-intervent pubbliku għandu impatt fuq l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-elettriku. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li huwa diffiċli biex tiġi ddeterminata n-nefqa ta' kull teknoloġija tal-enerġija fuq bażi kumparabbli u għalhekk biex jiġi vvalutat il-livell ta' intervent pubbliku meħtieġ. F'opinjoni, il-KESE ser janalizza bir-reqqa r-rapport u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-enerġija fl-Ewropa li ġew ippubblikati fit-22 ta' Jannar 2014. Il-Kumitat itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport analiżi tal-faqar enerġetiku fl-Unjoni u tipproponi strateġija u pjan direzzjonali Ewropej biex dan jiġi miġġieled.

3.16 Aktar ma s-suq tal-elettriku jkun kbir, profond u fluwidu, aktar tkun żgurata l-istabbiltà tiegħu u tonqos il-ħtieġa għal diversi forom ta' intervent pubbliku puntwali jew temporanju li bħalissa joħolqu problemi ta' koordinazzjoni.

*Kompetittività*

3.17 Il-Kummissjoni nnutat sew il-kwistjonijiet bħas-sigurtà tal-provvista jew it-telf tal-kompetittività tal-prezzijiet għall-ekonomija tal-UE li mhux dejjem huma kumpatibbli mal-għanijiet "20-20-20", jew mal-miri għall-2050. Għalhekk, il-ksib tal-għanijiet tal-pakkett dwar il-klima jżid l-ispejjeż tal-enerġija għall-individwi u l-industrija, u b'hekk tixxekkel il-kompetittività. Min-naħa l-oħra, l-appoġġ għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli jista' jwassal għal prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa baxxi ħafna u jgħawweġ is-sinjali ta' investiment fil-kapaċitajiet ta' riżerva. L-istrumenti għall-ksib tal-għanijiet "20-20-20" iridu jiġu mmonitorjati sew biex jiġi żgurat li d-distorsjonijiet ma jeċċedux il-benefiċċji.

3.18 Fl-istess ħin, il-proposta tal-Kummissjoni li tippromovi kuntratti fit-tul biex jinbnew impjanti ġodda, li għandhom jiġu konklużi bejn il-produtturi tal-elettriku u l-konsumaturi finali futuri sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industriji li jużaw l-enerġija b'mod intensiv, tqajjem tħassib addizzjonali. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm riskji ta' esklużjoni mis-swieq u kuntratti bħal dawn għandhom jiġu analizzati bir-reqqa sabiex wieħed jara jekk il-benefiċċji humiex akbar mill-ispejjeż jew jekk fil-fatt dawn jostakolaw il-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-konsumaturi li jużaw l-enerġija b'mod intensiv għandhom it-tendenza li jkunu aktar interessati f'impjanti tal-fjuwil konvenzjonali li jipprovdu l-enerġija b'mod affidabbli. Dan l-appoġġ jista' jfixkel politiki oħra tal-UE, minn appoġġ ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għal konformità mad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali. F'sitwazzjonijiet estremi, huwa partikolarment imbarazzanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jekk il-konsumatur industrijali fl-aħħar jiddeċiedi li jmur f'post ieħor, tkun xi tkun ir-raġuni.

*Is-setgħa lill-konsumaturi/il-ġlieda kontra l-faqar*

3.19 Il-KESE jaqbel bis-sħiħ li s-suq intern tal-elettriku mhuwiex għan fih innifsu. Is-suq tal-elettriku għandu jkun ta' benefiċċju għal kulħadd, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli. Hemm bżonn ta' sforzi biex dan jiġi kkompletat peress li s-suq attwalment huwa wisq frammentat. Dan għandu impatt negattiv fuq il-libertà li l-konsumaturi Ewropej jagħżlu l-fornituri u fuq il-baġits (il-prezzijiet huma għoljin ħafna), fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u fuq l-isforzi biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-politika Ewropea tal-enerġija għandha ssaħħaħ l-isforz tagħha li jinqered il-faqar enerġetiku.

3.20 Ir-risposta għad-domanda u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija joffru potenzjal enormi biex jitnaqqas il-konsum fl-eqqel sigħat. Dawn jibqgħu mhux sfruttati biżżejjed minkejja l-progress teknoloġiku. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ li l-konsumaturi jitħeġġu biex jingħataw is-setgħa fit-tfassil tal-"ħajja" enerġetika tagħhom u jsiru "konsumaturi-atturi". It-teknoloġiji bħall-meters intelliġenti jridu jkunu mfassla b'mod ġenwin għall-konsumaturi kollha, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, u jkunu effettivi u utli bis-sħiħ billi jipprovdu informazzjoni trasparenti li tinftiehem b'mod faċli mingħajr spejjeż addizzjonali, u b'hekk jiffaċilitaw l-adattament intelliġenti tad-domanda għall-enerġija (u jiżguraw is-sigurta/il-kunfidenzjalità tad-data). Il-KESE jappoġġja l-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-enerġija (prinċipalment fl-għodda intelliġenti u l-ħżin tal-enerġija).

3.21 L-intervent pubbliku huwa kritiku wkoll peress li r-rispons fuq in-naħa tad-domanda (DSR)/il-ġestjoni fuq in-naħa tad-domanda (DSM) għandhom it-tendenza li jkunu ta' piż bla bżonn fuq il-konsumaturi vulnerabbli. It-tip ta' appoġġ offrut lill-konsumaturi vulnerabbli jrid għaldaqstant ikun adattat għas-sitwazzjonijiet partikolari tagħhom u l-kriterji għall-eliġibbiltà għandhom ikunu ġusti u prevedibbli.

3.22 Il-KESE jikkunsidra li t-teknoloġiji tal-ġestjoni fuq in-naħa tad-domanda u tar-rispons fuq in-naħa tad-domanda mhumiex suffiċjenti biex waħedhom jadattaw u jnaqqsu d-domanda. Il-KESE jappoġġja li tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u jingħataw is-setgħa fil-livell Ewropew permezz ta' diversi inizjattivi appoġġjati minn fond ta' solidarjetà fil-qasam tal-enerġija ([4]). Il-KESE jappoġġja titjib li jżid l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini (b'ċertifikazzjoni professjonali tal-enerġija) biex jiġu indirizzati l-binjiet li jaħlu l-enerġija u biex b'mod gradwali ma jibqax ikun hemm bejgħ jew kiri ta' binjiet bħal dawn.

3.23 Il-konsumaturi Ewropej tal-enerġija huma fost l-anqas sodisfatti bis-suq tagħhom. Il-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu indirizzati min-naħa tal-konsumaturi sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' suq tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb jinkludu: aċċess għall-enerġija; informazzjoni oġġettiva u affidabbli dwar l-offerti inkluż paragun indipendenti; trasparenza dwar it-termini kuntrattwali; protezzjoni kontra prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni aggressivi u li jfixklu; punt ta' kuntatt uniku għall-informazzjoni; informazzjoni li tinftiehem għall-konsumaturi; implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija; tibdil faċli; mezzi effettivi ta' rimedju f'każ ta' lmenti ġġustifikati ([5]); u miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku. Hemm bżonn ukoll monitoraġġ indipendenti tas-swieq tal-enerġija sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u jibbenefika il-konsumatur. Progress dwar dawn id-dimensjonijiet jista' jixpruna appoġġ soċjali u politiku usa' għall-politiki tal-enerġija tal-UE.

3.24 Il-KESE jappoġġja produzzjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli mill-konsumaturi (prosumaturi ([6])). F'ħafna pajjiżi dan il-fenomenu qed jiżviluppa b'mod rapidu, b'mod partikolari fil-Ġermanja u fir-Renju Unit. Dan huwa kruċjali għall-bilanċ tal-enerġija fl-Ewropa, għal provvista tal-enerġija orħos, u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$. Ir-rwol tal-prosumaturi fis-suq tal-enerġija huwa marbut mal-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku. Permezz tal-grilji intelliġenti u meters intelliġenti, prosumatur jista' jipprovdi skambju ta' servizzi ta' enerġija ġġenerata minn impjant żgħir. Sa tmiem l-2020 fir-Renju Unit ser ikun hemm madwar 8 miljun installazzjoni ta' dan it-tip li jipproduċu madwar 40 GW ta' elettriku. In-numru ta' nies impjegati ser jiżboq il-100 000. Il-prosumaturi għandhom jirċievu appoġġ pubbliku għat-tneħħija tal-ostakoli leġislattivi u appoġġ finanzarju/operattiv fil-forma ta' servizzi ta' assemblaġġ u manutenzjoni, partikolarment fil-qasam tal-investiment. Madankollu għandu jkun hemm ukoll fis-seħħ regolamentazzjoni effettiva sabiex jiġi żgurat li l-prosumaturi jinżammu responsabbli b'mod tajjeb għal kwalunkwe żbilanċi li jistgħu jiġġeneraw meta jipprovdu l-enerġija lis-sistema u sabiex jinħolqu strumenti bbażati fuq is-suq u mekkaniżmi għall-ipprezzar li jinċentivawhom inaqqsu dawn l-iżbilanċi.

3.25 L-elettriku mhuwiex kommodità bħall-oħrajn. Huwa kommodità komuni essenzjali u jrid jiġi ġestit bħala tali. Fl-interess ekonomiku ġenerali, Stat Membru jista' jorbot miegħu ċerti obbligi ta' servizz pubbliku. Il-Kumitat talab b'mod ripetut sabiex l-aċċess universali għall-enerġija jiġi inkluż fost l-għanijiet tal-politika ta' enerġija tal-UE u biex jitnaqqax fit-Trattat. Il-KESE għaldaqstant jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li, meta jiġu implimentati mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/72/KE, l-obbligi ta' servizz pubbliku relatati mal-interess ġenerali (b'mod partikolari s-sigurtà, l-aċċess għall-enerġija u għall-enerġija affordabbli, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-elettriku, kif ukoll il-protezzjoni ambjentali, inklużi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-protezzjoni tal-klima, kif definiti fl-Artikoli 3(2) u 3(3) ta' din id-Direttiva) ma jitnaqqsux fil-proċess ta' razzjonalizzazzjoni tal-intervent pubbliku, b'konformità mal-prinċipju tal-kompetizzjoni. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tkun ferm viġilanti dwar dan il-punt u jitlobha li kull sena toħroġ rapport dwar dan l-aspett essenzjali billi, fir-rapport annwali tagħha dwar is-suq intern, tinkludi mhux biss valutazzjoni aktar speċifika u dettaljata dwar il-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi ta' servizz pubbliku iżda billi titlob inizjattivi speċifiċi sabiex dawn l-obbligi jkunu salvagwardjati aħjar, u anke msaħħa, fil-livell Ewropew.

([4]) ĠU C 341, 21.11.2013, p. 21-26.

([5]) Id-drittijiet tal-konsumatur fis-swieq tal-elettriku u l-gass – dokument dwar il-pożizzjoni tal-BEUC, Diċembru 2013.

([6]) Il-prosumaturi huma produtturi żgħar u indipendenti tal-elettriku ġġenerat ħafna drabi f'installazzjonijiet żgħar għall-użu personali (eż. turbini tar-riħ żgħar, pannelli solari, irkupru tas-sħana bl-użu ta' pompi tas-sħana, eċċ.). Il-karatteristika li tiddefinixxi lill-prosumaturi hija li l-produzzjoni tagħhom tista' tkun għall-użu tagħhom stess jew biex ibigħuha lura fin-netwerks l-kbar.

*Governanza*

3.26 Fl-aħħar mill-aħħar it-trasparenza u l-integrità fin-negozjar tal-enerġija bl-ingrossa huma kruċjali għall-protezzjoni tal-interessi ta' kulħadd biex jiġi evitat li l-konsumaturi finali jħallsu żżejjed u biex tiġi appoġġjata governanza tajba tal-kumpaniji tal-enerġija, kemm jekk dawn il-kumpaniji huma tal-Istat kif ukoll jekk huma privati. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni tar-Regolament REMIT u tipproponi soluzzjonijiet jekk hemm bżonn. It-trasparenza fl-innegozjar bl-ingrossa tippermetti li jiġu skoperti malajr kwistjonijiet bħal abbuż tas-suq jew imġiba antikompetittiva u tappoġġja l-intervent tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-baħħara li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE"**

*COM(2013) 798 final – 2013/0390 COD*

(2014/C 226/06)

Relatur: **is-Sur Polyzogopoulos**

Nhar id-19, id-29 u l-21 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 153(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-baħħara li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE*

COM(2013) 798 final – 2013/0390 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-10 ta' Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'136 vot favur u 4 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-Direttiva, li għandha l-għan li ttejjeb il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u li tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-livell tal-Unjoni.

1.2 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li tiġi trattata l-kwistjoni tal-esklużjonijiet li jistgħu jagħmluha iżjed diffiċli għall-baħħara li jibbenefikaw mill-istess drittijiet li jibbenefikaw minnhom il-ħaddiema b'impjiegi bbażati fuq l-art taħt il-liġi Ewropea tax-xogħol.

1.3 Il-KESE huwa tal-fehma li l-Proposta hija pass fid-direzzjoni t-tajba biex iż-żgħażagħ fl-UE jiġu attirati lejn ix-xogħol tat-tbaħħir u s-sajd u lejn karrieri marittimi sostenibbli, peress li tagħmel lil dawn is-setturi iżjed attraenti u, mil-lat tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, jitpoġġew taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-impjiegi bbażati fuq l-art.

1.4 Il-KESE josserva li l-approċċ flessibbli li tadotta l-Kummissjoni jqis l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet ta' dan is-settur ta' importanza vitali, fis-sens li tanalizza erba' modi ta' azzjoni distinti u, għal kull każ, tivvaluta huwiex iġġustifikat li s-settur jiġi ttrattat b'mod differenti, b'tali mod li tevita li tapplika approċċ universali għas-sitwazzjonijiet kollha.

1.5 Il-KESE huwa tal-fehma li l-Proposta għal Direttiva tista' tikkontribwixxi biex tippromovi l-impjieg fis-settur marittimu u tas-sajd u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali, b'konformità mal-għanijiet ġenerali ta' azzjoni previsti fl-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

1.6 Il-KESE jfakkar li, skont l-istudju preliminari li sar fil-qafas tat-task force speċjalizzat dwar l-impjieg u l-kompetittività fis-settur marittimu, hemm il-periklu li jikber id-distakk bejn il-provvista u d-domanda fil-pajjiżi tal-OECD, tant li ċ-ċifri jilħqu s-70 000 uffiċjal u l-221 000 baħri ([1]). Biex il-persentaġġ tal-uffiċjali u l-baħħara Ewropej fit-total dinji tal-impjieg marittimu jibqa' fl-istess livell tal-2010, jeħtieġ li fl-għaxar snin li ġejjin l-għadd tagħhom jiżdied b'10 % fil-pajjiżi tal-Punent tal-UE u b'20 % fin-naħa tal-Lvant ([2]).

([1]) Sulpice, Guy, 2011, "Study on EU Seafarers Employment: Final Report". (Studju dwar l-impjieg tal-baħħara fl-UE. Rapport finali), Kummissjoni Ewropea, DĠ għall-Mobbiltà u t-Trasport, Direttorat C, Trasport marittimu (MOVE/C1/2010/148/SI2.588190), p. 34 (mhux disponibbli bil-Malti).

([2]) Ibid., p. 35.

1.7 Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li l-Proposta għal Direttiva tista' theġġeġ kundizzjonijiet iżjed ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq Ewropew billi tindirizza sitwazzjoni fejn ċerti intrapriżi jiġu eżenti minn ċerti obbligi, pereżempju fil-qasam tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni, li huma obbligatorji għall-kumpaniji f'kompetizzjoni ma' oħrajn li għandhom is-sede tagħhom fi Stati Membri oħra. Josserva li jeħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fi ħdan l-UE iżda wkoll f'livell dinji, fid-dawl tan-natura internazzjonali tal-attivitajiet marittimi tal-kompetizzjoni f'dan is-settur, u jisħaq fuq l-importanza li jiġi skoraġġit b'mod effettiv id-dumping soċjali u l-kompetizzjoni inġusta. Madankollu, ħafna attivitajiet ibbażati fuq l-art huma soġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali u l-fatt li dan jeżisti wkoll fis-settur marittimu m'għandux ikun raġuni għalfejn il-baħħara jiġu esklużi minn drittijiet tax-xogħol u soċjali importanti.

1.8 Madankollu, il-KESE jenfasizza li l-Proposta għal Direttiva waħedha mhijiex biżżejjed biex tagħmel lis-settur marittimu attraenti. Jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn miżuri u inizjattivi – li l-KESE diġà ppropona – fl-oqsma tat-taħriġ, l-edukazzjoni u r-riċerka, it-tisħiħ tal-iġjene u tas-sigurtà u t-tħeġġiġ tal-ispirtu intraprenditorjali u tal-innovazzjoni, bil-għan li jiġu pprovduti servizzi siguri, effikaċi, kompetittivi u ta' kwalità għolja.

1.9 Fid-dawl tal-fatt li l-Proposta għal Direttiva tħejjiet wara għadd ta' snin ta' konsultazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt wesgħin ħafna, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin previst għad-dħul fis-seħħ tat-test (Artikolu 8) jitnaqqas għal tliet snin.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Is-settur marittimu Ewropew huwa minn ta' quddiem nett fil-livell dinji, u jimpjega 345 455 baħħar ([3]). Madwar 30 % tal-bastimenti merkantili jtajru l-bandiera ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE u, fir-rigward tat-tunnellaġġ gross, l-Unjoni tirrappreżenta 19,2 % tal-flotta dinjija ([4]).

2.2 Is-sajd u l-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd jimpjegaw 'il fuq minn 350 000 persuna; ħames Stati Membri – id-Danimarka, Spanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit – jirrappreżentaw 60 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, filwaqt li l-industrija tas-sajd fl-UE tirrappreżenta qabdiet ta' 6,4 miljun tunnellata ta' ħut fis-sena ([5]).

2.3 Iżda, il-globalizzazzjoni, b'mod partikolari fil-kriżi attwali, tikkawża sfidi serji għall-impjiegi u l-kompetittività fis-settur marittimu, li żgur ser ikollhom impatt, kemm kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv, fuq aspetti differenti tal-impjiegi f'dan is-settur.

2.4 Id-deregolazzjoni tas-suq tax-xogħol marittimu li, gradwalment saret iżjed ġeneralizzata mis-snin 80 'l hawn ([6]), wasslet għal tnaqqis fin-numru ta' baħħara Ewropej, nuqqas ta' persunal imħarreġ kif imiss u r-reklutaġġ ta' ekwipaġġi marittimi minn pajjiżi terzi. Dan huwa kkaġunat ([7]), fost affarijiet oħra, mir-restrizzjonijiet marbutin mal-karriera tat-tbaħħir, l-iżolament tal-baħħara u l-fatt li jinsabu 'l bogħod mill-familji tagħhom u l-istatus baxx tal-professjoni tagħhom, flimkien mal-impressjoni li dan l-impjieg ftit li xejn huwa sigur u huwa kkaratterizzat minn kundizzjonijiet ħżiena.

2.5 Il-kawżi ta' din id-degradazzjoni għandhom ukoll l-għeruq tagħhom fid-domanda u l-provvistta kif ukoll fil-pressjonijiet kompetittivi fis-settur marittimu li, f'perjodu diffiċli ta' globalizzazzjoni u kriżi strutturali ta' natura ċiklika, jimbuttaw il-pagi 'l isfel.

## 3. **Il-Proposta għal Direttiva**

3.1 Il-Proposta għal Direttiva tintroduċi emendi għal Direttivi ([8]) li huma fis-seħħ u, jew jeskludu lill-baħħara jew lis-sajjieda mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jew inkella, mingħajr ġustifikazzjoni espliċita, jawtorizzaw lill-Istati Membri jagħmlu dan. L-Istati Membri għażlu approċċi differenti f'dak li jirrigwarda l-użu ta' dawn l-esklużjonijiet.

---

([3]) SWD(2013) 0461 final.

([4]) European Community Shipowners' Associations (ECSA), Rapport Annwali 2011-2012.

([5]) Eurostat, Statistika tas-sajd, Settembru 2012.

([6]) Silos, J. M., Piniella, F., Monedero, J., & Walliser, J. (2012). Trends in the global market for crews: A case study. Marine Policy, 36(4), 845–858.

([7]) COM(2006) 275 final, Volume II, Annex, Kapitolu 2.5.

([8]) Dawn huma d-Direttivi kkonċernati: 2008/94/KE dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom; 2009/38/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew; 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati; 98/59/KE dwar ir-redundancies (sensji) kollettivi; 2001/23/KE dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi; u 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.

3.2 B'mod iżjed speċifiku, il-Proposta għal Direttiva tirrikonoxxi d-dritt inkondizzjonat tal-baħħara għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fid-direttivi kollha li fil-passat kienu jawtorizzaw eċċezzjonijiet u derogi minn dan id-dritt.

3.3 Peress li l-aħjar soluzzjoni tista' tvarja minn direttiva għal oħra, u wara li saret valutazzjoni tal-impatt, il-kamp ta' applikazzjoni u r-raġunijiet possibbli għall-esklużjoni, il-Kummissjoni għażlet li tuża fit-test tagħha taħlita ta' erba' soluzzjonijiet biex tindirizza l-kwistjoni:

— Soluzzjoni 1: l-ebda azzjoni (id-Direttiva dwar l-impjieg tal-ħaddiema);

— Soluzzjoni 2: deroga bil-kundizzjoni li jiġi garantit livell ekwivalenti ta' protezzjoni (id-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni);

— Soluzzjoni 3: l-eliminazzjoni tal-esklużjonijiet (id-Direttivi dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew u dwar l-insolvenza ta' min iħaddem);

— Soluzzjoni 4: ir-regoli jiġu adattati, fl-għamla ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, għall-ispeċifiċitajiet tas-settur (id-Direttivi dwar is-sensji kollettivi u dwar it-trasferiment ta' impriżi).

## 4. **Qafas ta' azzjoni**

4.1 Il-Green Paper "Lejn Politika Marittima futura għall-Unjoni" ([9]) qajmet il-kwistjoni tal-possibbiltà ta' eżenzjoni applikata għas-setturi marittimi minn ċerti partijiet tal-leġislazzjoni Ewropea tax-xogħol u dik dwar il-qasam soċjali, kif ukoll il-kwistjoni dwar il-valutazzjoni mill-ġdid ta' dawn l-eċċezzjonijiet bil-kooperazzjoni mill-qrib tal-imsieħba soċjali, filwaqt li tenfasizza l-importanza tal-għarfien marittimu u l-impjieg sostenibbli f'dan il-qasam mill-perspettiva tal-kompetittività, fid-dawl tat-tnaqqis fl-għadd ta' baħħara Ewropej.

4.2 Fil-Komunikazzjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 ([10]), il-Kummissjoni impenjat ruħha li ttejjeb il-qafas legali tal-professjonijiet marittimi, u osservat li l-esklużjoni tal-ħaddiema f'dan il-qasam mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti direttivi tista' ma tkunx iġġustifikata kompletament.

4.3 Barra minn hekk, fil-Blue Paper dwar Politika Marittima Integrata (PMI) għall-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tenniet l-impenn tagħha li teżamina mill-ġdid, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali, l-oqsma tal-liġi tax-xogħol tal-UE li minnha huma esklużi s-setturi marittimi ([11]); sadanittant, wieħed mill-għanijiet tal-PMI huwa li jiżdiedu l-għadd u l-kwalità tal-impjiegi u tal-kwalifiki vokazzjonali f'dan il-qasam, fid-dawl tat-tnaqqis inkwetanti fil-livelli ta' impjieg fil-professjonijiet marittimi.

4.4 F'waħda mir-riżoluzzjonijiet tiegħu ([12]), il-Parlament Ewropew talab li l-ħaddiema kollha jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni mingħajr ma ċerti gruppi jiġu esklużi awtomatikament mil-livell ta' protezzjoni l-iżjed għoli, li jiġri ta' spiss fil-każ tal-baħħara, il-persuni li jaħdmu abbord bastimenti u l-ħaddiema lil hinn mill-kosta (offshore workers), u jitlob li tiġi applikata liġi effettiva għal kulħadd, hu liema hu l-post tax-xogħol tagħhom.

4.5 Dan l-aħħar, il-Kummissjoni tenniet l-għan tagħha li żżid l-għadd u l-kwalità tal-impjiegi fis-settur marittimu fil-Komunikazzjoni tagħha dwar it-Tkabbir Blu ([13]), u fid-Dikjarazzjoni ta' Limassol, li ġiet adottata mill-Ministri Ewropej responsabbli għall-Politika Marittima Integrata ([14]).

## 5. **Kummenti**

5.1 Il-KESE jinnota li l-Proposta għal Direttiva, li tħejjiet abbażi ta' konsultazzjonijiet wesgħin, kemm speċifiċi kif ukoll ġenerali, għandha rabtiet diretti mal-qafas ta' ta' azzjoni msemmi hawn fuq u hija r-riżultat loġiku ta' għanijet, impenji u preokkupazzjonijiet li ġew espressi dwar il-ġejjieni tal-professjonijiet marittimi, bil-għan li jiġi stabbilit qafas leġislattiv effettiv li jqis il-kuntest dinji li fih jiżviluppa s-settur marittimu.

([9]) COM(2006) 275, 7.6.2006, Kapitolu 2.5.
([10]) COM(2007) 591, 10.10.2007.
([11]) COM(2007) 575, 10.10.2007.
([12]) 2007/2023(INI), 11.7.2007.
([13]) COM(2012) 494 final, 13.9.2012.
([14]) Dikjarazzjoni ta' Limassol, 7.10.2012.

5.2 Il-KESE huwa tal-fehma li l-Proposta għal Direttiva taqbel ma' politiki u għanijiet orizzontali oħra, bħall-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari rigward l-impjieg, u l-aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi ([15]), bl-għanijiet fundamentali tagħha li ttejjeb il-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u, b'mod iżjed speċifiku, li tirrevedi l-leġislazzjoni eżistenti bil-għan li toħloq qafas legali iżjed intelliġenti għall-impjieg, is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

5.3 Il-KESE diġà ġibed l-attenzjoni għall-esklużjoni tal-leġislazzjoni soċjali Ewropea li taffettwa lill-baħħara u s-sajjieda u saħaq fuq il-bżonn li dan jintemm, hi x'inhi r-raġuni, fl-oqsma kollha fejn jidher tajjeb li dan isir; huwa talab lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid dawn l-eżenzjonijiet, bil-kooperazzjoni mill-qrib tal-imsieħba soċjali ([16]).

5.4 F'Opinjonijiet preċedenti ([17]), il-KESE għamel ukoll għadd ta' osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet rilevanti dwar sensiela ta' kwistjonijiet marbutin mal-politika marittima u ħa pożizzjoni dettaljata dwar kwistjonijiet ġenerali relatati mal-politika tax-xogħol u dik soċjali b'rabta mal-professjonijiet marittimi u, b'mod iżjed speċifiku, kwistjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reklutaġġ u s-sigurtà fuq il-baħar, u wera l-bżonn li ż-żgħażagħ jitħeġġu li jagħżlu u jiġu attirati lejn karrieri marittimi u li jiġi żgurat livell għoli ta' għarfien u ta' speċjalizzazzjoni fil-clusters marittimi Ewropej.

5.5 L-osservazzjonijiet tal-KESE dwar ir-riżorsi umani u l-ħiliet u l-għarfien marittimi miġbura fl-Opinjoni tiegħu dwar "L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018" għadhom rilevanti ħafna, kif inhuma wkoll il-miżuri li rrakkomanda għall-ġlieda kontra l-piraterija marittima ([18]) li, l-istess bħall-kriminalizzazzjoni tal-baħħara, kellha effett negattiv fuq il-professjonijiet marittimi.

5.6 Il-KESE josserva li filwaqt li l-konsultazzjonijiet ġenerali u speċifiċi li saru fuq skala wiesgħa xeħtu dawl fuq opinjonijiet konfliġġenti rigward jekk l-esklużjonijiet ta' dan it-tip humiex iġġustifikati u, jekk iva, biex jiġi deċiż liema huma, kien hemm kunsens dwar il-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u r-rwol li tista' taqdi l-leġislazzjoni tal-UE Madankollu, jikkundanna l-fatt li, minkejja l-konsultazzjonijiet bil-miktub li saru, din il-kwistjoni ma ddaħħlitx fl-aġenda tal-kumitat dwar id-djalogu soċjali.

5.7 Il-KESE jixtieq jenfasizza l-kumment tat-task force dwar l-impjieg u l-kompetittività fis-settur marittimu ([19]) li l-iżviluppi fit-teknoloġija tal-komunikazzjoni jfissru li ċerti eċċezzjonijiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, ma għadhomx jistgħu jiġu ġġustifikati abbażi tal-mobbiltà li hi parti integrali mit-tbaħħir u d-diffikultajiet biex issir komunikazzjoni mal-bastimenti fuq il-baħar.

5.8 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-użu tal-ICT fuq il-bastimenti jsir b'mod gradwali, u li, f'ċerti sitwazzjonijiet, hemm bżonn taż-żmien biex il-bastimenti kollha jkollhom din it-teknoloġija bis-sħiħ, minħabba ċerti diffikultajiet tekniċi, li jikkonċernaw b'mod partikolari lill-SMEs. Għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas li jlaqqa' flimkien miżuri ta' appoġġ għall-investiment u t-taħriġ f'dan is-settur, bil-għan li l-Proposta għal Direttiva tkun tista' tiġi applikata b'mod effikaċi.

5.9 Il-KESE jfakkar li l-Unjoni Ewropea tinsab fuq quddiem nett f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet marbutin mad-drittijiet tax-xogħol u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu r-riedni f'idejha rigward il-ħidma li għandha ssir biex jittejbu l-istandards internazzjonali, bil-għan li l-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-2006 dwar ix-Xogħol Marittimu tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u bil-għan li tikseb kooperazzjoni internazzjonali fuq skala wiesgħa sabiex jitwaqqaf mekkaniżmu iżjed effikaċi ta' implimentazzjoni, jiġu rispettati l-istandards minimi tax-xogħol tal-ILO mill-pajjiżi li ffirmaw il-Konvenzjoni msemmija, kif ukoll biex jiżdied l-għadd ta' pajjiżi li jirratifikawha. Għandu jiġi enfasizzat li għalkemm il-KESE jappoġġja l-Konvenzjoni tal-2006 dwar ix-Xogħol Marittimu, huwa rikonoxxut li din ma tipprovdix l-istess drittijiet bħal dawk li jinsabu fid-Direttivi inkwistjoni.

([15]) COM(2010) 682 final, 23.11.2010.
([16]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 50-56.
([17]) ĠU C 158, 26.5.1997, p. 11 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 14, 16.1.2001, p. 41 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 80, 3.4.2002, p. 9-14 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 133, 6.6.2003, p. 23-25 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 157, 28.6.2005, p. 42-47 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 157, 28.6.2005, p. 53-55 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 318, 23.12.2006, pp. 195-201 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 97, 28.4.2007, p. 33-34 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 168, 20.7.2007, p 50-56 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 97, 28.4.2007, p. 33-34 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 211, 19.8. 2008, p. 31-36; ĠU C 151, 17.6.2008, p. 35; ĠU C 255, 22.9.2010, p. 103-109; ĠU C 107, 6.4.2011, p. 64-67; ĠU C 248, 25.8.2011, p. 22-30; ĠU C 24, 28.11.2012, p. 146-153; ĠU C 76, 14.3.2013, p. 15-19; ĠU C 161, 6.6.2013, p. 87-92; ĠU C 43, 15.2.2012, p. 69-72; ĠU C 299, 4.10.2012, p.153-157; u l-Opinjoni TEN/533 tas-16.6.2013 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2013) 510 final.
([18]) ĠU C 255, 22.9.2010, p. 103-109, u ĠU C 76, 14.3.2013, p. 15-19.
([19]) http://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/seafarers/doc/2011-06-09-tfmec.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

5.10 Biex nibdlu t-tendenza tat-tnaqqis fl-għadd ta' impjiegi marittimi, neħtieġu miżuri li jikkompletaw it-tibdil istituzzjonali propost bil-għan li niżguraw edukazzjoni u taħriġ marittimi mfasslin kif imiss, u b'hekk jinkisbu kwalifiki tal-ogħla kwalità li joffru opportunitajiet kbar ta' xogħol, kif ukoll titheġġeġ il-mobbiltà professjonali bejn is-setturi differenti.

5.11 Għadu wkoll importanti li jiġu appoġġjati l-SMEs, peress li huma s-sinsla tas-settur marittimu Ewropew u ħallsu bil-qares matul il-kriżi. Għandhom ukoll jitħeġġu kollaborazzjonijiet bejniethom bil-għan li jagħtu spinta lill-innovazzjoni u li jiġu żviluppati kunċetti intraprenditorjali ġodda u, b'mod iżjed ġenerali, jingħata appoġġ kostanti għall-ispirtu intraprenditorjali speċifiku tas-settur marittimu tal-UE u tal-istituzzjonijiet tagħha.

5.12 Il-promozzjoni aħjar u l-użu tal-clusters marittimi, li huma importanti ħafna għall-interessi ekonomiċi u soċjali tal-UE, jistgħu jikkontribwixxu, fost affarijiet oħra, biex jinstabu impjiegi alternattivi għas-sajjieda u n-nisa.

5.13 Il-KESE josserva li, b'relazzjoni mal-impjieg fis-settur marittimu, hemm bżonn ta' ġbir sistematiku ta' data u l-armonizzazzjoni tas-sorsi peress li d-data attwali fiha diverġenzi sinifikanti; dan kollu għandu jagħmel l-istudji tal-ġejjieni iżjed affidabbli.

5.14 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-tneħħija tal-possibbiltà li jiġu esklużi s-sajjieda bi sħab (share-fishermen) mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Insolvenza (Artikolu 1 tal-Proposta għal Direttiva).

5.15 Rigward id-Direttiva 2001/23/KE (trasferiment ta' impriżi), il-KESE jiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw it-trasferiment tal-bastimenti li jibdlu l-bandiera u josserva li jista' jiġri li l-baħħara jsibu ruħhom impjegati taħt kundizzjonijiet differenti jew inqas favorevoli, peress li japplikaw konvenzjonijiet kollettivi differenti. F'dan il-kuntest, jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi regolazzjonijiet ġodda li jiggarantixxu li din id-direttiva tiġi applikata għat-trasferimenti ta' bastimenti li jibdlu l-bandiera b'tali mod li ma twassalx għal riżultat li jmur kontra dak mixtieq, jiġifieri li jitnaqqsu d-drittijiet tal-baħħara. Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tqis l-osservazzjonijiet li saru hawn fuq.

5.16 Il-KESE josserva li l-Kummissjoni Ewropea qed tħabrek biex tqis l-ispeċifiċitajiet tat-trasport bil-baħar u tax-xogħol marittimu fil-każ tad-Direttiva 98/59/KE dwar is-sensji kollettivi, u jisħaq fuq il-bżonn li tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt f'dak li jirrigwarda l-kuntratti tax-xogħol u l-garanzija ta' investiment, il-prevenzjoni tad-dumping soċjali u l-kompetizzjoni inġusta.

5.17 Il-KESE jipproponi li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/94/KE dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom jiġi emendat kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għas-sentenza li ġejja, l-Istati Membri jistgħu, bħala eċċezzjoni, jeskludu l-pretensjonijiet minn ċerti kategoriji ta' impjegati mill-iskop ta' din id-Direttiva, bis-saħħa tal-eżistenza ta' għamliet oħra ta' garanziji jekk jiġi stabbilit illi dawn joffru lill-persuni interessati livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak li jirriżulta minn din id-Direttiva. Id-dispożizzjoni ta' hawn fuq ma għandha tiġi interpretata taħt l-ebda ċirkustanza bħala li tippermetti l-esklużjoni tal-baħħara jew is-sajjieda."

5.18 Il-KESE huwa tal-fehma li l-klawżola tal-assessar fil-Proposta għal Direttiva (Artikolu 7) bil-għan li jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva – b'mod partikolari dwar żewġ kwistjonijiet kruċjali: il-fenomenu ta' bidla tal-istat tal-bandiera u l-livell tal-impjieg tal-baħħara tal-UE – tiggarantixxi li l-miżuri proposti jiġu applikati b'mod li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tas-settur.

5.19 Il-KESE jenfasizza li min iħaddem u l-ħaddiema għandhom rwol deċiżiv x'jaqdu f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet marbutin mal-liġi tax-xogħol. Il-KESE jinsab konvint li l-imsieħba soċjali ser jagħmlu kontribut sostanzjali bil-għan li l-aħjar prattika tinxtered iżjed biex iż-żgħażagħ jiġu attirati lejn karrieri professjonali marittimi, kif ukoll biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg marittimu fl-UE, u ser jagħmlu użu mid-djalogu soċjali bil-għan li din l-inizjattiva leġislattiva tiġi applikata b'mod korrett u produttiv.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti"**

*COM(2013) 814 final – 2013/0400 (CNS)*

(2014/C 226/07)

Relatur: **is-Sur Dandea**

Nhar is-16 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti*

COM(2013) 814 final – 2013/0400 (CNS)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Marzu 2014. Ir-relatur kien is-Sur Dandea.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'145 voti favur, 3 voti kontra u 10 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jinsab sodisfatt bil-Proposta għal Direttiva ([1]) li temenda d-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk sussidjarji), u jqis li hija avvanz importanti fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali ([2]).

1.2 Kull sena, l-Istati Membri jitilfu ammonti li jlaħħqu l-biljuni ta' euro, minħabba f'attivitajiet ta' frodi u evażjoni fiskali, iżda wkoll minħabba ppjanar aggressiv tat-taxxa li spiss jikkonsisti fl-esplojtazzjoni tal-lakuni fil-liġijiet nazzjonali jew l-assimetriji bejniethom; għaldaqstant il-KESE jqis ġustifikata l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' regolament ġenerali kontra l-abbuż, kif tinsab fir-rakkomandazzjoni tagħha ([3]).

1.3 Il-KESE japprova l-ħolqien ta' uniformità fit-trattament li jingħata lill-gruppi transkonfinali fil-qasam tal-fiskalità tal-intrapriżi, peress li f'xi sitwazzjonijiet, il-provvedimenti tad-Direttiva attwali jippermettu lil dawn il-gruppi li japplikaw arranġamenti finanzjarji ibridi li jagħtuhom vantaġġi fiskali li joħolqu distorzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq uniku.

1.4 Fid-dawl tan-natura ġenerika tar-regola ġenerali kontra l-abbuż, il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri, li x'ħin ikunu qed jimplimentaw id-Direttiva diskussa, iqisu r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li stabbiliet il-prinċipju li l-Istati Membri ma jistgħux imorru lil hinn mill-prinċipju ġenerali tal-liġi komunitarja fil-ġlieda kontra l-prattiki kummerċjali abużivi. Il-KESE jagħti parir lill-Kummissjoni li tfassal rakkomandazzjoni li tgħin lill-Istati Membri biex jittrasponu d-Direttiva b'mod kemm jista' jkun preċiż fil-livell ġuridiku.

1.5 Il-KESE jappella wkoll lill-Istati Membri biex fil-qafas tal-proċedura tat-traspożizzjoni jkunu attenti li jiddefinixxu b'kemm jista' jkun ċarezza, mill-perspettiva legali, il-kunċetti msemmija fl-Artikolu 1(a)(2) biex jiggarantixxu implimentazzjoni tad-Direttiva li tkun kemm jista' jkun korretta, mingħajr ma jinħolqu sitwazzjonijiet kumplessi għall-ambitu tan-negozju jew id-dipartimenti tat-taxxi. Bl-istess mod, hemm bżonn li termini bħal "arranġamenti artifiċjali", "f'mod rraġjonat fit-tmexxija ta' negozju" jew "tranżazzjonijiet ta' natura ċirkolari" jiġu trasposti f'termini legali bl-akbar ċarezza, b'mod li ma joħolqux diffikultà fl-applikazzjoni għall-kumpaniji, id-dipartimenti tat-taxxa jew is-sistemi ġudizzjarji,

---

([1]) COM(2013) 814 final.
([2]) COM (2012) 722 final.
([3]) C(2012) 8806 final.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1 Il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li tindirizza l-inkonsistenzi li hemm bejn l-oqfsa legali nazzjonali fil-qasam tal-arranġamenti finanzjarji ibridi fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk sussidjarji u tintroduċi regola ġenerali kontra l-abbużi sabiex jitħares it-tħaddim ta' din id-Direttiva.

2.2 Il-Proposta għal Direttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li l-Kunsill jista' joħroġ Direttivi għall-approssimiazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amminstrattivi tal-Istati Membri li għandhom impatt dirett fuq is-suq intern. Il-Kummissjoni tqis li f'dak il-każ hija l-unika għażla possibbli biex tiġi implimentata r-regola ġenerali kontra l-abbuż.

2.3 Din il-proposta hija meħtieġa peress li l-azzjoni unilaterali tal-Istati Membri biex jirrimedjaw għan-nuqqas ta' simetrija fil-provvedimenti tal-arranġamenti finanzjarji ibridi ma ssolvix il-problema, peress li din tirriżulta fil-parti l-kbira mill-interazzjoni bejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali.

2.4 Filwaqt li d-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk sussidjarji tipprevedi klawsola kontra l-abbuż, din mhix ċara biżżejjed u tista' tkun sors ta' konfużjoni. L-introduzzjoni ta' regola ġenerali kontra l-abbuż, b'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, tippermetti li jiġu eliminati l-inċertezzi u toffri lill-Istati Membri strument aktar effikaċi.

## 3. **Kummenti ġenerali u partikolari**

3.1 Il-KESE ddikjara ([4]) li huwa favur l-emenda attwali tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji prinċipali u dawk sussidjarji u rrakkomanda lill-Istati Membri li jagħmlu sforz biex l-implimentazzjoni sseħħ fi żmien raġonevoli.

3.2 Il-Kumitat talab li fil-qafas ta' din ir-reviżjoni jiddaħħal l-obbligu għall-intrapriżi multinazzjonali li jkollhom kontabbiltà separata għal kull pajjiż li fih ikollhom attività, u li għal kull wieħed minnhom jiġi speċifikat il-volum tal-produzzjoni mwettqa u l-qligħ miksub. Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà f'din il-forma tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-intrapriżi li jabbużaw mill-prezz tat-trasferimenti jew li jippromovu ppjanar aggressiv tat-taxxa. Bl-istess mod, il-Kumitat jirrakkomanda li jiġi introdott regolament dwar it-tassazzjoni fuq il-qligħ tal-intrapriżi fuq il-bażi ta' għadd ta' regoli komuni. Il-KESE jiddispjaċih li dawn l-aspetti ma ngħatawx importanza biżżejjed fit-tfassil tal-abbozz tad-Direttiva li qed tiġi diskussa.

3.3 Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjoni li tiċċara l-aspetti marbutin mat-traspożizzjoni f'termini ġuridiċi tal-kunċetti li jinsabu fir-regola ġenerali kontra l-abbuż.

3.4 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva fuq il-bażi ta' definizzjonijiet ġenerali ħafna tista' twassal biex jinħolqu sitwazzjonijiet estremament diffiċli kemm għall-intrapriżi kif ukoll għad-dipartimenti tat-taxxi.

3.5 Fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(a)(2), hemm bżonn li jiġi ċċarat il-kunċett ta' "arranġamenti artifiċjali". Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri biex japplikaw il-linji gwida tal-OECD ([5]), partikolarment dawk li jirrigwardaw ir-ristrutturazzjoni ta' intrapriża. Bl-istess mod, il-Kumitat jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar "arranġamenti purament artifiċjali". Il-fatt li tranżazzjoni ssir bl-aktar mod vantaġġjuż mill-perspettiva fiskali ma jfissirx neċessarjament li hija "arranġament artifiċjali".

3.6 Fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(a)(2)(b), il-KESE jqis li hemm bżonn li jiġi ċċarat il-kunċett ta' "f'mod rraġjonat fit-tmexxija ta' negozju". L-introduzzjoni ta' formola bħal din fil-leġislazzjoni nazzjonali mingħajr ma tkun definita b'mod ċar, tista' toħloq sitwazzjonijiet kumplessi mill-perspettiva ġudizzjarja, fil-każ ta' tilwim dwar il-mod li bih tmexxa n-negozju.

3.7 Fil-qafas tal-implimentazzjoni, il-Kumitat jikkunsidra li hemm bżonn li jiġu ċċarati l-aspetti marbutin mat-"tranżazzjonijiet ta' natura ċirkolari". Fil-prattika kummerċjali hemm tranżazzjonijiet ċirkolari li għandhom sustanza ekonomika u li jseħħu fir-rispett tal-provvedimenti legali. Dawn m'għandhomx jidħlu fil-provvedimenti fiskali li toħloq id-Direttiva li qed tiġi diskussa.

---

([4]) ECO/353 – CES5161-2013_00_00_TRA_AC – 2013/188 (CNS).

([5]) Il-mudell ta' konvenzjoni fiskali tal-OECD, Kapitolu C5, Artikoli 9181 u 9182.

3.8 Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri li jużaw it-traspożizzjoni tad-Direttiva biex jissemplifikaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom fil-qasam tat-taxxi fuq il-qligħ. Dan jista' jkun l-ewwel pass lejn armonizzazzjoni tar-regolamentazzjoni f'dan il-qasam fil-livell Ewropew.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea"**

*COM(2013) 794 final – 2013/0403 (COD)*

(2014/C 226/08)

Relatur: **is-Sinjura Mader**

Nhar id-9 ta' Diċembru 2013 u nhar is-16 ta' Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea"*

COM(2013) 794 final – 2013/0403 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu 2014), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'128 vot favur, 2 voti kontra u astensjoniji waħda.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jieħu nota tal-proposta għal regolament li għandu jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għal talbiet transkonfinali u b'hekk tgħin jissaħħaħ il-kummerċ transkonfinali.

1.2 Huwa jappoġġja l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura abbażi taż-żieda sa limitu massimu ta' EUR 10 000 u l-estensjoni tal-kunċett ta' "każijiet transkonfinali", li jagħti aktar spazju lill-konsumaturi u lill-SMEs biex jirrikorru għall-proċedura.

1.3 Il-KESE jilqa' l-limitazzjoni għall-miżati tal-qorti stabbilita mir-Regolament, minħabba li dawn il-miżati jikkostitwixxu limitazzjoni reali għall-konsumaturi u l-intrapriżi żgħar meta jkunu qed jiddeċiedu li jiftħu proċedura. Madankollu, huwa jirrakkomanda li jiġi definit b'mod ċar x'wieħed jifhem b'"miżati tal-qorti" sabiex il-miżura tkun tassew effettiva.

1.4 Jinnota b'sodisfazzjon li r-regolament iżomm in-natura ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni miksuba mingħajr ma jsir rikors għall-proċedura ta' exequatur.

1.5 Il-KESE jqis li s-suċċess tal-proċediment Ewropew għat-talbiet żgħar, apparti miż-żieda fil-livell limiti, ser jiddependi mis-semplifikazzjoni u kemm ikunu faċli l-proċeduri li jinbtu minnha.

1.6 Il-Kumitat jinnota r-rieda tal-Kummissjoni li tiffavorixxi l-użu tat-teknoloġiji l-ġodda minkejja li dan l-approċċ ivarja minn prattiki li ilhom tant fissi li ser ikollu impatt fuq it-tħaddim tal-korpi ġudizzjarji u jidher li hu diffiċli jiġi implimentat fil-qrati kollha tal-prossimità.

1.7 Madanakollu, huwa jqis li l-mezzi kollha li jippermettu li jitħaffu l-proċeduri tal-partijiet involuti għandhom ikunu appoġġjati, bil-kundizzjoni li ma jipperikolaw la l-eżerċizzju tajjeb tad-drittijiet ta' difiża tal-partijiet u lanqas l-applikazzjoni tal-prinċipji fundamentali tal-leġislazzjoni proċedurali fil-qasam ċivili, rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha. Huwa jinnota li dawn it-teknoloġiji mhux ser jintużaw fir-rigward tal-partijiet ħlief bil-qbil tagħhom, u huwa sodisfatt b'dan.

1.8 F'dan ir-rigward, il-KESE għandu d-dubji dwar il-mezzi ta' rikors disponibbli fil-qafas tar-Regolament dwar it-talbiet żgħar.

1.9 Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal viġilanza dwar is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-iskambji elettroniċi relatati ma' proċedura ta' litigazzjoni

1.10 Il-Kumitat jinsisti fuq il-ħtieġa li tingħata assistenza lill-konsumaturi u l-intrapriżi żgħar u medji matul il-proċedura kollha, filwaqt li r-rappreżentanza minn avukat mhix obbligatorja, u dan jippresupponi li ċerti riżorsi, speċjalment dawk finanzjarji, jitnaqqsu f'dan ir-rigward.

1.11 Dwar dan il-punt, huwa jqis li l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, iċ-ċentri Ewropej tal-konsumaturi, u l-federazzjonijiet tan-negozji, li għandhom esperjenza f'dan il-qasam, jista' jkollhom rwol pożittiv fl-għoti ta' din l-assistenza u fl-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' din il-proċedura.

1.12 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-għan huwa mmirat li jiffavorixxi t-talbiet żgħar li mhux ser jiġu regolati sakemm ma tkunx disseminata informazzjoni adegwata dwar l-eżistenza tagħhom mill-atturi differenti, permezz tal-ġurisdizzjonijiet u mill-istabbilimenti ta' tagħlim ġuridiku ([1]).

1.13 Il-KESE jqis fost l-oħrajn li l-effikaċja tal-proċedura teħtieġ li jitħejjew formoli ċari u li jinftiehmu minn kulħadd. L-użu tal-lingwa uffiċjali tal-pajjiż tal-partijiet, inkluż għall-iżvilupp tal-proċedura, fost l-oħrajn tal-udjenza, hija waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa. Dan ir-rekwiżit m'għandux ikun limitat għat-traduzzjoni tal-formoli, bir-riskju li jiġu injorati l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt għal rimedju effettiv u d-drittijiet tad-difiża.

1.14 Il-KESE jinnota li l-argument żviluppat fir-rigward tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità jsaħħaħ b'mod pożittiv id-dibattitu dwar l-istabbiliment ta' azzjoni ta' grupp Ewropew.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tqarreb liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lill-SMEs billi tiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja u tagħtihom aktar fiduċja biex jużaw l-opportunitajiet li joffri s-suq uniku.

2.2 Din taqa' fit-12-il miżura konkreti stabbiliti fit-"tieni Rapport dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni", li għandhom l-għan li jassistu liċ-ċittadini Ewropej fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, pereżempju fir-riżoluzzjoni ta' tilwim li jinqala' matul xiri transkonfinali.

2.3 L-Aġenda tal-Konsumatur Ewropew, bħas-*Small Business Act*, kienet ħeġġet ukoll din l-inizjattiva sabiex jittejjeb ir-rispett għad-drittijiet tal-konsumaturi u l-SMEs.

2.4 Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza miksuba sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament KE Nru 861/2007 ([2]) hija tiżdied mal-proċeduri nazzjonali regolari ta' rkuprar ta' krediti, u wara diversi konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li qabel kollox tkun simplifikata l-proċedura, issir anqas għalja u aktar adatta għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi, iżda wkoll tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

2.5 Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar stabbilita mir-Regolament KE Nru 861/2007 tikkonsisti minn ċerti punti ewlenin:

— din tapplika għal talbiet transkonfinali li ma jaqbżux EUR 2 000 fil-ħin tal-wasla tat-talba;

— ir-rikorrent għandu juża formola msejħa t-"tip A" li għandha tkun indirizzata lill-ġurisdizzjoni kompetenti bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ieħor aċċettat mill-Istat Membru fejn tkun inbdiet il-proċedura;

— formola li tinkludi deskrizzjoni tal-elementi ta' prova u jekk ikun il-każ, dokumenti ta' ġustifikazzjoni;

— fil-prinċipju l-proċedura hija bil-miktub, sakemm l-imħallef ma jiddeċidix mod ieħor;

— ir-rappreżentazzjoni tal-partijiet hija possibbli, iżda mhix obbligatorja;

— fil-prinċipju, il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien 30 jum, wara li tkun semgħet lill-partijiet matul seduta, jew wara li tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tagħti deċiżjoni,

2.6 Id-deċiżjoni li jagħti l-Imħallef għandha tkun infurzata u rikonoxxuta awtomatikament fl-Istati Membri. Fuq talba ta' waħda mill-partijiet, il-Qorti kkonċernata għandha tagħti, mingħajr spejjeż addizzjonali, ċertifikat li jivverifika l-eżistenza tad-deċiżjoni.

---

([1]) Universitajiet, ċentri ta' taħriġ għall-avukati, skejjel tal-ġudikatura, eċċ.

([2]) Ir-Regolament KE Nru 861/2007 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).

2.6.1 Kif stabbilit mir-Regolament tal-2007, il-Kummissjoni għaddiet għal valutazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2014, fejn hija qieset li l-ewwel riżultati huma inkoraġġanti, minħabba li fl-opinjoni tagħha, ir-rikors għal din il-proċedura jista' jnaqqas l-ispejjeż b'40 % u jwassal biex it-tul tat-talbiet jitnaqqas minn sentejn għal ħames xhur ([3]).

2.7 Iżda minkejja dan, il-Kummissjoni qieset li l-proċedura tkun aktar effikaċi jekk il-limitu jiżdied sabiex dan ikun jista' jintuża mill-SMEs ukoll.

## 3. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

3.1 Din tipprovdi għal żewġ gruppi kbar ta' miżuri: miżuri strettament ġuridiċi u miżuri aktar prattiċi li flimkien għandhom l-għan li jnaqqsu l-ispiża tal-proċeduri.

3.2 Il-miżuri ġuridiċi

3.2.1 L-ewwel waħda mill-miżuri maħsuba għandha l-għan li żżid il-limitu minn EUR 2 000 għal EUR 10 000, sabiex l-SMEs ikollhom iċ-ċans li jirrikorru għal din il-proċedura li hija biss fakultattiva.

3.2.2 It-tieni miżura tibbaża fuq it-twessigħ tad-definizzjoni tat-talba transkonfinali, biex tiġi estiża l-applikazzjoni tar-regolament għat-talbiet kollha li jinkludu element ta' estranjetà, inkluż dawk li jinkludu ċittadini minn pajjiżi terzi.

3.3 Il-miżuri prattiċi

3.3.1 Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, il-Kummissjoni qed tipproponi l-ġeneralizzazzjoni tal-iskambji elettroniċi ta' dokumenti, l-użu ta' telekonferenzi jew vidjokonferenzi meta jkunu meħtieġa dibattiti orali.

3.3.2 Hija tipprevedi wkoll li l-ispejjeż legali jiġu limitati għal 10 % tal-ammont tat-talba, b'limitu awtorizzat ta' EUR 35, fejn dan l-ammont jista' jkun irregolat permezz ta' trasferiment bankarju jew sistemi ta' pagamenti onlajn bil-karta ta' kreditu jew ta' debitu.

## 4. **Kummenti ġenerali dwar il-proposta**

4.1 Kummenti ġenerali Il-KESE jqis li l-proposta hija pertinenti, madankollu huwa jsostni li l-proċedura prevista għandha tkun ċara u trasparenti biex tħalli l-effetti tagħha. Dan ifisser li l-formoli jkunu adattati skont il-pubbliku kkonċernat.

4.1.1 Barra minn dan, is-sistema maħsuba għandha tkun soġġetta għal informazzjoni li tingħata lill-persuni li huma soġġetti għall-proċeduri u lill-ġurisdizzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-KESE jinnota li l-ġurisdizzjonijiet kienu infurmati tard wisq dwar il-proċedura Ewropea ta' ordni ta' ħlas u l-proċedura Ewropea dwar it-talbiet żgħar, permezz tat-tqassim ta' fuljett ta' informazzjoni mħejji min-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali ([4]).

4.1.2 It-tħeġġiġ tal-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettronika, inkluż għan-notifika tal-atti, l-impożizzjoni tal-obbligu fuq il-qrati li jużaw il-vidjokonferenzi għal seduti, ħlief fil-każ li parti titlob li dan ma jsirx ([5]), hija direzzjoni li tagħti deroga għal prattiki ankrati fis-sod. Dan ser iħalli impatt fuq il-funzjonament tal-qrati. Barra minn hekk, dan jeħtieġ ukoll li tkun prevista assistenza teknika tal-persuni li huma soġġetti għall-proċeduri, u dan aktar u aktar minħabba li l-proċedura tista' ssir mingħajr l-assistenza ta' avukat.

4.2 Bażikament, l-aktar miżura importanti tikkonsisti fiż-żieda tal-limitu minn EUR 2 000 għal EUR 10 000.

4.2.1 Il-benefiċjarji prinċipali ta' din l-emenda ser ikunu l-SMEs, li skont iċ-ċifri mressqa mill-Kummissjoni jikkostitwixxu biss 20 % tat-talbiet attwali wara l-valutazzjoni tal-impatt, ibbażata fuq ir-risposti ta' bord li l-KESE jqis li huwa limitat.

4.2.2 Huwa jappoġġja ż-żieda fil-limitu għal € 10 000, iżda jqis li dan jista' jogħla minħabba l-ammont medju ta' tilwim tal-konsumaturi.

4.3 L-għan imressaq huwa li tingħata lura l-fiduċja u li jissaħħu l-iskambji fi ħdan is-suq intern filwaqt li titjieb l-effikaċja tal-ġustizzja. Dwar dan, il-KESE jistaqsi dwar il-mezzi ta' rimedju miftuħa fil-qafas tat-talbiet iż-żgħar.

---

([3]) Il-punt 3.2 tal-valutazzjoni tal-impatt.
([4]) Gwida għaċ-Ċittadini dwar il-Litigazzjoni Ċivili Transkonfinali fl-Unjoni Ewropea.
([5]) L-Artikolu 8 tal-proposta għal regolament.

4.4 Skont il-KESE, dan l-objettiv huwa ta' min ifaħħru, iżda jikxef l-eżistenza ta' diversi inugwaljanzi nazzjonali. B'hekk huwa jqis li l-proposta għandha l-għan li tillimita l-ammont tal-"ispejjeż tal-proċeduri", madankollu jibqa' l-fatt li dan il-kunċett jista' jkun soġġett għal tfassil differenti skont l-Istati Membri, kif turi d-dejta ta' 26 Stat Membru li jidhru fuq is-sit tal-ġustizzja elettronika, kif ukoll studju ordnat mill-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasparenza tal-ispejjeż tal-proċeduri ċivili fl-Unjoni Ewropea ([6]).

4.5 Il-KESE jqis il-limitu ta' 10 % għall-ispejjeż tal-proċeduri bħala għoli. Dan jista' jkollu impatt negattiv fl-Istati Membri li fihom l-ispejjeż ma jlaħħqux dan il-livell.

4.6 Biż-żieda tal-limitu tat-talba u bit-twessigħ tal-kunċett ta' "talba transkonfinali", il-proposta tixtieq tindika liċ-ċittadini u lill-SMEs li hija tinsab imħassba u qed taġixxi biex tindirizza t-tħassib reali ta' dawn tal-aħħar.

4.7 Hija tindirizza wkoll ir-riżultati ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru ppubblikat f'April 2013 skont liema 45 % tal-intrapriżi mistoqsija kienu ddikjaraw li huma ma jibdew l-ebda azzjoni fil-qrati, minħabba li l-ammont tal-ispejjeż tal-qorti kien sproporzjonat meta mqabbel mal-ammont tat-talba tagħhom.

4.8 Ir-reviżjoni proposta ġġib magħha l-obbligu li temenda wkoll ir-Regolament KE Nru 1896/2006 dwar proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea ([7]). Dan fil-fatt jipprevedi li stqarrija ta' oppożizzjoni mill-konvenut twassal għal kontinwazzjoni awtomatika tat-talba taħt il-proċedura ċivili ordinarji. Madankollu, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament KE Nru 861/2007, din ir-restrizzjoni ma għadhiex tgħodd għal talbiet żgħar.

4.9 Ir-Regolament KE Nru 1896/2006 li diġà kellu jkun rivedut, ser ikollu jippreċiża li meta talba tirriżulta mill-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar, din tal-aħħar ser ikollha tkun miftuħa wkoll għal persuna jew intrapriża, parti minn proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas li tkun iffurmat stqarrija ta' oppożizzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea.

4.10 Il-KESE jinnota li l-argument żviluppat fir-rigward tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità jsaħħaħ b'mod pożittiv l-implimentazzjoni ta' azzjoni kollettiva Ewropea.

## 5. **Kummenti speċifiċi**

5.1 Il-ġeneralizzazzjoni tas-sistemi ta' vidjokonferenza hija interessanti, għalkemm jidher li għadu diffiċli li dan jiġi implimentat mill-qrati lokali kollha.

5.2 Numru fosthom ma għandhomx sit tal-Internet, u ma jikkomunikawx b'mezzi elettroniċi. Ħafna drabi għadu l-każ li persuni jkollhom imorru personalment sabiex jiksbu l-formoli meħtieġa għall-bidu ta' proċedura ġudizzjarja, peress li l-proċeduri ġudizzjarji għadhom ma ġewx virtwalizzati. Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal viġilanza dwar is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-iskambji elettroniċi relatati ma' proċedura ta' litigazzjoni.

5.3 F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza li l-formoli għandhom ikunu ċari u jinqraw tajjeb. B'hekk, l-assistenza maħsuba mill-proposta għandha tingħata minn persuni kwalifikati, u dan jimplika investiment finanzjarju mhux negliġibbli għall-Istati, fi żmien meta dan ma tantx huwa favorevoli.

5.4 Fl-aħħar nett, l-informazzjoni tal-persuna soġġetta għall-proċedura hija l-problema ewlenija li għandha tiġi indirizzata sabiex tkun żgurata l-effikaċja tal-ġustizzja. Fil-fatt, il-persuna soġġetta għall-proċedura, speċjalment il-konsumatur u l-SMEs, għandu jkollha aċċess għal informazzjoni valida u indipendenti sabiex tkun tista' tagħmel għażla konxja dwar il-pass li għandha tieħu.

5.5 L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, iċ-ċentri Ewropej tal-konsumaturi u l-federazzjonijiet tan-negozji b'esperjenza għandhom qabel kollox rwol ewlieni biex jiżguraw li tingħata din l-informazzjoni ta' kwalità.

5.6 Pereżempju, il-proġett "Infurzar ġudizzjarju fl-Ewropa" (EJE) jinkludi fajls u dokumenti tematiċi tassew prattiċi, maħsuba prinċipalment għall-marixxalli tal-qorti, imma li l-interess tagħhom huwa aktar wiesa' minn hekk minħabba li dan jikkonċerna l-aċċess għal-liġi u t-twettiq tal-liġi, madankollu dan it-tip ta' sorsi ta' informazzjoni mhux magħruf.

([6]) https://e-justice.europa.eu/; Étude sur la transparence des coûts des procédures judiciaires civiles dans l'UE (Demoulin, Brulard, Barthélémy, Hoche).

([7]) ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1.

5.7 Fl-aħħar nett, il-KESE jinsisti dwar il-ħtieġa li l-partijiet jingħataw il-possibilità li l-proċedura kollha tiżvolġi fil-lingwa uffiċjali tagħhom. Fil-fatt dan huwa rekwiżit li jirriżulta mill-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt għal rimedju effettiv u għad-drittijiet tad-difiża li ma jkunux limitati biss għas-sempliċi traduzzjoni tal-formoli.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom**

*COM(2013) 813 final – 2013/0402 (COD)*

(2014/C 226/09)

Nhar id-9 ta' Diċembru 2013 u t-13 ta' Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom*

COM(2013) 813 final – 2013/0402 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'138 vot favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Is-sigrieti kummerċjali jikkonċernaw fil-fatt kull informazzjoni (teknoloġija, dħul, data rigward kummerċjalizzazzjoni...) li għandha valur ekonomiku li għandha tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità tagħha. F'dan ir-rigward, huma jagħmlu parti mill-assi intanġibbli tal-intrapriżi.

1.2 Il-protezzjoni ta' dawn l-assi intanġibbli hija vitali għall-intrapriżi, speċjalment l-SMEs, daqs kemm hi għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka mhux kummerċjali, u meħtieġa għall-kompetittività tal-Unjoni Ewropea, ser isservi biex trawwem l-innovazzjoni u t-tkabbir ta' modi ġodda ta' intraprenditorija u tħeġġeġ ir-riċerka kollaborattiva jew il-kooperazzjoni transkonfinali.

1.3 Il-kunċett ta' sigrieti kummerċjali fl-UE m'għandu l-ebda definizzjoni konsistenti jew protezzjoni legali armonizzata.

1.4 Il-Kumitat jappoġġja l-għan li qed timmira għalih il-Kummissjoni meta tipproponi li tarmonizza l-protezzjoni legali tal-għarfien u s-sigrieti kummerċjali minħabba li dawn huma elementi essenzjali biex jiġu promossi l-innovazzjoni tal-intrapriżi b'mod ġenerali kif ukoll il-kompetittività tagħhom, u b'mod partikolari dik tal-SMEs.

1.5 Il-Kumitat jinnota li l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-kisba tagħhom u l-użu illeċitu tagħhom kif previst fil-proposta għal direttiva hija simili ħafna għal dik li ġiet stabbilita mid-Direttiva KE 2004/48 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali proprjetà intellettwali, bħad-drittijiet tal-awtur, il-marki kummerċjali, id-disinni jew il-privattivi, b'mod partikolari fejn ħeġġet lill-Istati Membri sabiex jipprevedu rimedju ċivili effettiv disponibbli għad-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali.

1.6 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-bilanċ li fiha l-proposta għal direttiva peress li din timmira li tiżgura ċertezza legali akbar, ittejjeb il-valur tal-innovazzjonijiet li jinsabu fis-sigrieti kummerċjali permezz ta' konverġenza leġislattiva imsaħħa kompatibbli mal-liġi internazzjonali, inkluż b'mod speċjali l-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (TRIPS).

1.7 Id-definizzjoni ta' sigriet kummerċjali, minkejja li tikkonforma mal-Ftehim TRIPS, ma tidhirx fina biżżejjed biex tkopri l-kategoriji kollha ta' informazzjoni li għandha l-possibbiltà li tiġi protetta bħala sigriet kummerċjali.

1.8 Il-Kumitat iqis li l-Kummissjoni tista' tispeċifika fi premessa li informazzjoni b'valur kummerċjali potenzjali tista' wkoll tiġi protetta bħala sigriet kummerċjali.

1.9 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex din tieħu azzjoni dwar dan is-suġġett mingħajr aktar dewmien.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-protezzjoni tal-għarfien u s-sigrieti kummerċjali (informazzjoni kummerċjali mhux żvelata) hija essenzjali biex jiġu promossi l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-intrapriżi.

2.2 Is-sigrieti kummerċjali jikkonċernaw fil-fatt kull informazzjoni (teknoloġija, dħul, data rigward kummerċjalizzazzjoni...) li għandha valur ekonomiku li għandha tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità tagħha.

2.3 Dawn mhumiex titoli ta' proprjetà intellettwali esklużivi, iżda ħafna drabi huma dawk li jagħtu bidu. Għalhekk, għarfien jew sigrieti kummerċjali li jirriżultaw minn riċerka u żvilupp permezz ta' investimenti finanzjarji u umani sinifikanti huma ta' spiss l-oriġini ta' privattiva.

2.4 Il-kunċett stess ta' sigriet kummerċjali mhuwiex uniformi fl-Unjoni Ewropea. L-unika definizzjoni armonizzata ta' sigrieti kummerċjali tinsab fil-Ftehim TRIPS rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li tibbaża fuq tliet kundizzjonijiet kumulattivi:

— **In-natura sigrieta.** Dan ifisser li l-sigriet huwa ġeneralment mhux magħruf mill-oqsma kkonċernati jew diffiċli biex ikun hemm aċċess għalih;

— **Il-valur kummerċjali.** Fir-realtà, dan il-valur kummerċjali ġej min-natura kunfidenzjali;

— fl-aħħar nett, id-detentur leġittimu għandu jkun ħa passi raġonevoli biex jiżgura l-kunfidenzjalità tat-sigriet kummerċjali.

2.5 Fin-nuqqas ta' interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' sigrieti kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, il-protezzjoni legali tagħha tinsab frammentata fid-diversi sistemi legali tal-Istati Membri.

2.6 Madankollu, il-protezzjoni legali uniformi Ewropea tas-sigrieti kummerċjali tagħmel aktar sens fi żmien meta l-ispjunaġġ industrijali u r-riskji ta' piraterija informatika jkunu laħqu proporzjonijiet inkwetanti, partikolarment f'oqsma fejn ir-riċerka u l-iżvilupp u l-investiment finanzjarju għandhom rwol ewlieni (il-karozzi, it-telekomunikazzjonijiet, il-farmaċewtiċi...).

2.7 Il-Kumitat kien ukoll appoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni fir-rikors tagħha kontra l-piraterija u esprima l-ħsibijiet tiegħu dwar is-suġġett ([1]).

## 3. Il-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Din hija r-riżultat ta' konsultazzjoni li bħala segwitu l-Kummissjoni setgħet tinnota d-differenzi fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, b'mod speċjali dwar id-definizzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-possibbiltajiet ta' rimedju għad-detentur ta' sigrieti kummerċjali.

3.2 Il-proposta hija bbażata fuq żewġ assunzjonijiet: id-differenzi fil-leġislazzjoni nazzjonali huma ta' ostaklu għar-riċerka kollaborattiva transkonfinali u huma ta' ħsara għall-kompetittività tal-intrapriżi tagħhom fejn is-sigrieti kummerċjali tagħhom jistgħu jinsterqu fl-Istati Membri l-inqas protettivi.

3.3 Għalhekk din għandha l-għan li tarmonizza l-protezzjoni ta' dawn l-assi intanġibbli li mhumiex ikkunsidrati bħala proprjetà intellettwali.

### 3.4 *Id-definizzjoni ta' sigriet kummerċjali*

3.4.1 Il-Kummissjoni tibbaża fuq id-definizzjoni ta' sigrieti kummerċjali li tinsab fil-Ftehim TRIPS u tipproponi li jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi sabiex l-informazzjoni tkun "sigriet kummerċjali proteġġibbli":

— għandha tkun sigrieta, jiġifieri mhux magħrufa jew mhux faċilment aċċessibbli fil-qasam li normalment tittratta t-tip ta' informazzjoni inkwistjoni;

— l-informazzjoni għandha tkun ta' valur minħabba n-natura sigrieta tagħha;

— id-detentur irid ikun ħa miżuri raġjonevoli biex iżomm l-informazzjoni sigrieta.

### 3.5 *Il-kunċett ta' miżapproprjazzjoni*

3.5.1 Minbarra l-aċċess mhux awtorizzat għal mezz li jiġbor fih l-aċċess sigriet, serq, tixħim, qerq, u ksur ta' ftehim ta' kunfidenzjalità, l-Artikolu 3 tal-proposta jżid: *"kwalunkwe mġieba kuntrarja għall-prattika kummerċjali onesta"*.

3.5.2 Din tipprovdi wkoll li kwalunkwe użu jew divulgazzjoni sussegwenti jkunu illegali taħt l-istess ċirkostanzi jew meta fil-mument li persuna użat jew żvelat din l-informazzjoni, ma setgħetx tinjora li s-sors tagħha ta' informazzjoni kiseb is-sigriet b'mod illegali.

([1]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 7; ĠU C 18, 19.1.2011, p. 105.

3.6 *L-akkwist, l-użu u l-iżvelar legali*

3.6.1 L-Artikolu 4 tal-proposta għal direttiva jeskludi għadd ta' każijiet:

— l-iskoperta jew il-ħolqien indipendenti;

— l-inġinerija inversa *(reverse engineering)*: sigriet kummerċjali ma jkunx protett iktar jekk jista' jiġi żvelat mill-prodott li jinkorporah;

— l-eżerċizzju tad-dritt tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, inkluża informazzjoni dwar rappreżentanti bħal dawn mill-ħaddiema;

— Il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni;

— l-attività tal-informaturi, jekk jiġu sodisfatti kondizzjonijiet addizzjonali: użu jew żvelar meħtieġa u fl-interess tal-pubbliku;

— il-prattika skont il-prattiċi kummerċjali onesti, ir-rispett ta' obbligu mhux kuntrattwali, il-protezzjoni ta' interess leġittimu.

3.6.2 Dan jissalvagwardja l-innovazzjoni għaliex b'mod espliċitu jiċċara li sejbien indipendenti u l-inġinerija inversa huma mezzi leġittimi biex wieħed jikseb l-informazzjoni.

3.7 *Rimedju għad-detentur ta' sigriet kummerċjali*

3.7.1 Huwa f'idejn l-Istati Membri li jipprovdu rimedju ċivili effettiv kontra approprjazzjonijiet illeċiti ta' sigrieti kummerċjali.

3.7.2 B'konnessjoni mad-dibattiti rikurrenti dwar l-abbuż tal-proċess ta' qbid ta' prodotti ffalsifikati, il-proposta għal-direttiva tistieden ukoll lill-Istati Membri biex jikkastigaw l-abbuż sabiex l-aċċess għas-suq tal-konvenut jittardja jew jiġi ristrett b'mod inġust jew sabiex jintimidawh jew jiffastidjawh.

3.7.3 L-Artikolu 8 tal-proposta għal Direttiva huwa ispirat ukoll mil-liġi tal-kompetizzjoni billi jistabbilixxi sensiela ta' salvagwardji li jipprevjenu kxif ta' sigrieti kummerċjali matul il-proċeduri ġudizzjarji: restrizzjoni tal-aċċess għad-dokument kollu jew parti minnu li jinkludi s-sigriet kummerċjali, jillimitaw l-aċċess għal seduti, tħassir ta' paragrafi li fihom sigrieti kummerċjali tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni ġudizzjarja.

3.7.4 Permezz ta' miżuri provviżorji, id-detentur tas-sigriet kummerċjali li saritlu ħsara jrid jikseb il-projbizzjoni tal-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, il-projbizzjoni tal-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, l-użu tal-prodotti marbuta mal-infrazzjoni u l-qbid jew ir-ritorn ta' dawn il-prodotti.

3.7.5 Il-proposta tipprovdi ħafna salvagwardji proċedurali oħra biex b'hekk, b'mod sussidjarju, il-qorti jkollha tordna lill-konvenut jipprovdi garanzija sabiex jiżgura kumpens lid-detentur.

4. **Kummenti ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva**

4.1 Il-proposta għal Direttiva tipprovdi definizzjoni ta' sigriet kummerċjali wiesgħa biżżejjed biex tkopri b'mod partikolari riċetta, riċerka jew studji li għadhom mhumiex is-suġġett ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

4.2 Hija timmira li ssaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi u l-korpi tar-riċerka Ewropej li jibbażaw fuq l-għarfien u s-sigrieti kummerċjali li ma jistgħux jiġu protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, minħabba li tkun impossibbli għad-detentur biex jikseb dritt esklużiv dwar dawn l-elementi.

4.3 Tabilħaqq, id-drittijiet tradizzjonali tal-proprjetà industrijali bħall-privattivi, marki kummerċjali, id-disinni u l-mudelli ma jikkunsidrawx biċċa kbira mill-għarfien u l-informazzjoni li fil-fatt huma meħtieġa għat-tkabbir ekonomiku tal-intrapriżi.

4.4 L-SMEs ta' spiss użaw ukoll sigrieti kummerċjali biex jipproteġu din l-informazzjoni vitali, fin-nuqqas ta' riżorsi umani speċjalizzati jew kapaċità finanzjarja suffiċjenti għall-ħżin, il-ġestjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom.

4.5 Sabiex jingħelbu dawn l-ostakli, il-kumpaniji ta' spiss jinkludu ftehimiet ta' kunfidenzjalità fil-kuntratti tagħhom mal-impjegati jew sottokuntratturi tagħhom. Ir-regoli intiżi li jħarsu s-sigrieti kummerċjali m'għandhomx jillimitaw il-libertà tal-espressjoni u l-possibbiltà ta' denunzja ta' irregolarità (whistleblowing) jew li l-impjegati ma jkunux jistgħu jibdlu l-post tax-xogħol u jibbenefikaw mill-ħiliet u l-esperjenzi ġenerali li jkunu kisbu.

4.6 Il-proposta għalhekk tagħmel sens, speċjalment peress li l-inċentivi ekonomiċi attwali iħeġġu aktar spiss is-sottokuntrattar, li jimplika li l-fornituri tas-servizz jistgħu temporanjament ikollhom aċċess għal kull tip ta' informazzjoni sensittiva.

4.7 Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' sistemi tal-informatika u l-komunikazzjoni jiffaċilita l-piraterija, il-miżapproprjazzjoni u t-tixrid ta' sigrieti kummerċjali, li jżidu r-riskju li jiġu użati f'pajjiżi terzi biex dawn jipproduċu prodotti li ser jidħlu aktar tard fis-suq Ewropew f'kompetizzjoni ma' dawk tal-intrapriża vittma tal-miżapproprjazzjoni.

4.8 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżiġenżi li qed ikomplu jiżdiedu fil-qasam tar-rappurtar għall-kumpaniji elenkati b'mod partikolari, jipperikola s-sigrieti kummerċjali. L-informazzjoni inkluża f'dawn ir-rapporti tispiċċa fil-pubbliku, aċċessibbli għall-investituri kollha li jistgħu jkunu kompetituri jew li jistgħu jsiru kompetituri.

4.9 Il-KESE jqis li l-proposta għal Direttiva għandha tqis ukoll l-Artikolu 4 li jikkonċerna r-riskju tal-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali marbut mal-obbligi tar-rappurtar tal-membri tal-bord tad-diretturi jew il-bord superviżorju tal-kumpaniji elenkati.

## 5. **Kummenti speċifiċi dwar il-proposta għal Direttiva**

5.1 Il-proposta tipprovdi diversi garanziji proċedurali, li jinkludu miżuri provviżorji u protettivi, kif ukoll miżuri ta' rimedju u tiswija wara d-deċiżjoni ġudizzjarja rigward is-sustanza tal-ksur tas-sigriet kummerċjali, bħall-qerda tal-informazzjoni miżmuma mill-ħati, l-irtirar u l-qerda tal-prodotti kkonċernati, il-kalkolu tad-danni u l-interessi li għandhom jintegraw il-preġudizzju morali, u l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni.

5.2 Il-kumpens għad-danni u l-interessi mogħtiji fuq talba lill-parti danneġġjata għandu jaqbel mad-danni realment imġarrba, b'kunsiderazzjoni tal-aspetti materjali u morali.

5.3 L-imħallef jista', madankollu, jirrikorri għal somma f'daqqa *"fejn ikun xieraq"* li tkun ikkalkulata pereżempju fuq il-bażi ta' imposta jew ħlasijiet li kienu jkunu dovuti kieku l-użu kien awtorizzat.

5.4 Il-Kumitat jenfasizza li l-kunċetti tal-liġi kriminali *"serq"*, *"tixħim"*, *"qerq"* li jinsabu fl-Artikolu 3 tal-proposta għal direttiva huma maħsuba biex jikkjarifikaw il-kunċett ta' *"l-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali"*.

5.5 L-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li toħloq armonizzazzjoni tar-rimedji ċivili biex il-kumpaniji innovattivi jkunu jistgħu jiddefendu b'mod effettiv is-sigrieti kummerċjali tagħhom fl-Unjoni kollha. L-Artikolu 5 "*Obbligu Ġenerali*" huwa kkunsidrat f'dan ir-rigward bħala elokwenti peress li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu miżuri, proċeduri u rimedji sabiex (il-Kumitat jisħaq) ikun disponibbli rimedju ċivili.

5.6 Jidher ukoll li l-proposta għal Direttiva tittratta s-sigriet kummerċjali bħala forma ta' proprjetà intellettwali, apparti n-natura esklużiva. Fil-fatt, il-protezzjoni li hemm implimentata hija viċin ħafna tal-proċeduri previsti fit-termini tad-Direttiva tal-KE 2004/48 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bħad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, il-marki kummerċjali, id-disinni jew il-privattivi li ġiet adottata f'April 2004, li r-reviżjoni tagħha hija wkoll taħt konsiderazzjoni. Rigward l-Artikolu 4, il-KESE jemmen li huwa kruċjali li impjegat, mingħajr ir-riskju li jwettaq ksur f'dan ir-rigward, għandu jkun jista' jikkonsulta rappreżentant ta' trejdjunjin dwar l-iżvelar ta' nuqqas jew xi sitwazzjoni oħra fil-post tax-xogħol. Il-KESE jemmen li d-Direttiva għandha sservi ta' protezzjoni kontra ritaljazzjoni għall-impjegati li jużaw il-possibbiltajiet previsti fl-Artikolu 4.

5.7 F'dan ir-rigward, il-Kumitat jinsab sodisfatt, b'rabta mad-dibattiti rikorrenti dwar l-abbuż tal-proċedura ta' qbid ta' ffalsifikar ([2]), proċedura mhux kuntradittorja, li l-proposta titbiegħed madankollu mid-Direttiva KE 2004/48, filwaqt li tenfasizza fl-Artikolu 10(2) li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-proporzjonalità tal-miżuri provviżorji u kawtelatorji.

5.8 L-assimilazzjoni tas-sigriet kummerċjali għal forma ta' proprjetà intellettwali testendi saħansitra tant li tinkorpora l-kunċett ta "prattiki kummerċjali onesti" fil-proposta Dan il-kunċett diġà jeżisti fil-Ftehim TRIPS.

---

([2]) Qorti tal-Kassazzjoni, Ċivili, Kamra Kummerċjali, 12 ta' Frar 2013, 11-26,361 "il-Kumpanija internazzjonali Vetrotech Saint-Gobain"; it-3 kamra tat-TGI ta' Pariġi, 15 ta' Novembru 2011 "il-Kumpaniji JCB" ikkummentat minn Laurent Labatte, Marks & Clerk Franza, Konsulenti dwar il-proprjetà industrijali.

5.9 Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, min-naħa tagħha, kellha l-opportunità tinterpreta l-kunċett ta "użu onest" ([3]) meħud mid-Direttiva 89/104/KEE biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-marki kummerċjali.

5.10 Minkejja l-avvanzi sinifikanti fil-proposta, l-adozzjoni tad-direttiva ma teħlisx lill-kumpanniji milli jimplimentaw il-miżuri preventivi kollha meħtieġa biex jipproteġu s-sigrieti kummerċjali tagħhom, kif ukoll il-miżuri tekniċi, organizzattivi u kuntrattwali.

5.11 Ghalhekk tidher simplistika wisq biex tillimita l-informazzjoni li tista' tidentifika s-sigrieti kummerċjali mill-informazzjoni li għandha valur kummerċjali immedjat, minħabba li xi informazzjoni ta' natura ekonomika, industrijali, teknika jew xjentifika jista' ma jkollhiex valur kummerċjali dirett iżda potenzjali, partikolarment meta din l-informazzjoni tħaddan data ta' riċerka u żvilupp tekniku jew xjentifiku.

5.12 Il-KESE jipproponi li titkompla l-lista stabbilita f'Artikolu 4(1) billi jiżdied li l-ksib ta' sigriet kummerċjali huwa kkunsidrat legali meta jirriżulta minn:

e) l-eżerċitar tal-obbligi tar-rappurtar tal-membri tal-bord tad-diretturi jew il-bord superviżorju tal-kumpaniji elenkati.

5.13 Barra minn hekk il-KESE jipproponi li titkompla l-lista stabbilita f'Artikolu 4(2) billi magħha jiżdied li l-membri għandhom jiżguraw li l-miżuri, proċeduri u rimedji previsti f'din id-Direttiva ma japplikawx jekk il-ksib, l-użu u l-iżvelar allegat tas-sigrieti kummerċjali jseħħu f'waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi:

f) żvelar tas-sigrieti kummerċjali b'rabta mal-eżerċizzju tal-obbligi tar-rappurtar imposti fuq il-membri tal-bord tad-diretturi jew tal-bord superviżorju tal-kumpaniji elenkati.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

---

([3]) Ara b'mod partikolari d-Direttiva 89/104/KEE biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-marki kummerċjali u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "użu onest" QĠKE 15 ta' Marzu 2005, il-każ C 228/03 Gillette Company Gillette group Finland Oy kontra LA laboratories Oy.

*ANNESS*

## għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dan il-punt tal-opinjoni tas-Sezzjoni Speċjalizzata ġie mmodifikat biex jirrifletti l-emenda adottata mill-Assemblea, iżda rċieva aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 59(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

**Punt 4.5**

4.5 *Sabiex jingħelbu dawn l-ostakli, il-kumpaniji ta' spiss jinkludu ftehimiet ta' kunfidenzjalità fil-kuntratti tagħhom mal-impjegati jew sottokuntratturi tagħhom.*

**Riżultat tal-votazzjoni tal-emenda**

| | |
|---|---|
| Voti favur: | 80 |
| Voti kontra: | 46 |
| Astensjonijiet: | 10 |

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail"**

*COM(2013) 922 final – 2013/0445 (NLE)*

(2014/C 226/10)

Relatur ġenerali: **is-Sur Mendoza Castro**

Nhar il-11 ta' Frar 2014, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail*

COM(2013) 922 final – 2013/0445 (NLE).

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu tal-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu) li jaħtar lis-Sur Mendoza Castro bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b'177 vot favur, l-ebda vot kontra u 3 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva S2R, li hija kontribut importanti għall-industrija ferrovjarja Ewropea.

1.2 Il-KESE jenfasizza l-importanza potenzjali tal-S2R għall-impjieg, peress li fis-sistema ferrovjarja kollha jaħdmu mat-tliet miljun ruħ.

1.3 Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-UE għal perjodu fit-tul l-industrija ferrovjarja għandha bżonn twettaq bidla li ma tkunx biss teknika iżda wkoll kulturali.

1.4 Il-baġit totali previst għall-S2R huwa ta' EUR 920 miljun, li huwa inqas mill-investiment meħtieġ, stmat għal EUR 1,4 biljun. Dan ser jeħtieġ li tiġi prijoritizzata r-riċerka.

1.5 Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-S2R sabiex l-industrija ferrovjarja Ewropea tikkompeti f'suq globali ta' EUR 146 biljun fis-sena.

1.6 L-impriżi Ewropej Kumpaniji Ewropej jitilfu l-kontroll kontra l-kompetituri Asjatiċi tagħhom, li qegħdin jinvestu ħafna fir-riċerka u l-iżvilupp. Kull darba, is-suq globali qiegħed jippreżenta aktar sfidi minħabba li qegħdin jiżdiedu l-parteċipanti fil-prodotti u s-setturi kollha.

1.7 Is-sistema ta' sinjalar ERTMS hija eżempju ta' kif ir-rieda għall-kooperazzjoni għandha teċċedi l-interess nazzjonali.

1.8 Skont il-KESE, ir-riċerka għandha tagħti prijorità lill-azzjonijiet relatati mas-sigurtà tal-persuni, l- effiċjenza ekonomika u l-informazzjoni lill-utenti tal-ferroviji.

1.9 Il-ħames programmi ta' riċerka (IP) tal-S2R ikopru l-oqsma u l-għanijiet ewlenin ta' livell għoli.

1.10 Il-KESE jqis utli li jiġi definit min hu sid il-prodotti li joħorġu mir-riċerka. Il-kwistjoni relatata mal-proprjetà intellettwali u l-brevetti hija ċentrali, iżda l-proposta tal-Kummissjoni ma tindirizzax dawn l-aspetti.

1.11 L-industrijalizzazzjoni tal-prodotti li jirriżultaw minn riċerka ffinanzjata mill-Unjoni għandha titwettaq f'territorju Ewropew.

1.12 B'differenza għal dak li tistabbilixxi l-proposta tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea għandha tkun l-unika entità responsabbli mid-definizzjonijiet tekniċi dwar l-interoperabbiltà.

## 2. **Sfond u kontenut tal-Proposta għal Regolament**

2.1 Il-White Paper dwar il-politika tat-trasport ([1]) u r-raba' pakkett ferrovjarju ([2]) jistabbilixxu l-kuntest ta' suq intern kbir tal-ferroviji ([3]).

2.2 Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Orizzont 2020 hu li tissaħħaħ l-industrija Ewropea permezz ta' azzjonijiet li jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni f'firxa ta' setturi industrijali ewlenin.

2.3 L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) ser ikollha l-istatut ta' "korp tal-Unjoni" (Artikolu 187 tat-TFUE, Artikolu 209 tar-Regolament Finanzjarju).

2.4 Barra minn hekk, l-S2R hija meħtieġa sabiex jiġu indirizzati problemi serji attwali: il-frammentazzjoni tal-isforzi minn diversi regoli u sforzi nazzjonali toħloq ostakli li jimpedixxu milli l-prodotti industrijali komuni jintużaw fis-settur ferrovjarju u jipprevjenu l-awtorizzazzjonijiet trasversali għall-prodotti ferrovjarji, it-tnaqqis sfurzat fl-isforzi tar-riċerka f'kumpaniji ferrovjarji mexxejja, l-investiment baxx mis-settur privat u pubbliku u ż-żieda fir-riskji finanzjarji.

2.5 L-għanijiet tal-S2R huma:

— li tiġi appoġġjata l-Istrateġija Teknika Ferrovjarja, li l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ppubblikat fi Frar 2014;

— li jsir tnaqqis ġenerali sa 50 % tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja;

— li jkun hemm żieda ta' 100 % fil-kapaċità tas-sistema tat-trasport ferrovjarju;

— li l-affidabbiltà u l-puntwalità tas-servizzi tittejjeb b'50 %;

— li tittejjeb l-interoperabbiltà; u

— li jitnaqqsu l-fatturi negattivi, bħall-istorbju.

2.5.1 Għandu jiġi stabbilit proċess ta' validazzjoni sabiex b'mod kwantitattiv jiġi mmonitorjat kif ir-riżultati futuri tal-S2R ser jikkontribwixxu b'mod konkret għall-ksib ta' dawn l-għanijiet ta' livell għoli. L-inġinerija ta' kwalità u l-ġestjoni tar-rekwiżiti huma approċċi ta' livell għoli li jippermettu superviżjoni minima tal-progress relatat mal-għanijiet u, għalhekk, dawn l-approċċi għandhom jiġu inklużi fl-S2R b'mod professjonali.

2.6 L-S2R ser tiffoka l-attività tagħha fuq erba' modi tas-sistema ferrovjarja:

— Trasport interoperabbli b'veloċità għolja tal-passiġġieri.

— Trasport interoperabbli reġjonali tal-passiġġieri.

— Trasport urban/suburban mhux interoperabbli tal-passiġġieri.

— Trasport interoperabbli tal-merkanzija.

2.7 Il-finanzjament ser ikun ipprovdut mill-Unjoni, li ser tagħti kontribut massimu ta' EUR 450 miljun u mill-membri l-oħra, li għandhom jipprovdu mill-inqas EUR 470 miljun.

2.8 Dan għandu jdum sal-31 ta' Diċembru 2024.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 *L-importanza tal-S2R.*

Il-KESE jappoġġja b'mod entużjast l-inizjattiva S2R, peress li din hija kontribut prinċipali għall-industrija Ewropea f'settur strateġiku bħall-ferroviji. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' l-integrazzjoni b'saħħitha tal-impriżi ferrovjarji fl-abbozz.

---

([1]) Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, COM(2011) 144 final.

([2]) Ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju – Tlestija taż-żona ferrovjarja unika Ewropea biex jitrawmu l-kompetittività u tkabbir fl-Ewropa, COM (2013) 25 final.

([3]) ĠU C 327, 12.11.2013, p.122.

3.2 *Impjieg*

Il-KESE jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-S2R għall-impjieg. Fl-Ewropa huwa stmat li madwar 400 000 persuna hija impjegata direttament jew indirettament mill-fornituri tas-settur. Barra minn hekk, aktar minn 1 350 000 persuna jaħdmu għall-amministraturi tal-infrastruttura Ewropej u għall-kumpaniji li joperaw il-ferroviji. L-impjieg fis-settur tal-ferroviji urbana probabbilment huwa sinifikanti bl-istess mod u n-numru totali ta' impjiegi fis-settur jitla' għal madwar tliet miljuni.

3.3 *Sfida kbira għall-industrija ferrovjarja Ewropea*

Il-Kumitat jinnota li sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-UE għal perjodu fit-tul hemm bżonn ta' bidla profonda li ma tkunx biss teknika iżda wkoll kulturali. Minbarra l-istabbiliment ta' standards u miżuri ta' armonizzazzjoni, l-UE għandha tippromovi qafas transnazzjonali konġunt ta' ħidma.

3.4 *Finanzjament*

Il-Kumitat japprezza l-infiq involut fl-S2R. Madankollu, il-baġit totali previst – EUR 920 miljun – għandu jiġi estiż permezz ta' fondi addizzjonali peress li l-S2R teħtieġ investiment totali li huwa stmat għal EUR 1,4 biljun. Jekk dan ma jseħħx, ikun jeħtieġ li tiġi stabbilita ordni ta' prijorità fl-attivitajiet differenti tal-S2R.

3.5 *Attivitajiet addizzjonali*

Il-baġit totali jinkludi previżjoni ta' EUR 120 miljun għall-kontributi għal "attivitajiet addizzjonali". Dawn huma attivitajiet li l-membri tal-Impriża Konġunta ser iżidu mal-investiment tagħhom fir-R&Ż appoġġjat mill-fondi tal-UE. Dak l-ammont għalhekk mhux ser ikun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

3.6 *Is-suq globali tal-industrija ferrovjarja*

Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-S2R sabiex tinżamm il-kompetittività tal-industrija Ewropea, li madankollu tipproduċi iktar mill-50 % tat-total globali tat-tagħmir u tas-servizzi ferrovjarji (fl-Ewropa, 80 %). Il-volum totali tas-suq huwa stmat għal EUR 146 biljun fis-sena, għalkemm il-parti "aċċessibbli" ta' dan is-suq tilħaq il-EUR 106 biljun fis-sena ([4]).

3.7 *L-Ewropa qed titlef postha*

Huwa fatt magħruf tajjeb li l-pajjiżi Ażjatiċi qegħdin jinvestu sostanzjalment fir-R&Ż għall-industriji ferrovjarji nazzjonali tagħhom. Il-kumpaniji Ewropej jinsabu taħt pressjoni kbira mill-kompetituri Ażjatiċi tagħhom. Is-suq globali qed ikun dejjem aktar ta' sfida għall-industrija ferrovjarja Ewropea peress li hemm dejjem aktar u aktar parteċipanti fil-prodotti u s-setturi kollha. Filwaqt li huwa tassew diffiċli biex ikun hemm kompetizzjoni mal-kumpaniji Ażjatiċi fil-prezzijiet, l-industrija ferrovjarja Ewropea għadha taqdi rwol importanti fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni.

3.8 *Ir-rwol tal-SMEs*

3.8.1 Sabiex ikun hemm l-innovazzjoni fis-suq ferrovjarju, il-prodotti jridu jkunu industrijalizzati, għalhekk hemm il-bżonn tal-mexxejja dinjija/ġganti industrijali li jikkummerċjalizzaw is-soluzzjoni innovattiva żviluppata fl-S2R.

3.8.2 Madankollu, il-KESE japprezza li l-SMEs ser jaqdu wkoll rwol importanti fl-S2R permezz ta' tliet modi possibbli:

— billi jiffurmaw clusters u japplikaw għal pożizzjoni ta' membru assoċjat, waqt li jikkommettu 2,5 % tal-valur ta' Programm ta' Innovazzjoni (iffinanzjat bis-47,6 %);

— billi jiftħu sejħiet għal proposti (EUR 135 miljun disponibbli għal dan u ffinanzjati 100 %);

— billi jsiru sottokuntratturi ta' wieħed mill-membri tal-Impriżi Konġunti (membri fundaturi jew membri assoċjati). Dawn l-attivitajiet ser ikollhom ukoll rata ta' finanzjament ta' 100 %.

([4]) Roland Berger "World Rail Market Study, forecast 2012-2017". (Studju dwar is-suq ferrovjarju globali, previżjonijiet għall-2012-2017).

3.9 *L-eżempju tal-ERTMS*

Is-sistema ta' sinjalar ERTMS – li ġiet stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea – turi li r-rieda għall-kooperazzjoni għandha teċċedi l-interess nazzjonali. L-ERTMS probabbilment hija l-akbar sfida sabiex jinkiseb is-suċċess tal-industrija ferrovjarja peress li saret l-aktar sistema użata fil-ferroviji mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll f'ħafna pajjiżi tad-dinja, bil-potenzjal ta' interoperabilità sħiħa. Għalhekk jeħtieġ li jittieħdu sforzi b'saħħithom għar-riċerka biex jinkisbu l-għanijiet ta' interoperabilità sħiħa u biex tiżdied il-kapaċità kif ukoll titnaqqas l-ispiża tal-implimentazzjoni.

3.10 *Fil-qosor, l-S2R hija pass fid-direzzjoni t-tajba*

Għall-ewwel darba, il-kumpaniji prinċipali tal-industrija ferrovjarja Ewropea (li jikkompetu ma' xulxin) iddeċidew li jikkooperaw u jaħdmu fuq programm komuni ta' riċerka.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 *Riċerka u żvilupp (R&Ż)*

4.1.1 Fuq l-istruttura tad-Direttiva dwar l-interoperabilità ([5]), il-programm propost tar-R&Ż jinkludi: materjal fuq ir-roti fuq il-ferroviji tal-merkanzija u l-passiġġieri, infrastruttura, sistema ta' kontroll remot u sinjalar.

4.1.2 Il-KESE jinnota li jkun utli li fil-programmi tingħata prijorità lill-azzjonijiet biex jiżdiedu s-sigurtà tan-nies u l-effiċjenza ekonomika tal-ferroviji. It-teknoloġiji ġodda għandhom itejbu wkoll l-informazzjoni għall-utenti tal-ferroviji.

4.2 *Programmi ta' innovazzjoni*

Il-Kumitat jinnota li l-S2R hija magħmula minn ħames programmi ta' innovazzjoni identifikati mill-esperti li jaħdmu taħt il-koordinazzjoni tal-UNIFE.

4.2.1 (IP1) Teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija u l-massa għall-ferroviji ta' kapaċità għolja

4.2.1.1 Huwa propost li tinħoloq ġenerazzjoni futura ta' ferroviji eħfef u aktar effiċjenti mil-lat ta' enerġija, b'inqas ħsara għall-binarji u inqas impatti ambjentali. It-teknoloġiji ġodda għandhom jinkludu: sistemi ta' trazzjoni (*traction drives*), sistemi ta' kontroll u sewqan (TCMS), chassis (*car body shell*) b'materjali eħfef, materjal fuq ir-roti (*running gear*), sistemi tal-brejkijiet u bibien.

4.2.1.2 L-għanijiet ta' livell għoli tal-IP1 huma:

— li tiżdied il-kapaċità fiżika tal-vetturi u jiġi promoss it-tisħiħ tal-kapaċità tat-trasport tal-linji ferrovjarji;

— li jitnaqqsu l-interruzzjonijiet fl-ivvjaġġar għall-passiġġieri billi jiżdiedu l-affidabbiltà u d-disponibbiltà tat-tħaddim tal-vetturi, jew billi jintużaw komponenti fundamentalment aktar affidabbli jew permezz ta' arkitetturi affidabbli ta' sistemi/sottosistemi;

— li jitnaqqsu l-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi (tnaqqis tal-manutenzjoni, konsum tal-enerġija, eċċ.) u ta' sottosistemi oħra li huma marbuta mal-vetturi (tnaqqis tal-ħsara fil-binarji, eċċ.);

— li tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u titnaqqas il-massa tal-vettura;

— li tiżdied il-kapaċità li jkun hemm konnessjoni bejn l-unitajiet għal aktar flessibbiltà operattiva.

([5]) ĠU L 191, 18.7.2008, p.1.

4.2.2 (IP2) Sistemi Avvanzati għall-Ġestjoni u l-Kontroll tat-Traffiku

4.2.2.1 Storikament, is-suq ferrovjarju uża soluzzjonijiet nazzjonali differenti għas-sinjalar ta' linji prinċipali. Fis-suq tas-sinjalar, hemm soluzzjonijiet differenti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urbani (is-sistema ta' kontroll tal-ferroviji bbażata fuq il-komunikazzjoni (CBTC)) u l-S2R ser tinvestiga l-possibbiltà u l-kapaċità għal interoperabbiltà/standardizzazzjoni/integrazzjoni akbar fl-ERTMS għal dawn il-ħtiġijiet.

4.2.2.2 L-għanijiet ta' livell għoli tal-IP2 huma:

— li tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' sistemi ta' sinjalar u kontroll sabiex ikun hemm ġestjoni intelliġenti tat-traffiku b'ferroviji misjuqa b'mod awtomatiku (mingħajr konduttur) u jiżdiedu l-kapaċità u l-affidabbiltà waqt li jitnaqqsu b'mod drastiku l-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja għall-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-infrastruttura;

— li tinżamm id-dominanza tal-ERTMS bħala soluzzjoni għas-sinjalar tal-ferroviji u s-sistemi ta' kontroll fid-dinja kollha permezz ta' metodi professjonali ta' speċifikazzjonijiet formali u miftuħa sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà sħiħa bi prezz raġonevoli;

— li jiġu estiżi s-sinerġiji u l-interoperabbiltà mas-setturi ferrovjarji urbani u tat-trasport kollettiv;

— li jitnaqqsu l-interruzzjonijiet fl-ivvjaġġar għall-passiġġieri billi jiżdiedu l-affidabbiltà operattiva u d-disponibbiltà tat-trasport ferrovjarju, jew billi jintużaw komponenti fundamentalment aktar affidabbli jew permezz ta' arkitetturi ta' sistemi/sottosistemi;

4.2.3 (IP3) Infrastruttura ta' Kapaċità Għolja u Kosteffiċjenti

4.2.3.1 Hemm erba' oqsma ta' riċerka:

— Punti ġodda fejn il-linji tal-ferroviji jaqsmu ma' xulxin (Switches & Crossings – S&C): titjib tas-S&C eżistenti u kunċett ġdid għat-tibdil fid-direzzjoni tal-ferroviji (Mechatronic S&C) sabiex jonqsu l-istorbju, il-każijiet ta' dewmien minħabba nuqqasijiet f'tagħmir bħal dan u l-ispejjeż tal-manutenzjoni.

— Binarji innovattivi b'mod radikali. Ottimizzazzjoni tan-netwerk kollu tal-binarji: tfassil ġdid tal-binarji kollha sabiex tiġi ottimizzata r-reazzjoni għat-traffiku u l-iżvilupp/l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda.

— Manutenzjoni intelliġenti tal-infrastruttura: soluzzjonijiet ġodda għar-reġistri tal-assi ferrovjarji, għodda ta' kejl u monitoraġġ l-aktar reċenti, manutenzjoni skont l-użu minflok skont il-kundizzjoni (inġinerija tal-manutenzjoni) u manutenzjoni skont id-disinn ser jikkontribwixxu aktar sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, tiżdied il-kapaċità u jitnaqqas l-istorbju.

— Effiċjenza fl-użu tal-enerġija: integrazzjoni innovattiva tal-enerġija ta' rkupru, tagħmir għall-ħażna tal-enerġija fil-qiegħ tal-binarji, użu effiċjenti tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll l-interazzjoni intelliġenti mal-grilja tal-elettriku, ser ipoġġu lill-ferroviji fuq quddiem ta' din it-teknoloġija.

4.2.4 (IP4) Soluzzjonijiet tal-IT għal ferroviji attraenti u mingħajr interruzzjonijiet

4.2.4.1 Mhuwiex previst li tinħoloq pjattaforma komuni, iżda qafas ta' interoperabbiltà fejn dawk li jixtiequ jistgħu sempliċiment idaħħlu l-iżviluppi tagħhom abbażi ta' interfaċċji miftuħa, u b'hekk tiġi evitata d-dipendenza tas-sistema kollha tad-distribuzzjoni globali. B'dan il-mod, l-esperjenza tal-ivvjaġġar issir il-prodott. L-attivitajiet attwali ta' riċerka u żvilupp tal-industrija ferrovjarja għandhom jiġu inklużi fil-proġett.

4.2.5 (IP5) Teknoloġiji għal merkanzija Ewropea sostenibbli u attraenti

4.2.5.1 L-isfida ewlenija tal-IP5: li jiġi definit il-progress kollu mil-lat teknoloġiku u ta' proċess li huwa neċessarju għat-twettiq ta' waħda mill-għanijiet prinċipali mill-White Paper: 30 % tat-traffiku fi-triq imur lejn it-trasport ferrovjarju u l-passaġġi navigabbli sal-2030 u 50 % sal-2050. Il-KESE jirrakkomanda – bil-għan li fuq kollox jiġi aċċettat it-trasport tal-merkanzija bil-ferroviji – li tiġi integrata r-riċerka dwar il-protezzjoni kontra l-istorbju fl-IP5.

4.3 *Sistemi ta' pjattaformi ta' demostrazzjoni (SPD)*

4.3.1 Il-KESE jinnota li l-għan S2R mhuwiex biss li jinħolqu prototipi iżda prodotti totalment operattivi sabiex jintużaw fis-sistemi ferrovjarji. It-teknoloġiji u l-innovazzjonijiet il-ġodda żviluppati fi ħdan il-Programm tal-Innovazzjoni tal-S2R ser jiġu ppreżentati f'kundizzjonijiet reali jew simulati permezz tad-Demonstraturi Teknoloġiċi Integrati. Is-sistemi ta' pjattaformi ta' demostrazzjoni tal-S2R jipproponu li jiġu żviluppati u murija dawn it-teknoloġiji sabiex jaslu għal livell ta' maturità teknoloġika li huwa biżżejjed għal ġenerazzjoni ġdida ta' sistemi ferrovjarji.

4.3.2 Il-post fejn ser jiġu installati d-Demonstraturi Teknoloġiċi Integrati għadu ma ġiex definit peress li dan għandu jsir fi tmiem l-inizjattiva S2R. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni hija f'idejn il-membri futuri tal-Impriża Konġunta (membri fundaturi u membri assoċjati) u l-Kummissjoni Ewropea. Il-valutazzjoni virtwali jew fiżika tal-SPDs ser tiddependi l-iktar mid-definizzjoni u r-riżultati tad-Demonstraturi Teknoloġiċi Integrati.

4.4 *Privattivi*

4.4.1 Minħabba s-sistema ta' finanzjament multiplu u kompost stabbilita u l-volum sinifikanti ta' riżorsi Komunitarji impenjati, il-Kumitat jikkunsidra li jeħtieġ li jiġu definiti b'mod preċiż l-użu u l-allokazzjoni tal-prodotti finali tar-riċerka li ser jitnedew mix-Shift2Rail. Fid-dawl ta' dan il-kwistjoni tal-proprjetà intellettwali u l-privattivi hija ċentrali. Il-kontenut tagħhom u l-mod tagħhom kif jiffunzjonaw għandhom ikunu parti minn artikolu li jkun inkluż fit-test innifsu tar-Regolament. F'opinjonijiet li adotta dwar l-impriżi komuni "Mediċi innovattivi", "Clean Sky", "ENIAC" u "Ċelloli tal-Fjuwil", il-KESE kien diġà indika dan in-nuqqas u r-riskji li jġib miegħu. Fl-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (JTI) preżenti, dan in-nuqqas jista' jsir iżjed sensittiv milli diġà hu f'każ li l-prodott finali tar-riċerka jkun ta' interess għall-impriżi li jkunu direttament f'kompetizzjoni ma' xulxin fis-suq (Ara l-punt 3.10 ta' din l-Opinjoni).

4.4.2 Fi kwalunkwe każ, il-Kumitat isostni li jeħtieġ li jiġi żgurat li l-invenzjonijiet iffinanzjati minn fondi pubbliċi jservu l-interess pubbliku. Għal dan il-għan, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-mekkaniżmi li jippromovu qligħ fuq l-investiment tal-fondi tal-UE u għandu jiġi żgurat li l-industrijalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka tal-impriża konġunta titwettaq fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

4.5 *Ħolqien ta' standards ta' interoperabbiltà*

4.5.1 L-istatuti tal-Impriża Komuni Shift2Rail (Anness 1, punt 2h) jipprevedu li l-impriża *"[t]iġbor flimkien ir-rekwiżiti u [t]iddefinixxi l-istandards tal-interoperabbiltà biex [t]iggwida l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni lejn soluzzjonijiet operazzjonali u kummerċjalizzabbli"*. Il-memorandum ta' spjegazzjoni (punt 3.3) tal-proposta għal Regolament jikkonferma dan.

4.5.2 Dan il-prinċipju għandu jiġi rrifjutat minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

— it-tfassil tal-istandards m'għandux ikun f'idejn korpi kostitwiti bħal intrapriżi pubbliċi-privati u li l-qasam ta' azzjoni tagħhom huwa limitat ħafna. Ir-rekwiżit minimu għall-ispeċifikazzjonijiet jew l-istandards tekniċi għandu jkun li dawn jiġu stabbiliti f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha, jew bil-kunsens tagħhom jew billi jiġu infurmati. L-istatuti tax-Shift2Rail jikkontradixxu lil xulxin b'mod radikali;

— id-Direttiva attwali dwar l-interoperabbiltà (Direttiva 2008/57/KE) diġà stabbilixxiet qafas legali fil-livell tal-UE li jirregola l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà. Il-proġetti relatati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà ser jitħejjew mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea abbażi tal-verifika tas-sottosistemi f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet u l-imsieħba soċjali;

— l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ser tgawdi biss minn statut ta' osservatur (Artikolu 11 tal-Anness). F'xi każijiet, l-aġenzija ser tieħu ħsieb il-koordinazzjoni, għalkemm *de facto* ser ikunu l-Kummissjoni u t-tmien impriżi bħala membri fundaturi biss li jistgħu jiddeċiedu. Diffiċli li wieħed jifhem għalfejn qed issir duplikazzjoni tal-kompetenzi istituzzjonali fil-livell tal-UE.

4.5.3 B'konsegwenza, it-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà jista' jsir biss mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment"**

*COM(2014) 66 final – 2014/0034 (COD)*

(2014/C 226/11)

Relatur Ġenerali: **is-Sur SMYTH**

Nhar it-18 ta' Frar 2014 u nhar l-24 ta' Frar 2014, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment*

COM(2014) 66 final – 2014/0034 (COD).

Nhar il-25 ta' Frar 2014, il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-497 Sessjoni Plenarja tiegħu tal-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu) li jaħtar lis-Sur Smyth bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b'133 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 3 astensjonijiet.

## 1. **Introduzzjoni**

1.1 Il-KESE jappoġġa l-isforz biex jiġi rikapitalizzat il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) sabiex ikun jista' jespandi r-rwoli tiegħu bħala provveditur ta' kapital ta' riskju lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jikbru malajr u li huma innovattivi.

1.2 Id-deċiżjoni biex jiżdied il-kapital sottoskritt tal-FEI b'somma li tilħaq sa EUR 1,5 biljun hija spinta sinifikanti fil-potenzjal ta' investiment tal-FEI fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u l-istaġnar tal-ekonomija Ewropea, u għaldaqstant huwa tajjeb li wieħed jistaqsi jekk din iż-żieda hijiex żgħira wisq?

1.3 Sondaġġi u data reċenti dwar il-finanzjament tal-SMEs u s-self tal-banek juru li l-ikbar problema urġenti li qed jiffaċċjaw l-SMEs hija l-aċċess għall-finanzjament (kemm investiment kif ukoll kapital operatorju). It-tkabbir fis-self tal-banek lin-negozji naqas f'kull wieħed mill-aħħar tliet xhur. Filwaqt li l-mandat tal-FEI huwa speċifiku għal negozji innovattivi u li għandhom rati għolja ta' tkabbir, jidher li hemm bżonn ta' rikapitalizzazzjoni akbar tal-Fond sabiex ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu dejjem iżjed

1.4 Il-KESE jtenni l-appell tiegħu biex il-FEI jiġi rikapitalizzat b'mod sostanzjali sabiex jaqdi r-rwol li oriġinarjament ġie maħsub għalih – jiġifieri fond ta' kapital ta' riskju Ewropew u b'mandat speċjali biex jiffinanzja start-ups ta' teknoloġija avvanzata.

1.5 Il-KESE jipproponi li 20 % tal-profitt nett jitħallas f'dividendi u jintuża biex ikopri parti mill-ispejjeż taż-żieda fil-kapital. Il-KESE jappoġġja t-tentattiv biex jiġi bilanċjat il-qligħ finanzjarju u dak politiku tal-FEI u li jiġu ingaġġati istituzzjonijiet finanzjarji adatti biex jiżdied il-kapital sottoskritt.

## 2. **Il-proposta**

2.1 Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jaqdi żewġ rwoli ewlenin:

— forniment ta' kapital ta' riskju biex titjieb il-provvista ta' dan il-kapital għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jikbru malajr u li huma innovattivi;

— l-għoti ta' garanziji u inizjattivi oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tas-self ta' istituzzjonijiet finanzjarji lill-SMEs.

2.2 Il-Fond juża l-fondi proprji tiegħu u huwa wkoll ġestjonarju ta' għadd ta' programmi tal-UE, bħall-Orizzont 2020 u COSME, fis-snin li ġejjin. Il-FEI qed jistenna li jirdoppja l-espożizzjoni tiegħu għar-riskji ta' kapital ta' garanzija u ta' kapital ta' riskju u għaldaqstant hija essenzjali żieda fil-kapital tal-Fond. Bħalissa l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huwa l-azzjonista bil-maġġoranza tal-ishma tal-FEI (62,1 %). L-azzjonisti l-oħra huma l-Unjoni Ewropea (30 %) u 24 istituzzjoni finanzjarja pubblika u privata (7,9 %).

2.3 Il-proposta hija li jiżdied il-kapital sottoskritt tal-Fond minn EUR 3 biljun għal EUR 4,5 biljun, li minnhom 20 % huma kapital imħallas. Din iż-żieda fil-kapital se żżid il-kapaċità tal-FEI għal attivitajiet ta' tisħiħ tal-kreditu u tistimola bejn EUR 11-il biljun u EUR 20 biljun ta' self lill-SMEs fl-2014 u l-2015.

## 3. **Kummenti dwar il-proposta**

3.1 Mal-ewwel daqqa t'għajn, ir-rikapitalizzazzjoni tal-FEI hija żvilupp pożittiv ċar. Data mill-BĊE juru li s-self totali lin-negozji naqas f'kull wieħed mill-aħħar tliet xhur sa Jannar 2014. Is-sondaġġ l-iżjed reċenti dwar is-self mill-banek juri li l-aċċess għall-finanzjament huwa l-ikbar problema urġenti li qed jiffaċċjaw l-SMEs fiż-żona tal-euro, għalkemm id-distribuzzjoni ġeografika kienet tvarja. Il-fatturi ewlenin li jaffettwaw il-ħtieġa tal-SMEs għal finanzjament estern kienu kapital operatorju u ħtiġijiet ta' investiment fiss. Ir-rikapitalizzazzjoni tal-FEI se tindirizza parti minn din il-problema iżda l-ħtieġa hija enormi.

3.2 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikapitalizzazzjoni tal-FEI. Huwa jinnota li l-Kunsill Ewropew ta' Diċembru appella lill-Kummissjoni u lill-BEI biex jespandu iżjed il-kapital tal-FEI u qed jistenna r-riżultat ta' din il-proposta. F'Opinjonijiet preċedenti l-Kumitat qajjem xi tħassib dwar ir-rwol tal-FEI u issa qed itenni dan l-istess tħassib ([1]).

3.3 Iż-żieda fil-kapital tal-FEI ser tgħin biex jinkiseb l-għan tal-ħolqien ta' kapaċità ta' investiment kapitali suffiċjenti biex jiġu appoġġjati l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku tal-kumpaniji kollha tal-Istati Membri. Sabiex jinkiseb dan il-għan b'nefqa baġitarja minima, il-KESE jirrakkomanda li fil-laqgħa annwali tal-FEI 2014 tittieħed deċiżjoni biex 20 % tal-qligħ ġdid jitħallas bħala dividendi. Il-KESE jqis li jkun utli jekk id-dividendi annwali li għandhom jiġu applikati bejn l-2014 u l-2017 għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Fond jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat estern u jintużaw biex ikopru parti mill-ispejjeż għaż-żeda fil-kapital. Il-KESE jappoġġja t-tentattiv li jiġu bbilanċjati r-riżultati politiċi u finanzjarji tal-FEI u li tinżamm bis-sħiħ l-istruttura tripartitika. F'dan ir-rigward jappella biex jiġu aċċettati istituzzjonijiet aktar simili bħala partijiet interessati ġodda.

3.4 Meta tfassal oriġinarjament fl-1993, ġie rakkomandat li l-FEI għandu jappoġġa negozji mhux biss permezz ta' garanziji ta' ekwità u ta' self iżda wkoll billi jistabbilixxi fond Ewropew ta' kapital ta' riskju ta' somma li tilħaq sa EUR 60 biljun. L-għan kien li jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' kapital ta' riskju privat fl-Ewropa meta mqabbel mal-Amerika ta' Fuq u biex titnaqqas id-dipendenza fuq self b'interessi fissi li jippenalizza impriżi ġodda u dawk li għadhom fi stadju bikri. Meta ġie stabbilit l-FEI fl-1994, ir-rwol ta' kapital ta' riskju ġie xi ftit sottovalutat u beda jiddomina r-rwol ta' garanzija għal self.

3.5 Il-KESE huwa tal-fehma li l-FEI għandu jkollu mandat ta' kapital ta' riskju iktar b'saħħtu, kif kien maħsub oriġinarjament.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

([1]) ĠU C 143, 22.05.2012, p. 10.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali"**

*COM(2013) 821 final – 2013/0407 (COD),*

**"il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali"**

*COM(2013) 822 final – 2013/0408 (COD),*

**"il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew"**

*COM(2013) 824 final – 2013/0409 (COD) u*

**"l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-progress fl-Aġenda tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-Salvagwardji Proċedurali mogħtija lil Persuni Suspettati jew Akkużati – It-Tisħiħ tas-Sisien tal-Ispazju Ewropew għall-Ġustizzja Kriminali"**

*COM(2013) 820 final*

(2014/C 226/12)

Relatur: **is-Sur Verboven**

Nhar it-13 u t-22 ta' Jannar 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali*

COM(2013) 821 final – 2013/0407 (COD),

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali*

COM(2013) 822 final – 2013/0408 (COD),

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew*

COM(2013) 824 final – 2013/0409 (COD).

Nhar is-27 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-progress fl-Aġenda tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-Salvagwardji Proċedurali mogħtija lil Persuni Suspettati jew Akkużati – It-Tisħiħ tas-Sisien tal-Ispazju Ewropew għall-Ġustizzja Kriminali*

COM(2013) 820 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-12 ta' Marzu 2014.

Matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'139 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 9 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kumitat jilqa' u japprova l-proposti għal Direttivi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza, il-protezzjoni proċedurali tat-tfal u l-gruppi vulnerabbli u l-għajnuna legali provviżorja.

1.1 Madankollu, il-Kumitat għandu xi suġġerimenti li l-għan tagħhom hu li jissaħħu l-prinċipji u l-għanijiet ta' dawn il-proposti.

1.2 Fir-rigward tal-preżunzjoni tal-innoċenza, il-Kumitat jixtieq jenfasizza li ħadd mhu ħati qabel tinqata' s-sentenza finali, u dan id-dritt huwa invjolabbli. Il-Kumitat jenfasizza li l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema legali titlob li l-imħallfin ikunu immuni għal kwalunkwe pressjoni u influwenza ta' kwalunkwe natura, inkluż b'mod partikolari l-midja. B'rabta ma' dan, il-midja, mingħajr ħsara għal-libertà tal-istampa garantita mill-kostituzzjoni, m'għandhomx jassumu r-rwol tal-qrati.

1.3 Fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal fil-proċedimenti kriminali l-Kumitat jixtieq jenfasizza li t-tfal isibu ruħhom f'qagħda ferm vulnerabbli meta tittiħdilhom il-libertà minħabba r-riskji inerenti li dan iġib miegħu għall-integrità mentali u fiżika tagħhom. B'rabta ma' dan, il-Kumitat jenfasizza wkoll li għandha tingħata prijorità lill-inizjattivi intiżi għall-integrazzjoni mill-iktar fis fil-ħajja soċjali u ċivili tat-tfal li jkunu qed jiffaċċjaw proċedimenti kriminali.

1.4 Fir-rigward tal-għajnuna legali provviżorja, il-KESE jaqbel li l-prinċipji tal-proposta għal Direttiva japplikaw ukoll għal persuni soġġetti għal mandat ta' arrest Ewropew. Il-Kumitat jappoġġja wkoll ir-rakkomandazzjoni li l-kriterji għad-deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' għajnuna legali fi proċedimenti kriminali jkunu aktar armonizzati. Il-Kumitat jinnota, madankollu, li l-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali ma tistax tiġi mhedda minħabba d-diffikultajiet baġitarji li qed jiffaċċjaw xi Stati Membri. B'hekk titqajjem il-kwistjoni dwar kemm jistgħu jiġu allokati fondi Ewropej, pereżempju, f'forma ta' fond Ewropew.

1.5 Il-Kumitat jinnota li l-proposti għal Direttivi dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza u l-protezzjoni tat-tfal fil-proċedimenti kriminali japplikaw biss fil-kuntest ta' proċediment kriminali. Il-Kumitat jikkunsidra li l-kunċett ta' proċedimenti kriminali, b'konformità mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għandu jkun jista' jiġi interpretat b'mod awtonomu fil-liġi Ewropea, indipendentement mill-klassifika ta' proċedimenti fl-Istati Membri. Sabiex din il-possibbiltà għal interpretazzjoni awtonoma tiġi żgurata bl-aħjar mod, il-Kumitat jirrakkomanda li, meta jitqiesu dawn il-proposti għal direttivi, titneħħa l-premessa li s-salvagwardji mhumiex applikabbli għall-proċeduri amministrattivi li jwasslu għal penali.

1.6 Fir-rigward tal-proċedura in absentia msemmija fl-Artikolu 8 tal-proposta għal Direttiva dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza, il-Kumitat jinnota li skont din id-dispożizzjoni, proċediment kriminali fl-assenza tal-akkużat jista' jsir biss meta jiġi stabbilit inekwivokabbilment li dan kien jaf bil-kawża skedata. Peress li dan jista' jwassal għal diffikultajiet prattiċi meta l-konvenut ma jkollux post ta' residenza magħrufa, il-Kumitat jirrakkomanda b'mod espliċitu li l-Istati Membri jitħallew jipprevedu ċitazzjoni speċifika għall-persuni mingħajr post magħruf ta' residenza (pereżempju f'għassa tal-pulizija).

2. **Sommarju tal-proposti tal-Kummissjoni**

2.1 Nhar is-27 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat pakkett ta' miżuri ġodda dwar is-salvagwardji proċedurali fi proċedimenti kriminali.

2.2 Dan il-pakkett ikompli fuq programm leġislattiv dwar is-salvagwardji proċedurali fi proċedimenti kriminali, li jinkludi d-Direttiva 2010/64/UE dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, id-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni u d-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat u d-dritt li terza persuna tiġi informata meta tiġi mċaħħda l-libertà.

2.3 Bl-introduzzjoni ta' salvagwardji proċedurali minimi fi proċedimenti kriminali, dan il-programm leġislattiv jimmira li, minn naħa, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea jkollhom dritt għal smigħ ġust madwar l-Unjoni kollha, u min-naħa l-oħra, li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka tal-Istati Membri fis-sistemi ġudizzjarji rispettivi biex jittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet legali.

2.4 Il-pakkett eżistenti jħaddan tliet proposti għal Direttivi. Dawn jirrigwardaw il-preżunzjoni tal-innoċenza, il-protezzjoni proċedurali tat-tfal matul il-proċedimenti kriminali u d-dritt għal għajnuna legali provviżorja fi proċedimenti kriminali.

2.4.1 Rigward il-proposta għal Direttiva dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza

2.4.1.1 Li l-persuni akkużati jew imputati fi proċedimenti kriminali jkunu preżunti innoċenti sakemm il-qorti ssib li huma ħatja, huwa wieħed mill-iktar prinċipji importanti tal-proċedura kriminali u huwa element kruċjali tad-dritt għal proċess imparzjali. Il-kontenut tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ġie żviluppat fil-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2.4.1.2 Il-proposta għal Direttiva timmira li tiġbor ċerti aspetti tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li ġie żviluppat b'dan il-mod, f'direttiva, biex b'hekk l-applikazzjoni effettiva tal-preżunzjoni tal-innoċenza fl-Unjoni Ewropea tkun tista' tiġi żgurata bl-aħjar mod.

2.4.1.3 Fost l-aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza regolati mid-Direttiva nsibu: (1) il-projbizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi li f'dikjarazzjonijiet pubbliċi u uffiċjali jirreferu għal persuna akkużata daqs li kieku diġà ġiet ikkundannata; (2) il-fatt li l-oneru tal-provi ta' ħtija huwa tal-awtorità ta' prosekuzzjoni u li, f'każ ta' dubju, l-akkużat għandu jkun liberat; (3) id-dritt kontra l-awtoinkriminazzjoni u dak li wieħed ma jikkooperax, (4) id-dritt li wieħed jibqa' sieket; (5) id-dritt tal-akkużat li jkun preżenti għall-proċess tiegħu.

2.4.2 Rigward il-proposta għal Direttiva dwar il-garanziji proċedurali għal tfal fi proċedimenti kriminali

2.4.2.1 Id-Direttiva 2010/64/UE ġiet adottata sabiex jiġi garantit id-dritt għal proċess ġust għall-persuni li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċediment. Madankollu, jista' jkun hemm ostakoli oħra apparti dawk lingwistiċi li minħabba fihom il-persuna akkużata ma tkunx tista' ssegwi l-proċedimenti kriminali jew tieħu sehem fihom b'mod xieraq, bħal pereżempju l-età minorenni jew id-diżabilità mentali tal-akkużat.

2.4.2.2 Sabiex jitħares id-dritt għal proċedimenti ġusti għat-tfal, il-Kummissjoni ħejjiet proposta għal Direttiva. Din id-Direttiva hija intiża biex tissalvagwardja d-dritt għal proċess ġust billi tiggarantixxi (1) id-dritt tat-tfal u tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri li jiksbu informazzjoni dwar id-drittijiet addizzjonali li jistgħu jingħataw lit-tfal taħt din id-Direttiva jew it-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali, (2) titjib tal-assistenza ta' avukat, (3) id-dritt għal valutazzjoni individwali, (4) id-dritt għal eżami mediku meta tiġi mċaħħda l-libertà, (5) l-obbligu ta' reġistrazzjoni awdjoviżiva għas-smigħ tat-tfal, (6) il-fatt li d-detenzjoni tista' tkun biss miżura tal-aħħar istanza fil-każ tat-tfal, (7) trattament speċjali f'każ ta' detenzjoni, (8) id-dritt għal trattament f'waqtu u bir-reqqa tal-każ, (9) it-trattament tal-każ bil-magħluq, (10) id-dritt tat-tfal u d-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri li jkunu preżenti fil-proċedimenti kriminali, (11) id-dritt għall-għajnuna legali.

2.4.2.3 Hemm garanziji simili previsti għall-adulti li jinstabu f'pożizzjoni vulnerabbli, iżda, minħabba d-diffikultà tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "adulti f'pożizzjoni vulnerabbli", il-Kummissjoni għażlet li ma tpoġġix dawn il-garanziji f'direttiva iżda f'rakkomandazzjoni.

2.4.3 Rigward il-proposta għal Direttiva dwar għajnuna legali provviżorja

2.4.3.1 Id-Direttiva 2013/48/UE tipprevedi d-dritt għall-assistenza ta' avukat. Sabiex dan id-dritt ikun applikabbli għal kulħadd jeħtieġ li l-għajnuna legali tkun provduta lil kull persuna li m'għandhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji biex tħallas avukat.

2.4.3.2 Il-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni dwar il-kriterji għall-aċċess għal għajnuna legali u għal garanzija tal-kwalità u l-effettività tal-għajnuna. Dan jinvolvi biss rakkomandazzjoni għall-ispejjeż li jistgħu jinqalgħu għall-Istati Membri u għall-prinċipju relatat tal-proporzjonalità tal-azzjonijiet tal-Unjoni.

2.4.3.3 Sabiex l-għajnuna legali tkun garantita fil-każijiet fejn hija l-aktar meħtieġa, il-Kummissjoni qed tipproponi Direttiva dwar għajnuna legali provviżorja. B'mod partikolari, il-proposta għal Direttiva tipprevedi li l-Istati Membri jkunu obbligati jipprovdu għajnuna legali direttament – jiġifieri qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat dwar l-għoti (jew iċ-ċaħda) ta' għajnuna legali – fiż-żewġ każijiet li ġejjin: (1) meta persuna tkun iċċaħħdet mil-libertà tagħha, (2) meta Stat Membru kompetenti jkun ħa l-libertà ta' persuni soġġetti għal mandat ta' arrest Ewropew.

## 3. **Kummenti**

3.1 Il-Kumitat jilqa' u japprova l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea u jqishom b'mod ferm pożittiv.

3.2 Madankollu, jistgħu jitqajmu għadd ta' punti ta' tħassib dwar it-testi ppreżentati, li huma deskritti hawn taħt u li huma ta' natura kemm ġenerali kif ukoll legali u teknika. Dan it-tħassib bl-ebda mod ma jnaqqas l-appoġġ tal-Kumitat għall-prinċipji bażiċi u l-għanijiet tal-proposti sottomessi, iżda l-għan tiegħu hu li jsaħħaħhom.

3.3 *Kummenti ġenerali*

3.3.1 Il-preżunzjoni tal-innoċenza

3.3.1.1 Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ it-tisħiħ tal-preżunzjoni tal-innoċenza kif stabbilita fil-proposta għal Direttiva biex jissaħħu xi aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

3.3.1.2 Il-Kumitat jixtieq jenfasizza li ħadd mhu ħati qabel ma tingħata s-sentenza u dan huwa dritt invjolabbli. Il-Kumitat jenfasizza li l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema legali titlob li l-imħallfin ikunu immuni għal kwalunkwe pressjoni u influwenza ta' kwalunkwe natura, inkluż b'mod partikolari l-midja. B'rabta ma' dan, il-midja, mingħajr ħsara għal-libertà tal-istampa garantita mill-kostituzzjoni, m'għandhomx jassumu r-rwol tal-qrati.

3.3.2 Is-salvagwardji proċedurali tat-tfal u l-persuni vulnerabbli

3.3.2.1 Il-Kumitat jappoġġja wkoll bis-sħiħ it-tisħiħ tad-drittijiet ta' persuni vulnerabbli fi proċedimenti kriminali u tat-tfal b'mod partikolari, kif stabbilit fil-proposta għal Direttiva dwar salvagwardji ewlenin għat-tfal u fir-Rakkomandazzjoni proposta biex jiġi żgurat li l-persuni vulnerabbli jiġu rikonoxxuti bħala tali u li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tagħhom.

3.3.2.2 It-tfal li, ħafna drabi minħabba ċ-ċirkostanzi soċjali jew l-ambjent tagħhom, iduru għall-kriminalità jibqgħu f'pożizzjoni vulnerabbli ħafna jekk tittiħdilhom il-libertà, minħabba r-riskji li dan iġib miegħu għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali tagħhom.

3.3.2.3 Barra minn hekk, il-Kumitat jenfasizza li għandha tingħata prijorità lill-inizjattivi intiżi għall-integrazzjoni mill-iktar fis fil-ħajja soċjali u ċivili tat-tfal li jkunu qed jiffaċċjaw proċedimenti kriminali.

3.3.2.4 Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni li tipprevedi li d-dritt tat-tfal għall-għajnuna legali obbligatorja japplika wkoll għall-proċeduri penali li jistgħu jwasslu biex il-kawża titwaqqa' b'mod definittiv, il-Kumitat iqis li jkun utli li jiġi speċifikat li dan id-dritt japplika fil-qafas tal-miżuri alternattivi ta' segwitu.

3.3.3 L-għajnuna legali provviżorja

3.3.3.1 Il-Kumitat jaqbel mal-prinċipji li jinsabu fil-proposta għal Direttiva, u li skonthom l-"għajnuna legali provviżorja" tiġi garantita meta aċċess għal avukat ikun l-iktar meħtieġ.

3.3.3.2 Il-Kumitat iqis bħala pożittiv li dawn il-prinċipji jiġu applikati wkoll għal persuni soġġetti għal mandat ta' arrest Ewropew. Fl-aħħar nett, il-Kumitat japprova r-rakkomandazzjoni biex il-kriterji tad-deċiżjonijiet dwar id-dritt għal għajnuna legali fi proċedimenti kriminali jkunu aktar armonizzati.

3.3.3.3 Il-Kumitat jinnota, madankollu, li l-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali ma tistax tiġi mhedda minħabba diffikultajiet baġitarji li xi Stati Membri qed jiffaċċjaw. B'hekk titqajjem il-kwistjoni dwar kemm jistgħu jiġu allokati riżorsi fil-livell Ewropew, pereżempju, f'forma ta' fond Ewropew.

3.4 *Riservi legali u tekniċi*

3.4.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposti għal Direttivi dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza u l-protezzjoni tat-tfal fi proċedimenti kriminali

3.4.2 Fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal Direttiva dwar it-tisħiħ ta' xi aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza kif ukoll tal-proposta għal Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal fi proċedimenti kriminali jiġi speċifikat b'mod ċar li din il-protezzjoni tapplika biss fil-qafas ta' proċedimenti kriminali.

3.4.3 Fit-test tal-proposta m'hemmx speċifikat eżattament x'għandu jinftiehem bi "proċedimenti kriminali". Dan iqajjem il-mistoqsija dwar jekk il-proċedimenti msemmija jirreferu biss għal dawk li l-Istati Membri jikkwalifikaw bħala "proċedimenti kriminali", jew jekk il-kunċett ta' "proċedimenti kriminali" kif użat fil-proposti għal Direttiva huwiex usa' u jista' jkopri wkoll pereżempju proċedimenti amministrattivi li jimponu sanzjonijiet.

3.4.4 Skont il-każistika stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), il-kwistjoni ta’ jekk il-proċedimenti huma meqjusa ta’ natura kriminali jew le tiġi evalwata skont il-kriterji Engel, jiġifieri (1) il-klassifika tar-reat fil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat, (2) in-natura tar-reat u (3) in-natura u s-severità tas-sanzjoni. Għalhekk għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dritt għal proċess ġust, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tqis ħafna proċedimenti amministrattivi bħala proċedimenti kriminali. L-għan ta’ din il-każistika huwa li jiġi evitat li l-Istati Membri jipprovdu salvagwardji fundamentali stabbiliti fil-Konvenzjoni, sempliċiment permezz tal-klassifika li jipprovdu għall-proċedimenti.

3.4.5 Għalhekk huwa xieraq li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-inqas titħalla tinterpreta l-kunċett ta’ “proċedimenti kriminali” indipendentement mill-kwalifika fil-liġi nazzjonali. Inkella, hemm riskju reali li s-salvagwardji stabbiliti fid-Direttivi ma jilħqux l-għanijiet tagħhom.

3.4.6 Madankollu, fis-sitt premessa tal-proposta għal Direttiva dwar it-tisħiħ ta’ xi aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza, huwa stabbilit b’mod ċar li d-Direttiva tapplika biss għal proċedimenti kriminali u li l-proċedimenti amministrattivi li jwasslu għal sanzjonijiet mhumiex koperti minn din id-Direttiva.

3.4.7 Din il-premessa għandha tipprevjeni interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta’ “proċedimenti kriminali” bħal dik irrakkomandata u meqjusa meħtieġa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kuntest tal-garanzija tal-istess drittijiet u prinċipji li huma s-suġġett tad-Direttivi. Għalhekk, il-Kumitat jemmen li din il-premessa aħjar titħassar.

3.4.8 Proċedimenti in absentia msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva proposta dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza

3.4.9 L-Artikolu 8 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu biss għall-possibbiltà fejn il-qorti kriminali tista’ tilħaq deċiżjoni meta l-akkużat ma jkunx preżenti jekk din il-persuna tkun ikkonvokata personalment u fil-ħin u għaldaqstant tkun infurmata bid-data u l-post ippjanati tal-proċess, jew tkun irċeviet informazzjoni uffiċjali b’mezzi oħra dwar id-data u l-post ippjanati ta’ dak il-proċess b’tali mod li ġie stabbilit ***inekwivokabbilment*** li hija kienet konxja mill-proċess ippjanat.

3.4.10 L-Artikolu 8 ma jipprevedix il-possibbiltà li l-proċedimenti jkomplu għaddejjin (in absentia) meta r-residenza tal-persuna kkonċernata ma tkunx magħrufa, u għalhekk il-persuna ma tkunx tista’ tiġi notifikata. Possibbiltà waħda tkun li ċ-ċitazzjoni tiġi ppreżentata f’għassa tal-pulizija.

Brussell, 25 ta’ Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara aċċidenti nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika" Abbozz imressaq skont l-Artikolu 31 tat-Trattat tal-Euratom għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

*COM(2013) 943 final – 2013/0451 NLE*

(2014/C 226/13)

Fit-12 ta' Frar 2014, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat Euratom, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara aċċidenti nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika*

COM(2013) 943 final – 2013/0451 NLE.

Billi l-Kumitat diġà ta fehmtu dwar il-kontenut ta' din il-proposta fl-Opinjoni tiegħu CES-6207-2013_00_00_TRA_AC adottata fis-16 ta' Ottubru 2013 (*), iddeċieda, matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu tal-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), b'127 vot favur, 7 voti kontra u 13-il astensjoni, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

(*) Opinjoni tal-KESE NAT/621 dwar l-Abbozz ta' proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara aċċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, ĠU 2014/C 67/39, paġna 183 tas-6 ta' Marzu 2014.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 89/608/KEE, 90/425/KEE u 91/496/KEE dwar ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni żooteknika"**

*COM(2014) 4 final – 2014/0033 COD*

(2014/C 226/14)

Fil-25 ta' Frar 2014, u fid-19 ta' Marzu 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 89/608/KEE, 90/425/KEE u 91/496/KEE dwar ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni żooteknika*

COM(2014) 4 final – 2014/0033 COD.

Billi l-Kumitat diġà ta fehmtu dwar il-kontenut ta' din il-proposta fl-Opinjoni tiegħu CES4014-2013_00_00_TRA_AC, adottata fis-16 ta' Ottubru 2013 (*), u CES 1331/88, adottata fl-14 ta' Diċembru 1988 (**) iddeċieda, matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu tal-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tal-25 ta' Marzu), b'135 vot favur, 3 voti kontra u 17-il astensjoni, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jirreferi għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti imsemmija.

Brussell, 25 ta' Marzu2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

(*) Opinjoni NAT/611 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 1/2005, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 834/2007, (KE) Nru 1099/2009, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru […]/2013, u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali)"COM(2013) 265 final – 2013/0140 (COD), u dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE", ĠU 2014/C 67/34, paġna 166 tas-6 ta' Marzu 2014.

(**) ESC opinion AGR/326 on the Proposal for a Council Regulation (EEC) concerning veterinary checks in intra-Community trade with a view to the completion of the internal market, on the Proposal for a Council Regulation (EEC) on intensifying controls on the application of the veterinary rules, and on the Proposal for a Council Regulation (EEC) amending Regulation (EEC) No 1468/81 on mutual assistance between the administrative authorities of the Member States and cooperation between the latter and the Commission to ensure the correct application of the law on customs or agricultural matters, OJ 1989/C 56, page 20 of 6 March 1989 (mhux disponibbli bil-Malti)

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għall-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' annimali għat-tnissil u tal-prodotti ġerminali tagħhom"**

*COM(2014)5 final – 2014/0032 COD*

(2014/C 226/15)

Fil-25 ta' Frar 2014 u fid-19 ta' Marzu 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għall-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' annimali għat-tnissil u tal-prodotti ġerminali tagħhom*

COM(2014)5 final – 2014/0032 COD

Billi l-Kumitat diġà ta fehmtu dwar il-kontenut ta' din il-proposta fl-Opinjonijiet tiegħu CES 4014-2013_00_00_AC, adottata fis-16 ta' Ottubru 2013* (*) u CES 1334/88 adottata fl-14 ta' Diċembru 1988 (**), iddeċieda, matul l-497 sessjoni plenarja tiegħu tal-25 u s-26 ta' Marzu 2014 (seduta tas-25 ta' Marzu), b'135 vot favur, 3 voti kontra u 17-il astensjoni, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti imsemmija.

Brussell, 25 ta' Marzu 2014

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

(*) Opinjoni tal-KESE NAT/611 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nri 1151/2012, [….]/2013, u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali) u dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/26/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE, ĠU 2014/C 67/34, paġna 166 tas-6 ta' Marzu 2014.

(**) Opinjoni tal-KES AGR/337 dwar the Proposal for a Council Regulation (EEC) laying down zootechnical and pedigree requirements for the marketing of purebred animals, ĠU 89/C 56/10, paġna 25 tas-6 ta' Marzu 1989 (mhux disponibbli bil-Malti).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT